# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT

## 2015

MALTA
EKONOMIJA B'SAĦĦITHA

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2015

10 ta' Ottubru 2015

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru,
Berġa' ta' Kastilja
Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Website: http://www.opm.gov.mt

Cataloguing-in-Publication Data
Malta. Uffiċċju tal-Prim Ministru
It-Twettiq tal-Baġit, 2015
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2015

29.7, 21 cm
ISBN: 978-99957-0-857-3

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara
mid-Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place,
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €5.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MEAIM | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali |
| MFA | Ministeru għall-Affarijiet Barranin |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MSDEC | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima |
| MTI | Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MSDC | Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MEH | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa |
| MFSS | Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |

DAĦLA

Għat-tieni sena konsekuttiva qed jiġi ppubblikat ir-rapport li jelenka t-twettiq tal-miżuri tal-Baġit. Rapport li jitfa' dawl fuq il-mod ta' kif qed topera din l-amministrazzjoni – bi ppjanar u koordinament u allura konsistenza, flimkien mat-trasparenza li sseddaq il-kontabbiltà. Dan hu l-eżerċizzju wara din il-pubblikazzjoni li telenka l-mod kif twettaq il-Baġit għall-2015.

Hekk jixraqlu l-pajjiż. Pajjiż konsistenti u kontabbli f'ħidmietu jqanqal sens ta' fiduċja kemm mill-poplu li jkun għażlu kif ukoll mill-ġirien u organizzazzjonijiet internazzjonali li rridu naħdmu mill-qrib magħhom.

Is-sena li għaddiet beda eżerċizzju koordinat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni li kien qed jara u jsegwi dak li kien qed jiġi mwettaq matul is-sena 2014. Din is-sena dan l-eżerċizzju kompla jissaħħaħ, tant li żdied il-moniteraġġ u l-ippjanar. Żdied il-moniteraġġ biex nassiguraw li jitwettaq dak li ġie mwiegħed, fejn kulħadd huwa kontabbli għal għemilu. Il-moniteraġġ jurik fejn sejjer tajjeb u juri wkoll fejn mhux sejjer daqstant tajjeb. Jagħtik indikazzjoni jekk għandekx tbiddel ir-rotta jew inkella tkomplix fl-istess triq li kont ippjanat għaliha. Din hija l-konsistenza bħalma din hija l-kontabbiltà. Assigurazzjoni li flus il-poplu qed jiġu utilizzati bl-aħjar mod possibbli.

Ir-rapport reġa' tħejja mill-id amministrattiva tal-Gvern: is-Servizz Pubbliku. Is-Servizz Pubbliku għadda minn tiġdid sħiħ f'dawn l-aħħar sentejn u nofs u se jibqa' għaddej tiġdid biex jibqa' jogħla l-livell ta' kwalità tas-servizz mogħti f'kull qasam. Din is-sena kienet ukoll sena ta' deċiżjonijiet. Deċiżjonijiet li ttieħdu bil-għan li s-Servizz Pubbliku jirrifletti u jadatta għaż-żmien li qed jaħdem fih. Deċiżjonijiet li jwasslu għal professjonalità akbar. Għalhekk it-tieni edizzjoni ta' dan ir-rapport. Rapport li jpoġġi ħidmet il-Gvern għall-iskrutinju tal-poplu. Iżda mhux biss. Huwa permezz ta' dan l-iskrutinju li nistgħu nkomplu ntejbu lilna nfusna u l-mod kif naħdmu. L-iskrutinju u l-kritika ma jdejquniex. Anzi nħossu li jsaħħuna għax nisimgħu u fejn jinħtieġ intejbu, intejbu. Hekk biss inkunu nistgħu nilħqu l-aspettattivi tal-poplu.

Ta' kull sena l-Baġit jelenka l-miżuri li se jkun qed jieħu l-Gvern is-sena ta' wara. Il-Baġit mhuwiex sempliċiment wishlist iżda pjan ta' fejn irridu naslu sas-sena ta' wara, pjan li jitħejja b'dedikazzjoni u jiġi implimentat b'dedikazzjoni. Biex inkomplu nżidu mat-trasparenza u l-kontabbiltà, din is-sena se nkunu qed nelenkaw dawk il-miżuri tas-sena li għaddiet li għalkemm ma kinux twettqu matul l-2014, twettqu din is-sena. Hekk il-poplu jingħata rendikont ta' dak li kien għadu pendenti u li iżda twettaq din is-sena.

Minnu nnifsu dan jixhed rieda li nwettqu. Inwettqu mhux biex inkunu wettaqna jew inbiddlu biex inkunu biddilna, imma nwettqu u nbiddlu għax hemm il-ħtieġa u l-urġenza li jsir hekk. Hemm bosta miżuri li qed isiru biex dan iseħħ. Mhux miżuri iżolati minn xulxin imma oġġettivi magħquda b'għanijiet speċifiċi li jwasslu għall-viżjoni aħħarija. Din il-pubblikazzjoni hija oġġettiv minnhom imma mhix unika u għal rasha.

**Mario Cutajar**
Is-Segretarju Permanenti Ewlieni

# UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Id-Dipartiment tal-Artijiet se joħroġ skema sabiex dawk il-garaxxijiet kollha li qegħdin fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern, kemm jekk mogħtija b'kera kif ukoll jekk b'ċens, ikunu jistgħu jinxtraw mill-inkwilini u ċenswalisti rispettivi, l-arja tal-garaxx ma tkunx inkluża dejjem sakemm il-Gvern ikollu t-titolu tagħhom. Dan jaffettwa 2,400 garaxx tal-Gvern.** | GPD | L-iskema tnediet fi Frar, | Beda l-proċess ta' verifika fuq l-applikazzjonijiet milqugħa. | Tkompla x-xogħol ta' proċessar ta' applikazzjonijiet. | Mistenni li jibda l-proċess biex jitħejjew numru ta' kuntratti għall-bejgħ. | L-implimentazz-joni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Se nenfasizzaw aktar fuq it-taħriġ tal-ħaddiema tal-IPSL u fuq sforzi akbar li diġà nbdew biex jinstabu impjiegi permanenti li jagħtu karrieri lil dawn il-ħaddiema.** | IPSL (RSS - Resource Support and Services Ltd.) L-IPSL biddlet isimha għal RSS. | Bdew diskussjonijiet mal-entitajiet biex jiġu identifikati l-ħaddiema konċernati u jiġu offruti impjieg permanenti. | Tkomplew id-diskussjonijiet interni mal-istakeholders konċernati. | Ġie fformalizzat l-eżerċizzju mwettaq permezz tal-ħruġ ta' Ċirkulari interna. | Mistenni li tidħol fis-seħħ iċ-Ċirkulari u tiġi riflessa f'kull sejħa li toħroġ għan-nom tas-Servizz Pubbliku. | L-implimentazz-joni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se noħorġu skema għall-ħwienet tal-Belt fejn il-ħwienet kollha li huma proprjetà tal-Gvern, jingħataw l-opportunità li japplikaw għal titolu ta' ċens u mhux dak ta' kirja. B'hekk, il-kerrejja ta' dawn il-ħwienet ikunu jistgħu jinvestu aktar u jkollhom aktar ċertezza fit-titolu tagħhom. Fil-bidu, eliġibbli għal din l-iskema se jkunu l-kerrejja u ċ-ċenswalisti kollha attwalment rikonoxxuti tal-ħwienet tal-Gvern fil-Belt. Eventwalment, din l-iskema tinfetaħ anke għall-ħwienet oħra proprjetà tal-Gvern, fi nħawi oħra ta' Malta u Għawdex.** | GPD | Inbdew il-preparamenti neċessarji titnieda din l-iskema. | L-iskema tnediet f'Mejju. F'dan l-istadju, din infetħet għall-ħwienet li jinsabu fil-Belt. | Beda l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li intlaqgħu fid-Dipartiment. | L-ewwel kuntratti ta' ċens mistennija jsiru lejn l-aħħar t'Ottubru. | L-implimentazz-joni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Illum għandna sitwazzjoni fejn il-funzjonijiet tal-infurzar huma mxerrda bejn bosta awtoritajiet. Irridu naraw jekk jagħmilx sens li dawn il-funzjonijiet jiġux ikkonsolidati, kollha jew uħud minnhom, f'entità waħda. Għal dan il-għan, il-Gvern se joħroġ White Paper biex, filwaqt li jħares l-impjiegi, jara kif jista' jnaqqas kemm jista' jkun il-burokrazija.** | OPM | Inbeda x-xogħol għat-tħejjija tal-White Paper. | Saret riċerka u ġew evalwati sistemi barra minn Malta biex jiġu adottati l-aħjar prattiċi f'pajjiżna. | Il-White Paper ġiet ippubblikata u qeda fi proċess ta' konsultazzjoni. | Jintemm il-proċess ta' konsultazzjoni. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Biex innaqqsu l-ammont ta' ħin li wieħed ikollu jistenna għal deċiżjoni, id-Dipartiment tal-Artijiet se jniedi inizjattiva li permezz tagħha l-pubbliku jkun jista' jordna pjanti onlajn u mbagħad jintbagħtulu bil-posta biex b'hekk iċ-ċittadin ikun jista' jinqeda mill-kumdità ta' daru.** | GPD / MHAS | Saru laqgħat mal-kumpanija li ntagħżlet biex tipprovdi s-sistema. Il-kumpanija ssottomettiet pjan tal-proġett komplut inkluż l-ispejjeż involuti. Il-MITA ser tkun qed tinforma dwar l-ispejjeż meħtieġa rigward is-servizzi li ser tkun qed tipprovdi. | Inħarġu l-istimi mingħand il-fornitur u għaddew għall-proċess biex tinħareġ il-purchase order u biex ix-xogħol ikun jista' jibda. L-imsemmi purchase order inħareġ u x-xogħol inbeda. | Qed jigi implimentat t-tibdil neċessarju fis-software u s-servers, filwaqt li qiegħed ukoll ikompli x-xogħol fuq l-iżvilupp. | Mistenni li jitkompla x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Skema ta' Regolarizzazzjoni ta' proprjetajiet fil-Qawra/ San Pawl il-Baħar.** | GPD | Bdew id-diskussjonijiet mal-istakeholders kkonċernati fuq l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders. | Tkomplew id-diskussjonijiet u saret aktar riċerka fuq l-art involuta. | Huwa mistenni li l-proċess li ser iwassal għal skema ta' regolarizzazzjoni jitkompla. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Il-firda fir-responsabilitajiet tal-MEPA tiġi ffinalizzata.** | OPM / MSDEC | | Bdew id-diskussjonijiet dwar din il-miżura. | Il-firda fir-risponsabiltajiet tal-MEPA għaddew għall-konsultazzjoni mal-pubbliku. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Il-Gvern se jsebbaħ l-ispazji pubbliċi tal-Pjazza ta' Kastilja.** | OPM | Ġew ipproċessati u maħruġa t-tenders marbuta ma' dan il-proġett. Sar xogħol preparatorju fuq diversi żoni inkluż riallokazzjoni ta' diversi siġar u monumenti. Sar ix-xogħol ta' skavar għal servizzi ġodda. Ġew ipproċessati t-tenders għal pavimentar ġdid. | Ingħataw diversi tenders, fosthom għax-xogħol ta' pavimentar. Tkomplew ix-xogħolijiet fuq is-sistemi ta' servizzi u pavimentar ġdid. | Tkomplew ix-xogħolijiet fuq il-pavimentar u l-infrastruttura, filwaqt li twaħħlu dwal ma' diversi binjiet li jdawwlu Pjazza Kastilja. Ġew installati mill-ġdid il-monumenti li kienu tneħħew. | Dan il-proġett mistenni jitlesta sal-aħħar kwart tas-sena. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ħarġet sejħa għal espressjoni ta' interess għal proġetti ta' riklamazzjoni tal-art u l-Gvern beda wkoll jidentifika liema huma l-proġetti illi potenzjalment jistgħu jingħataw prijorità.** | GPD | Inbeda l-proċess tal-għażla tal-proposti milqugħa fid-Dipartiment. | Bdew diskussjonijiet mal-istakeholders biex il-proposti milqugħa jiġu evalwati fid-dawl tal-ħrug tal-ISPED. | Tnieda d-dokument tal-ISPED u tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders kkonċernati. | Huwa mistenni li jitkomplew id-diskussjonijiet u titlesta l-evalwazzjoni tal-proposti milqugħa. Mistenni wkoll li jinbdew il-preparamenti meħtieġa biex applikanti magħżula jibdew jintalbu jissottomettu l-applikazzjoni formali tagħhom quddiem il-MEPA. | L-implimentazz-joni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Fis-sena li ġejja, l-istrutturi tal-Gvern se jkomplu jissaħħu biex ikomplu jwettqu r-rwol tagħhom ta' koordinazzjoni kontinwa kif ukoll biex ikunu ċentrali fil-preparamenti għall-Presidenza ta' Malta fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tul l-ewwel sitt xhur tal-2017.** | MEAIM / OPM | Bdew id-diskussjonijiet għat-tisħiħ tal-istrutturi tal-Gvern. | L-istrutturi tal-Gvern ġew imsaħħa bi preparazzjoni għall-Presidenza ta' Malta fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. | | | L-implimentazz-joni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Wara li kmieni din is-sena, il-Gvern kien ħareġ sejħa ta' interess għar-riġenerazzjoni tas-Suq l-Antik fi Triq Merkanti, bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta għas-sena 2018 kienu daħlu 'l fuq minn 20 proposta konkreta. L-għażla finali għandha titħabbar fi ftit ġimgħat. Ix-xogħol fuq is-Suq l-Antik huwa mistenni li jibda s-sena d-dieħla u jitlesta qabel l-2018.** | OPM | Imħabbra l-kumpanija nkarigata mir-riġenerazzjoni tas-Suq tal-Belt. | Fi stadju ta' Parlament. Diskussjonijiet għaddejin fil-Kumitat tal-Verifika. | Fi stadju ta' Parlament. Diskussjonijiet għaddejin fil-Kumitat tal-Verifika. | | L-implimentazz-joni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

# MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U TWETTIQ TAL-MANIFEST ELETTORALI

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jitressqu l-istrumenti legali li permezz tagħhom se niffurmaw il-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali li fih se jmorru l-parti l-kbira tal-fondi mill-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment biex jintużaw għall-ġid tal-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin.** | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru | L-Ordni tal-2015 dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija dwar il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali (Avviż Legali 2 tal-2015) ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. | | | | Implimentata. |
| **Il-Gvern se jagħmel tibdil fl-użu ta' numru ta' swali u kmamar fil-Palazz tal-President sabiex dan jintuża għall-Presidenza tal-Unjoni Ewropea.** | Uffiċċju għall-Presidenza | Tlestew il-pjanti li jindikaw ir-restawr li hemm bżonn isir u ġew sottomessi applikazzjonijiet lill-MEPA.<br><br>Saru wkoll laqgħat mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali biex jiġi assigurat li l-interventi ppjanati jirrispettaw l-aspett kulturali tal-post. | Ġew ippubblikati tenders għal xogħol ta' restawr fil-btieħi tal-Palazz kif ukoll fuq il-faċċata tal-bini fi Triq l-Arċisqof. | Beda x-xogħol fuq il-faċċata tal-Palazz fi Triq l-Arċisqof. Saru wkoll b'mod regolari laqgħat ma' entitajiet li ser ikunu involuti fix-xogħlijiet li jridu jsiru fil-Palazz tal-Gran Mastri. Inħarġu wkoll numru ta' offerti għal xogħol relatat mal-bdil fl-użu tas-swali li ser jintużaw għall-Presidenza. | Ix-xogħol fil-btieħi tal-Palazz u fuq il-faċċata ta' fuq Triq l-Arċisqof mistenni jitlesta. Huwa mistenni wkoll li numru ta' offerti li nħarġu jiġu evalwati u assenjati. | Implimentata |
| **Huwa mistenni li jiġu ppubblikati l-ewwel sejħiet għal proposti ta' proġetti ġodda hekk kif jiġi mniedi l-Programm ta' Finanzjament ġdid għas-snin 2014-2020.** | Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinament tal-Prjoritajiet (PPCD) | Preavviż għal sejħiet taħt iż-żewġ Programmi Operattivi prinċipali (OPI u OPII) inħareġ fis-17 ta' Marzu. | Is-sejħiet ġew ippubblikati fl-10 ta' Mejju 2015. | | | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Awtonomija Amministrattiva għall-Parlament Malti. Matul is-sena d-dieħla, se jittieħdu l-passi legali u amministrattivi kollha sabiex l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna tissaħħaħ kif indikat fir-rapport u l-abbozz ta' leġiżlazzjoni imħejjija mill-President tal-Kamra.** | Direttorat għall-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni tal-programmi (PDPI) | Il-Gvern żied l-allokazzjoni finanzjarja għall-ingaġġ ta' impjegati addizzjonali b'mod sistematiku mill-2013, biex ikompli jissaħħaħ il-Parlament u jkun aktar awtonomu. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Skema biex inħajru pensjonanti barranin li jkunu qed jirtiraw minn ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ħall-Ġnus Magħquda sabiex jiġu jgħixu Malta.** | Direttorat Ġenerali tal-Affarijiet Globali, Żvilupp Internazzjonali u Affarijiet Ekonomiċi | Ir-Rappreżentanti Permanenti ta' Malta fil-Ġnus Magħquda fi New York, Ġinevra u Vjenna ġew mgħarrfa bl-inizjattiva u ntalbet l-għajnuna tagħhom biex iġibu għall-attenzjoni tal-Ministeru tagħrif siewi f'dan ir-rigward. Saru wkoll kuntatti mal-Ministeru tal-Finanzi biex tkompli titlesta l-istrateġija u l-qafas legali għal din l-iskema.<br><br>Għaddej studju dwar din l-iskema flimkien mal-Ambaxxati ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda u għall-organizzazzjonijiet internazzjonali. Skont ir-ricerka miksuba, ser jitħejja pjan ta' implimentazzjoni. | Bdiet titfassal strateġija ta' promozzjoni u reklamar tal-iskema permezz tal-ambaxxati ta' Malta fi New York, Ġinevra u Vjenna. Saret laqgħa mar-Rappreżentanza ta' Malta f'Ġinevra u ntlaħaq qbil li titħejja l-informazzjoni biex titqassam lill-individwi interessati f'din l-iskema. | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali. Iridu jkunu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet, fosthom li persuna tirċievi tal-inqas 40% tal-pensjoni f'Malta. Dħul ieħor minn barra jkun intaxxat bir-rata ta' 15%.<br><br>Ġew ippubblikati l-linji gwida dwar din l-iskema. | Titkompla l-ħidma biex inħajru pensjonanti barranin li jkunu qed jirtiraw minn ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Ġnus Magħquda sabiex jiġu jgħixu Malta. Huwa antiċipat li matul dawn ix-xhur jidħlu l-ewwel applikazzjonijiet għal din l-iskema. | L-implimentaz-zjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nintroduċu l-in-work benefit. Dan il-benefiċċju li huwa marbut mal-kunċett tax-xogħol se jkun qiegħed jingħata lil dawk il-familji fejn iż-żewġ ġenituri qed jaħdmu, huma bi dħul baxx u li għandhom tfal sa 23 sena. Il-benefiċċju se jkun ikkalkulat fuq id-dħul wara li tiġi mnaqqsa l-bolla u mhu se jkun hemm l-ebda tnaqqis f'ebda benefiċċju ieħor li hija intitolata għalih il-familja bħaċ-Children Allowance.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru diversi laqgħat interni biex jiġi stabbilit kif ser jitħaddem dan il-benefiċċju ġdid u ġie miftiehem illi l-ewwel pagament jitħallas fil-bidu tat-tielet kwart tas-sena. Ġie miftiehem illi l-pagament jibqa' jseħħ kull tliet xhur fuq bażi pro-rata. Tfasslu u nfetħu wkoll l-applikazzjonijiet għall-pubbliku biex dawn japplikaw għal dan il-benefiċċju. Sar ukoll titjib fis-sistema tal-IT biex l-applikazzjonijiet ikunu jistgħu jinħadmu u jiġu proċessati malli jiġu sottomessi. | L-ewwel pagament tħallas fil-bidu ta' dan il-kwart kif kien ippjanat. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |
| **Childcare bla ħlas - Il-Gvern qed jassigura lil kull min qed jibbenefika minn dan is-servizz, li dan se jitkompla b'xejn.** | JOBS+ | Bdiet issir l-installazzjoni tal-card readers biex l-attendenza fiċ-ċentri tkun reġistrata b'mod elettroniku u tkun aċċertata aktar effiċjenza fl-użu tar-riżorsi finanzjarji. | Tkompliet l-installazzjoni tal-card readers, waqt li s-servizz qed ikompli jingħata bla ħlas. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Youth Guarantee - permezz tal-Fond Soċjali Ewropew se jkun possibbli biex matul is-sena d-dieħla niffinanzjaw 700 Traineeship u 200 Work Trial. Dawn l-opportunitajiet se jiżdiedu flimkien ma' dak li ħabbarna fil-baġit tas-sena l-oħra. B'dawn l-inċentivi se jkun possibbli nilħqu aktar żgħażagħ li qed jirreġistraw.** | JOBS+ | Tħejjew l-applikazzjonijiet u ġew iffurmati l-modules tat-tagħlim li jrid isir waqt it-traineeships. F'dan il-perjodu bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tal-parteċipanti kif ukoll tqassmu l-Work Exposure kollha (i.e. 200). | In-NEET (Not in Education, Employment, or Training) Activation Scheme kellha wkoll il-komponent tat-traineeship u l-miri ntlaħqu. | | | Implimentata |
| **Dawn il-programmi taħt il-Youth Guarantee se jiġu offruti liż-żgħażagħ taħt it-tlieta u għoxrin sena li huma bla xogħol. Iżda min jirrifjuta li jmur għat-taħriġ tal-Youth Guarantee ma jingħatax il-benefiċċju tal-qgħad.** | JOBS+ | Iż-żgħażagħ li kienu fuq ir-reġistru tal-ETC ġew ikkuntattjati sabiex jipparteċipaw fil-Youth Guarantee. | Dan huwa proċess kontinwu bl-għan li kull żagħżugħ u żagħżugħa jingħata l-opportunità ta' esperjenza prattika fuq il-post tax-xogħol, flimkien ma' tagħlim li jwassal għal akkreditazzjoni rikonoxxuta. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Mill-1 ta' Jannar li ġej, se ndaħħlu l-miżura tat-tapering tal-benefiċċji. B'hekk, single parents li jibdew jaħdmu jibqgħu jżommu 65 fil-mija tal-għajnuna soċjali fl-ewwel sena, 45 fil-mija fit-tieni sena u 25 fil-mija mit-tielet sena 'l quddiem. Min iħaddimhom igawdi wkoll minn 25 fil-mija tal-benefiċċju għall-ewwel tliet snin. Kontra ta' dak li jsir illum, kulma jaqilgħu mix-xogħol, sew part-time jew full-time, ma jaffettwalhomx il-benefiċċji f'din l-iskema.** | Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC) | Saru arranġamenti mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali biex tiġi implimentata din il-miżura.<br><br>Il-miżura ġiet Implimentata. | | | | Implimentata |
| **Se nerġgħu nniedu l-iskema tal-fondi Soċjali Ewropej fejn min iħaddem jibbenefika minn sussidji jekk jimpjega persuni żvantaġġjati jew diżabbli.**<br><br>a. Fil-każ tal-Access to Employment, employer li jħaddem persuna żvantaġġjata se jibbenefika minn €85 fil-ġimgħa fuq bażi full-time. Fil-każ ta' persuna diżabbli l-employer ħa jibbenefika minn sussidju ta' €125 fil-ġimgħa fuq bażi full-time. Dan il-benefiċċju japplika prorata meta l-employer iħaddem persuna fuq bażi part-time. | Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC) | | Tnediet l-iskema għal persuni b'diżabilità. | | | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| b. Se nerġgħu nniedu l-iskemi tal-Fond Soċjali Ewropew fejn min iħaddem jibbenefika minn sussidji jekk jimpjega persuni żvantaġġati jew iħarreġ il-ħaddiema tiegħu. Nafu li fil-passat kien hemm problema biex min iħaddem jitħallas fil-ħin. Ħdimna qatigħ biex dan kollu ma jerġax jiġri minn issa 'l quddiem. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ tinsab f'sitwazzjoni biex mis-sena d-dieħla tħallas lil dawk kollha li japplikaw taħt it-TAF fi żmien 4 xhur. Se jkun hemm is-somma ta' 2.5 miljun ewro taħt it-TAF. | Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC) | Fl-ewwel kwart ta' din is-sena beda' r-reimbursement tat-taħriġ li sar f'Jannar u fi Frar. | Tkompla l-proċess ta' rimborż għal min qed iħaddem persuni żvantaġġjati u min qed jagħti taħriġ lill-ħaddiema tiegħu. | Tkompla l-proċess ta' rimborż għal min qed iħaddem persuni żvantaġġjati u min qed jagħti taħriġ lill-ħaddiema tiegħu. | Jitlesta l-proċess ta' rimborż. | Implimentata |
| **Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ mistennija taħdem fuq l-Employability Index fil-bidu tas-sena 2015 wara ftehim fuq l-avviż legali li jittratta skambju ta' data ta' studenti.** | Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC) | Ġiet ippubblikata n-Notifika Legali 19/2015 f'Jannar. | L-istituzzjonijiet edukattivi għaddew l-informazzjoni meħtieġa lill-Korporazzjoni u sar eżerċizzju min-naħa tal-ETC biex l-informazzjoni mogħtija tkun imqabbla mal-informazzjoni dwar impjiegi li għandha l-ETC. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nintroduċu l-kunċett tal-Work Programme. Is-settur privat flimkien mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ se jkunu qed jaħdmu biex jgħinu persuni li ilhom bla xogħol fit-tul jew inattivi, biex jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol. Il-Gvern se jgħin lil min iħaddem biex isib l-aħjar nies għax-xogħol rikjest, juża fondi Ewropej biex jitħarrġu n-nies li jkunu fil-Work Programme, kif ukoll iħallas lil dawk li jħaddmu parti mill-pagi tal-ħaddiema li jkunu qegħdin taħt l-istess Work Programme. L-employers li jħaddmu l-Work Programme se jkunu eliġibbli li jitħallsu sa 2,750 ewro għal kull ħaddiem fuq medda ta' tliet snin. Il-pagament lill-privat se jkun marbut skont kemm jirnexxilu jdaħħal nies fix-xogħol u ż-żmien li jħalli persuni jdumu fix-xogħol.** | Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC) | Ħarġet sejħa għall-offerti biex jiġi magħżul il-fornitur. | Il-proċess tal-aġġudikazzjoni tlesta. L-employment advisors wettqu laqgħat individwali mal-kandidati għal profiling. L-informazzjoni miġbura waqt dawn il-laqgħat intbagħtet lill-Unit tal-Work Programme u qed tiġi analizzata. | Ġie introdott il-kunċett tal-Work Programme. | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Sabiex nevitaw kull forma ta' prekarjat, se nagħtu l-possibbiltà lill-persuni li jkunu qed jirreġistraw sabiex jissieħbu f'social enterprise, b'management awtonomu. Din l-intrapriża se tkun qed toffri servizzi fl-iskejjel u l-Kunsilli Lokali. Se nkunu qed nassiguraw li kull impjegat ta' din l-intrapriża minn tal-inqas jitħallas il-paga minima.** | Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC) | Sar xogħol preparatorju fuq l-RFP (Request for Proposal). | Tlesta l-RFP biex jiġi ppubblikat fit-tielet kwart tas-sena. | l-RFP ġiet ippubblikata fil-gazzetta tal-gvern. | Jintrebaħ l-RFP. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **L-ETC mistennija tiffirma Memorandum mal-VDAB, l-ekwivalenti tal-ETC fil-Flanders fil-Belġju, biex mis-sena d-dieħla l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ jkollha pjattaforma elettronika ġdida. Permezz ta' għodod ġodda tal-Informatika se jidħol fis-seħħ Virtual Labour Market fejn min iħaddem u min irid jaħdem se jkollhom post virtwali fejn jiltaqgħu. Barra minn hekk, se jsir ukoll tibdil fis-sistema tar-reġistrar. Il-matching mhux se jibqa' jsir biss fuq dak li jixtieq l-individwu, iżda se jagħti każ ukoll il-ħiliet tal-individwu.** | Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħrig (ETC) | Sar kuntratt bejn l-ETC u l-VDAB. L-ETC stabbiliet il-format u l-istruttura li bih ser tkun qed tibgħat l-informazzjoni lis-sistema għal matching. Tlesta x-xogħol tal-konfigurazzjoni tas-sistema għal Malta minn naħa tal-VDAB. L-ETC irċeviet l-ewwel sett ta' kompetenzi maqluba għal lingwa Ingliża mingħand VDAB. | L-ETC ipprovdiet l-ewwel sett ta' profili lil VDAB. Ippreparat ukoll server apposta għal VDAB biex isiru testijiet preliminari minn VDAB.<br><br>Beda it-testing inizjali fuq l-ewwel sett ta' profili li l-ETC provdiet lil VDAB. | Ser ikompli l-ittestjar tas-sistema wara li jitlesta l-iżvilupp tal-interface tas-sistema. Dan kollu qed jiġi integrat mas-sistema tal-job matching. | Tibda l-implimentazzjoni tas-sistema kollha. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nkomplu bi programmi ta' boroż ta' studju għall-istudenti Maltin u Għawdxin.** | Direttorat għall-Implimentazzjoni tal-Programmi | Saru laqgħat biex jiġu maqbula l-prjoritajiet nazzjonali. Dawn jinkludu: Finance, Business & Government, Public Administration, Public Policy, Project Management u TESOL. L-applikazzjonijiet għall-Malta Arts Scholarship inħarġu fi Frar. Il-project leaders ġew mitluba jagħtu deskrizzjoni tal-proġett li se jkunu qegħdin jissottomettu taħt l-ESF biex jiġi assigurat li l-miri nazzjonali u tal-EU jiġu onorati. | L-Ischolarships tal-MGSS u dawk tal-fondi Ewropej inħarġu għal Marzu / April. | Saru l-intervisti għall-Boroż ta' Studju tal-Arti u Sport, u ġew iffinalizzati l-boroż ta' studju fuq livell postgrad. Saru wkoll l-intervisti għall-boroż ta' studju fuq livell postdottorat, skema li qed tiġi introdotta f'pajjiżna għall-ewwel darba.<br><br>Ġew magħżula l-awardees fl-iskemi kollha.<br><br>Ġiet ippubblikata l-lista tar-riżultati tal-iskemi tal-Arti u Sport. | Jitqassmu l-boroż ta' studju. | Implimentata |
| **Żieda fl-istipendju bir-rata tal-għoli tal-ħajja prorata mill-1 ta' Jannar 2015 kif ukoll il-Bonus Addizzjonali pro rata.** | Bord tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti | Iż-żieda ngħatat fi Frar. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Rigward l-inizjattiva Tablet għal Kull Wild (One Tablet Per Child), dan il-Proġett Pilota se jintemm fl-aħħar ta' Marzu tal-2015 u wara ssir evalwazzjoni tiegħu sabiex ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minnu jitwettqu fuq skala nazzjonali u jingħata tablet lil kull student mir-Raba' Sena fl-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti f'Ottubru tal-2016.** | E-Learning | Spiċċa l-proġett pilota u saret ir-riċerka fl-iskejjel parteċipanti. Beda xogħol preparatorju fuq il-proġett għall-fondi tal-ESF biex tkun tista' tibda l-implimentazzjoni tat-tablets fl-iskejjel indikati; proġett li għandu jibda fis-sena 2016 u jwassal sal-2019. | Tlesta r-rapport. Dan ġie mgħoddi għall-iskrutinju tal-awtoritajiet. Beda t-taħriġ lill-għalliema li se jħarrġu lill-għalliema tar-raba' sena. | L-istudju ġie analizzat u evalwat. | Ikompli jingħata aktar taħriġ lill-għalliema konċernati. | L-implimenta-zzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Se nkomplu naħdmu biex l-inizjattivi marbutin mal-użu tat-Teknoloġija tal-Informatika, bħalma hija l-iżvilupp ta' kontenut diġitali, jappellaw kemm għal tfal u studenti f'riskju jew li waqgħu lura kif ukoll għal studenti abbli biex b'mod ekwu jiksbu ħiliet u kompetenzi fit-Teknoloġija tal-Informatika, fil-litteriżmu, fil-Matematika u fix-Xjenza.** | Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu | L-uffiċjali edukattivi tas-suġġetti involuti u li ħadmu biex itellgħu dawn ir-riżorsi diġitali edukattivi żaru lill-għalliema tas-suġġett tagħhom u għarrfuhom dwar dawn ir-riżorsi. L-informazzjoni tpoġġiet fuq DVDs kif ukoll fuq il-Fronter, minn fejn tista' tiġi aċċessata mill-edukaturi kollha.<br><br>Id-DVDs tqassmu mid-Dipartiment tal-eLearning fl-iskejjel kollha. | L-Uffiċjali Edukattivi komplew il-preparamenti biex waqt l-inset courses ta' Lulju u Settembru jkomplu juru lill-għalliema kif dan il-materjal diġitali jista' jintuża fil-klassijiet. | Sar l-inset għall-għalliema, biex dan il-materjal jibda jintuża fis-sena skolastika li ġejja. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern qiegħed jagħmel allokazzjoni speċifika għal skemi ta' inċentivi sabiex nassiguraw illi l-pubblikazzjoni ta' kotba ta' valur letterarju, storiku u artistiku bil-Malti u dwar Malta tibqa' tikber b'mod sostenibbli. Se tingħata għajnuna lill-pubblikaturi ta' dawn il-kotba, sabiex jippromovu l-prodotti tagħhom mhux l-anqas permezz ta' parteċipazzjoni ġo fieri kemm lokali kif ukoll barranin. Se jara kif joħloq l-ispazju neċessarju sabiex il-pubblikaturi ta' kotba bħal dawn ikunu jistgħu jissottomettu proġetti għall-kunsiderazzjoni tal-Arts Fund.** | Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb | Sar il-booking u tħejjijiet għall-parteċipazzjoni fil-Fiera ta' Londra. Ħarġet is-sejħa għall-espressjoni ta' interess għall-pubblikazzjoni ta' żewġ antoloġiji, saret l-aġġudikazzjoni u ġie identifikat il-pubblikatur. Tħejjew kriterji għall-iskema tal-book fund. Saru laqgħat ta' konsultazzjoni dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, fejn saru xi reviżjonijiet tal-kategoriji. Ġie ffirmat il-ftehim mal-PBS dwar il-produzzjonijiet qosra ta' novelli. | Tkomplew il-preparamenti fuq id-donazzjoni sostanzjali ta' kotba li ngħataw lill-iskejjel abbinati mal-Kulleġġ Santa Margerita. Bi preparazzjoni għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb intbagħtet ċirkulari lill-Prinċipali, Kapijiet tal-Iskejjel u għalliema fejn ġew mistiedna biex jipparteċipaw fil-Festival billi jbigħu, iqassmu u jesebixxu materjal edukattiv. | Tkompla x-xogħol preparatorju għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Tkompla x-xogħol mal-iskejjel u mal-libreriji u fuq inizjattivi oħra bħalma huwa l-Premju Letteratura għaż-Żgħażagħ.<br><br>F'Settembru l-KNK ipparteċipa fil-Konferenza Ġenerali tal-ISBN. | Il-KNK mistenni jtella' żewġ avvenimenti ta' skala nazzjonali li huma l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Qegħdin naħdmu, b'konsultazzjoni mal-MUT, fuq abbozz ta' linji gwida dwar kif se jiġi implimentat is-sabbatical għall-għalliema. Qed jiġi ppjanat li l-ewwel applikazzjonijiet se jiġu proċessati f'April li ġej sabiex l-ewwel benefiċjarji jibdew sena leave bi ħlas fis-sena skolastika 2015/2016.** | Direttorat għar-Riżorsi Umani | Ġie ffinalizzat id-dokument dwar is-Sabbatical kif ġie miftiehem mal-MUT. Il-ftehim ġie ffirmat u l-iskema daħlet fis-seħħ. Inħarġet ċirkulari kompluta b'Manwal tal-Proċeduri u bl-applikazzjonijiet. | | Saru l-intervisti u ġew magħżula numru ta' edukaturi li ser ikunu qed igawdu minn sena sabbatical leave biex ikomplu jistudjaw. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Is-sena d-dieħla se jibda l-ippjanar u x-xogħol fuq żewġ skejjel ġodda ġewwa Ħad-Dingli u Ħal Kirkop bi spiża ta' madwar tnejn u għoxrin miljun ewro fuq sentejn.** | Fondazzjoni għall-iskejjel ta' għada (FTS) | Sar ix-xogħol fuq it-tenders. | It-tender tal-iskola ta' Ħad-Dingli ġiet ippubblikata u għalqet f'Ġunju. Ix-xogħol fuq l-iskola ta' Ħal Kirkop beda. | Beda x-xogħol fuq l-iskola ta' Ħad-Dingli. | | Implimentata |
| **Se nkomplu bil-programm ta' manutenzjoni u tisbiħ fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex bi spiża ta' miljun u nofs ewro.** | Fondazzjoni għall-iskejjel ta' għada (FTS) | It-tenders tax-xogħlijiet li kien hemm bżonn ġew ippubblikati. | Ix-xogħlijiet fl-iskejjel bdew. | Tlestew ix-xogħlijiet f'sittin skola tal-primarja, f'għoxrin skola tas- sekondarja u f'ħames ċentri għal tfal bi bżonnijiet speċjali. B'hekk il-programm għal din is-sena twettaq. | | Implimentata |
| **Il-Gvern se jniedi l-proċess ta' konsultazzjoni permezz ta' White Paper dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-iskejjel sabiex jindirizza l-problema tal-konġestjoni tat-traffiku ta' kuljum.** | Dipartiment tar-Riżorsi tal-Iskejjel | Twaqqaf kumitat bejn MEDE u Transport Malta fejn iltaqgħu mal-istakeholders rispettivi. | Ġie deċiż biex tiġi ppubblikata White Paper u beda x-xogħol tad-drafting. | Bdiet u tlestiet il-konsultazzjoni pubblika permezz tal-White Paper. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Qed jitħaddem Proġett Pilota dwar ħames suġġetti akkademiċi bi programmi lokali li se jkunu parti mill-eżamijiet tas-Secondary Education Certification (SEC) kif ukoll dwar l-Ethics Education f'erba' skejjel, tnejn primarji u tnejn sekondarji, għal studenti li ma jattendux lezzjonijiet tar-Reliġjon Kattolika.** | Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu | Saru t-tħejjijiet għat-taħriġ għall-għalliema fit-tagħlim tas-suġġetti vokazzjonali. Tqassmu s-suġġetti vokazzjonali li se jibdew fl-iskejjel sekondarji f'Settembru. Ħarġu ċ-ċirkulari biex l-istudenti tat-tieni sena tas-sekondarja jagħżlu s-suġġetti. | Tħarrġu l-istudenti għalliema. Saru laqgħat mal-MATSEC dwar l-assessjar tas-suġġetti vokazzjonali. Saru diversi żjarat fl-iskejjel biex jiġi żgurat il-Quality Assurance meħtieġ fis-suġġetti.<br><br>Is-suġġett tal-Ethics ser ikompli bħala proġett pilota fis-sena skolastika li jmiss, fl-istess erba' skejjel fejn qiegħed jiġi mgħallem. | Saret l-għażla tal-għalliema għal dawn is-suġġetti. Il-ħames suġġetti vokazzjonali mistennija li jiġu ntrodotti fl-iskejjel sekondarji. | Daħlu l-ħames suġġetti addizzjonali fl-iskejjel sekondarji. | Implimentata |
| **Fil-Form 1, is-suġġetti ta' Design and Technology, Home Economics, Arti u Mużika qed jingħataw lill-istudenti kollha.** | Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu | Saru tħejjijiet mal-uffiċjali edukattivi kkonċernati, kapijiet u għalliema biex jiġi żgurat li meta l-istudenti tal-Form 1 jitilgħu fil-Form 2, l-għalliema jkunu ppreparati biex ikomplu jgħallmu dan is-suġġett. | L-Uffiċjali Edukattivi ta' dawn is-suġġetti ħejjew is-sillabu li se jimxu bih l-għalliema tal-Form 2 matul is-sena 2016. L-Uffiċjali Edukattivi ħadmu fuq it-taħriġ tal-għalliema, kif ukoll l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar dawn is-suġġetti u kif se jitkomplew fis-sena li ġejja.<br><br>Il-programmi ta' tagħlim għas-sena d-dieħla ġew iċċirkulati. | Saret l-evalwazzjoni tat-taħriġ għall-għalliema konċernati. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fis-Sekondarja, il-lezzjonijiet tal-Edukazzjoni Fiżika jiżdiedu minn 2 għal 3 lezzjonijiet fil-ġimgħa.** | Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu | Sar pjan kif se jiżdiedu l-lezzjonijiet tal-edukazzjoni fiżika. Saru bosta laqgħat mill-Uffiċjal Edukattiv tal-PE mal-għaqdiet sportivi bil-ħsieb li jgħinu fl-iskejjel. | Saru laqgħat bejn l-Uffiċjal Edukattiv tal-PE u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Isport u ġie diskuss kif il-programmi ta' tagħlim għas-sena d-dieħla ser jiġu ċirkulati. | L-għalliema ġew mgħarrfa dwar it-tibdiliet u s-sillabu tal-Form 2 u kif jista' jitħaddem mis-sena d-dieħla fit-taħriġ ta' Lulju. L-inizzjattiva ġdida fejn il-lezzjonijiet tal-edukazzjoni fiżika jitilgħu għal tliet darbiet fil-ġimgħa daħlet fis-seħħ. | | Implimentata |
| **L-Università ta' Malta se żżid l-attività tagħha fir-riċerka permezz ta' fondi mill-Gvern kif ukoll mill-Unjoni Ewropea, se tkompli ssaħħaħ il-kollaborazzjoni tagħha fit-tagħlim u r-riċerka ma' entitajiet simili internazzjonali; isservi ta' inkubatur għal intrapriżi ġodda bbażati fuq l-għerf; tattira studenti barranin; taġġorna u timmodernizza l-portafoll ta' programmi ta' ċertifikat, diploma u lawrija; kif ukoll, tkompli ssaħħaħ l-infrastruttura ta' tagħlim u riċerka skont il-Master Plan tagħha għall-iżvilupp. In-nefqa kapitali tal-Gvern fuq l-Università se tiżdied b'55 fil-mija; minn 4.5 miljun għal 7 miljuni.** | Università ta' Malta | L-inkubatur tal-Università (Take-OFF) qiegħed jiffunzjona u numru ta' intrapriżi qed jagħmlu użu tajjeb mill-faċilitajiet offruti. Tkompla l-proċess ta' Programme Validation Committee u l-Academic Programme Quality and Resource Unit. Tkompla x-xogħol fuq il-proġetti eżistenti. Saru pjanijiet biex jinbdew numru ta' proġetti skont il-Master Plan tal-Università. | Tkompla x-xogħol fuq il-proġetti eżistenti u bdew numru ta' proġetti skont il-Master Plan tal-Università. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **MCAST - Se jiġi konkluż il-proċess tal-ħolqien tal-kwalifiċi vokazzjonali nazzjonali li se jieħdu post il-kwalifiċi vokazzjonali barranin li kienu qed jintużaw sa issa.** | Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija | Ġie estiż it-tender għal riżorsi ta' tagħlim, kif ukoll ġie estiż il-proġett tal-edukazzjoni vokazzjonali.<br><br>Id-dokumenti relatati mal-Units vokazzjonali nazzjonali ġodda li se jiġu mgħallma komplew jiġu żviluppati mill-kuntrattur u vverifikati mill-Esperti tal-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (VET Experts). | Beda l-proċess ta' ħlas tal-VET Experts tal-ewwel fażi tal-proġett. | Saru l-preparamenti biex jiġu implimentati l-Kwalifiki Vokazzjonali Nazzjonali. | Jiġu introdotti l-Kwalifiki Vokazzjonali Nazzjonali. | Implimentata |
| **L-MCAST ħa jkompli l-ħidma sabiex tissaħħaħ is-sistema tal-apprentistat f'Malta billi joffri l-possibilità ta' studju b'apprentistat f'korsijiet li qabel ma kinux joffru din l-esperjenza.** | Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija | Tnediet l-iskema ġdida tal-apprentistat. B'kollaborazzjoni mal-Ecorys (UK), permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, ingħata taħriġ dwar moniteraġġ tal-apprentisti fix-xogħol tagħhom.<br><br>Ġew varati regolamenti għall-placements tal-apprentistat kif ukoll ġiet imsaħħa d-database bl-informazzjoni tal-istudenti u tal-kumpaniji. | Il-moniteraġġ beda u nħolqu feedback sheets onlajn għall-użu mill-monitors. Ġew identifikati korsijiet oħrajn ġodda li s-sena d-dieħla se jiġu offruti fuq bażi ta' apprentistat; kif ukoll tkompla x-xogħol fuq l-isponsorship għall-apprentistat għas-sena akkademika li jmiss.<br><br>Tkomplew diskussjonijiet mal-għalliema fis-setturi relevanti biex jitjieb it-tagħlim fuq ix-xogħol fi ħdan l-apprentistat. | Saret analiżi tar-riżultati miksuba minn studenti li esperjenzaw is-sistema tal-apprentistat. | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Huwa ppjanat li l-ħiliet marbuta mal-intraprendenza jiġu introdotti gradwalment fil-livelli kollha tal-MCAST.** | Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija | Tkompla x-xogħol fuq l-espansjoni tal-kurrikulu biex jiġi inkluż l-element tal-intraprendenza. Beda tagħlim tal-intraprendenza għall-istudenti tar-raba' livell f'xi istituti tal-kulleġġ, fit-tieni semestru tal-programm akkademiku. | Tlesta x-xogħol fuq l-ippjanar tal-korsijiet fir-raba' livell. Saru t-taħdidiet fuq kif se jiġi introdott it-taħriġ u t-tagħlim tal-intraprendenza fil-livelli l-oħra, jiġifieri 1 - 3 u 5 rispettivament. Permezz tal-MCAST Entrepreneurship Centre (MEC), l-istudenti qed jingħataw l-opportunità jiżviluppaw l-ideat innovattivi u kreattivi tagħhom f'intrapriżi żgħar. | | Jiġu ntrodotti l-ħiliet tal-intraprendenza b'mod gradwali. | Implimentata |
| **Matul is-sena d-dieħla, se jkompli x-xogħol fuq il-bini tal-campus il-ġdid billi jingħalqu l-aħħar xogħlijiet fi Students' House, il-car park ta' taħt l-art u faċilitajiet sportivi filwaqt li se jibda l-proċess għall-bini tat-tieni fażi tal-proġett.** | Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija | Tlestiet l-ewwel fażi. Beda x-xogħol ta' tħejjija għat-tieni fażi, inkluż l-applikazzjoni mal-MEPA għal blokk ġdid fil-campus ta' Raħal Ġdid għall-Istitut tal-Bini u l-Inġinerija ta' Kostruzzjoni, li bħalissa jinsab fin-Naxxar.<br><br>Saru xogħlijiet ta' tlestija u rfinar għall-parkeġġ kif ukoll Blokk F u l-inħawi esterni tal-madwar. | Saret talba lill-MEPA għall-permess tal-bini ta' Librerija ġdida u għall-bini l-ġdid tal-Istitut tal-Informazzjoni, Komunikazzjoni u Teknoloġija. Saru taħditiet biex jinkisbu fondi strutturali (ERDF) għal dawn il-proġetti. Iddaħħlet l-applikazzjoni u tlesta t-tender u beda x-xogħol tal-iskavar għas-sit il-ġdid tal-Istitut tal-Bini u l-Inġinerija tal-Kostruzzjoni. Ġie ffinalizzat ix-xogħol fi Students' House, fil-car park ta' taħt l-art u faċilitajiet sportivi. | Beda l-ippjanar għall-binja tal-librerija, il-blokk għall-amministrazzjoni / ICT kif ukoll il- Learning Resource Centre (LLRC). | Huwa mistenni li joħorġu t-tenders għat-tieni fażi tal-proġett. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-eks-Skola Umberto Calosso se tkun mibdula f'Youth Village li se jiġbor fih is-servizzi kollha tal-Aġenzija Żgħażagħ flimkien ma' numru ta' servizzi oħrajn għaż-żgħażagħ fosthom il-programm Youth.Inc. L-Alternative Learning Programme (ALP), huwa programm ieħor relatat li għaddej fl-istess sit.** | Aġenzija Żgħażagħ | Ġie deċiż li l-ewwel fażi tal-proġett ippjanata għal din is-sena ser ikollha xogħol fuq il-bitħa fl-entratura tal-Youth Village. Saret il-pjanta tal-bitħa u beda x-xogħol. Il-pjan tal-Youth Village ġie diskuss mal-FTS u l-periti. F'Marzu l-amministrazzjoni tal-Aġenzija Żgħażagħ imxiet kollha fis-sit tal-Youth Village. | Beda x-xogħol fuq il-bitħa.<br><br>Ix-xogħol strutturali tkompla u wasal fil-fażi ta' tqegħid tal-madum. | Tlesta x-xogħol kollu li kien ippjanat għal din is-sena. | Mistenni li jiġi varat il-Youth Village. | Implimentata |
| **Għaddej xogħol sabiex Villa Bighi fil-Kalkara tinbidel f'Ċentru Nazzjonali tax-Xjenza Interattiva.**<br><br>a. Dan iċ-Ċentru se jkun jismu "Esplora" u l-proġett huwa stmat li se jiswa madwar 26 miljun ewro u se jkun parti ffinanzjat minn fondi mill-Unjoni Ewropeja u parti oħra minn fondi nazzjonali. | Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija | Ix-xogħol ta' restawr kważi komplut, kif ukoll bdew ix-xogħlijiet ta' installazzjoni ta' servizzi. Id-disinn dettaljat tal-esebiti interattivi ġew iffinalizzati u beda l-proċess tal-manifattura u 'prototyping'. | Tkomplew ix-xogħlijiet b'ritmu tajjeb. | Ir-reklutaġġ għal Esplora qiegħed fi stadju avvanzat. | L-ESPLORA huwa mistenni li jinfetaħ għall-pubbliku. | Fil-proċess li tiġi Implimentata. |
| b. Flimkien mal-privat, il-Gvern jiżviluppa l-akkwati ta' Bighi f'ċentru turistiku ewlieni fil-Mediterran. | Projects Malta | Din il-parti tal-miżura qed tiġi rrappurtata f'MEH (E). | | | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ix-xogħol fuq il-pixxina f'Birżebbuġa jinsab fi stadju avvanzat. Fl-istess lokalità, inbeda x-xogħol fuq il-bini ta' grawnd b'turf artifiċjali.**<br><br>a. Pixxina f'Birżebbuġa | MTI/MEDE | Tkompla x-xogħol fuq il-finishes u t-tagħmir. | Tkompla x-xogħol fuq il-finishes u t-tagħmir. | Il-proġett wasal fl-aħħar fażi tiegħu fejn isiru l-provi fuq l-istruttura u t-tagħmir. | Mistenni jitlesta l-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| b. Grawnd f'Birżebbuġa | MTI/MEDE | Tlestew id-disinji, ħarġu l-permessi meħtieġa, ingħata t-tender u nbeda x-xogħol ta' skavar. | Tlesta x-xogħol ta' skavar u nbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni. | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-faċilitajiet bħal dressing rooms, swali u tal-ħitan. | Se jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni ta' faċilitajiet u se jinbeda x-xogħol fuq il-ġibjun u fuq l-istands tal-ispettaturi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Il-Gvern se jinvesti 700,000 ewro sabiex jitħarrġu amministraturi li jagħmlu xogħol fix-xena sportiva lokali.** | Kunsill Malti għall-Isport | Ħarġu u ngħalqu l-applikazzjonijiet u ġew identifikati l-parteċipanti.<br><br>Beda t-taħriġ għal dawn l-amministraturi. | Sar it-taħriġ tat-tielet u l-raba' module. Saru l-internships fis-sitt pajjiżi identifikati għall-parteċipanti. | | | Implimentata |
| **Il-Gvern se jikkunsidra li jissieħeb ma' entitajiet privati esperti fit-tmexxija ta' koros taż-żwiemel sabiex il-korsa titmexxa fuq livell aktar professjonali.** | Kunsill Malti għall-Isport | Flimkien mal-Privatisation Unit (PU) u l-MIMCOL ġie deċiż li l-aħjar proċedura ta' procurement li għandha tintuża hija dik ta' Request for Proposal (RfP). Saret laqgħa mad-Dipartiment tal-Artijiet fejn ġiet identifikata l-art li ser toħrog għall-RFP. | Sar id-disinn tal-korsa. L-RFP ġiet sottomessa, u tagħlaq fl-aħħar ta' Ottubru. | | Tibda l-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa wara li tingħalaq is-sejħa tal-offerti. | Fil-proċess li tiġi Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Is-sena d-dieħla, il-Gvern se joħroġ sejħa għall-espressjoni ta' interess għall-korsa tat-tiġrijiet tal-vetturi (motorsport track).** | Kunsill Malti għall-Isport | Il-Privatisation Unit (PU) u l-MIMCOL iddeċidew li l-aħjar proċedura ta' procurement hija dik ta' Expression of Interest (EOI). Ġew identifkati erba' siti fejn din il-korsa tat-tiġrijiet tal-vetturi tista' ssir. | Ittieħdet id-deċiżjoni li l-għażla ta' sit tal-korsa titħalla f'idejn il-kumpanija interessata. Ġie ffinalizzat id-dokument tal-EOI. | L-EOI ġiet ippubblikata f'Settembru. | | Implimentata |
| **Qed naħdmu sabiex f'pajjiżna jkollna shooting range ta' livell internazzjonali.** | Kunsill Malti għall-Isport | Saret l-evalwazzjoni ta' Request for Proposal maħruġa mid-Dipartiment tal-Artijiet. | Il-kumpanija li rebħet l-RfP ġiet infurmata u beda xogħol tal-permessi mill-MEPA. | Il-proposta tax-shooting range li għamlet il-kumpanija ġiet itterminata. Bdiet ħidma sabiex tinstab alternattiva. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI,
AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riforma Eko-Kontribuzzjoni - Fl-ewwel fażi, se nneħħu l-ekokontribuzzjoni minn fuq l-apparat elettroniku u li jaħdem bl-elettriku minn mowbajls sa televixins u friġis, dak li jgħidulu l-WEEE.** | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima | Saru diversi diskussjonijiet u xogħol biex ikun jista' jiġi żviluppat dokument għall-konsiderazzjoni tal-Ministru fuq it-tneħħija tal-Ekokontribuzzjoni fuq il-WEEE. | Tnieda l-proċess formali ta' konsultazzjoni pubblika fuq iż-żewġ Avviżi Legali meħtieġa għal din ir-riforma. Saru wkoll laqgħat ta' informazzjoni mill-Ministeru mal-GRTU u l-Kamra tal-Kummerċ u laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika. Ġew analizzati l-kontribuzzjonijiet li rċivejna biex jiġu emendati l-avviż legali u tlesta wkoll abbozz għall-Kabinett. | Il-Memo telgħet Kabinett u ġiet approvata. Tnediet ukoll ir-riforma. L-avviżi legali ġew approvati u daħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Settembru. | | Implimentata |
| **Fil-qasam agrikolu, matul l-2015, se jitwettaq xogħol sabiex wara perjodu ta' analiżi dwar l-istat tal-agrikoltura f'pajjiżna, titfassal għall-ewwel darba l-Politika Agrikola Nazzjonali.** | Direttorat tal-Agrikoltura | Ħarġet sejħa għall-offerti biex tiġi żviluppata Politika Agrikola Nazzjonali. It-tender ġie evalwat biex sussegwentament jiġi aġġudikat. | Il-kuntratt ġie aġġudikat lill-aħjar offerent u ġie ffirmat il-kuntratt biex jibda x-xogħol. Ix-xogħol inbeda u saru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni bejn il-konsulenti u diversi stakeholders biex tiġi żviluppata din il-politika. | Wara li sar l-istudju neċessarju, bdiet tiġi żviluppata Issues Paper li tagħti gwida ta' kif għandha timxi l-Politika Nazzjonali Agrikola. | Titnieda l-issues paper għall-konsultazzjoni pubblika, li tinkludi wkoll seminar nazzjonali. Wara li jidħlu s-sottomissjonijiet, tiġi żviluppata l-Politika Agrikola Nazzjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern se jkompli bil-ħidma biex jippromovi l-prodotti Maltin ta' kwalità permezz tad-dħul fis-seħħ tal-qafas u l-marka ta' kwalità nazzjonali, li dwarha tħejjiet liġi din is-sena.** | Direttorat tal-Agrikoltura | Saru diversi eżerċizzji u laqgħat mal-esperti taċ-CIHEAM biex ikunu jistgħu jiġu analizzati l-linji gwida li jridu jiġu stabbiliti għall-iskema ta' kwalità. Saru wkoll laqgħat mal-MCCAA u bdiet ħidma biex tiġi riveduta l-liġi li tistabbilixxi l iskema tal-kwalità. | Saret laqgħa mal-Kummissjoni Ewropea biex isiru ċerti kjarifiċi. Beda x-xogħol fuq it-tibdil tar-regolamenti. L-iskema tal-Kwalità ġiet mdaħħla fil-pjan għall-iżvilupp rurali u b'hekk ikkwalifikat għall-fondi Ewropej. | Ġew finalizzati r-regolamenti ta' implimentazzjoni tal-qafas tal-Kwalità u ġiet ukoll iffinalizzata il-liġi l-ġdida wara il-kummenti li konna irċevejna mill-Kummisjoni Ewropea. Dawn id-dokumenti ġew innotifikati lill-Kummissjoni. Ġie ppreżentat l-ewwel abozz tal-Issues Paper u din ġiet ukoll riveduta biex tirrifletti l-kummenti sottomessi mid-Direttorat tal-Agrikoltura. | Il-qafas leġislattiv jinsab għand il-Kummissjoni Ewropea biex jiġi evalwat. Jiġi implimentat dan il-qafas ta' kwalità. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Studji dwar kif jistgħu jitkabbru prodotti ta' kwalità ogħla b'użu aktar sostenibbli tal-ilma u bl-inqas impatt negattiv ta' fertilizzanti u l-inizjattiva sabiex jitjiebu l-infrastruttura u l-kapaċità tar-riċerka fiċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka u l-Iżvilupp fl-Agrikoltura tal-Għammieri.** | Direttorat tal-Agrikoltura | Id-direttorat xtara it-tagħmir kollu meħtieġ għal dan il-proġett, identifika l-bdiewa kollha li se jkunu qed jipparteċipaw fil-proġett u ospita espert Iżraeljan għal 5 ijiem. Matul dawn il-5 ijiem ġie installat l-ewwel sett ta' sensors f'għelieqi u ngħata workshop lil grupp żgħir ta' ħaddiema fid-Direttorat biex jitgħallmu kif jaħdem l-apparat. | Ġew installati s-sensors kollha li se jintużaw għal dan il-proġett. Ġew imħawla l-ħxejjex kollha li se jkunu analizzati bis-sensors, kemm ġewwa l-Għammieri, u kif ukoll għand il-bdiewa li qed jipparteċipaw fil-proġett. Ġew installati wkoll numru ta' CCTVs sabiex tiġi assigurata s-sigurtà tat-tagħmir li ġew installati fl-Għammieri għall-iskop ta' dan il-proġett. | Inbeda l-ġbir tal-informazzjoni u qed issir analiżi tal-informazzjoni miġbura. Dan il-proġett huwa implimentat, u l-informazzjoni tibqa' tiġi analizzata b'mod kontinwu. | Il-miżura ġiet implimentata. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jitkomplew ukoll il-programmi ta' ħarsien tas-sostenibbiltà ambjentali tal-biedja kif ukoll l-aġġornament tal-Pjan tal-Immaniġġjar tal-Iskart Agrikolu sabiex jiġu investigati modi kif, flok jintremew, dawn ir-riżorsi jintużaw aħjar.** | Direttorat tal-Agrikoltura | Organizzati diversi laqgħat minn konsulenti ma' esperti ta' diversi entitajiet. | Il-konsulenti ħadmu fuq SWOT Analysis u Options Analysis. Tlesta l-abbozz ta' dawn ir-rapporti. | Saret preżentazzjoni lill-IMC dwar il-Context Report li ġie ppreżentat mill-konsulenti. Saret ukoll diskussjoni dwar għażliet strateġiċi. | Jiġi finalizzat u ppubblikat għall-konsultazzjoni. Il-Pjan tal-immaniġġjar tal-iskart agrikolu biex ikun jista' jiġi implimentat. | Implimentata |
| **Tnieda proġett pilota li qed isir mal-Koperattiva Ċentrali tal-Bdiewa. Permezz ta' fondi Ewropej u anke dawk nazzjonali, qed jinxtraw is-sistemi u l-makkinarju meħtieġ u l-proġett huwa ppjanat li jitwettaq fl-2015.** | Pitkalija | Ġie kkonfermat li Pitkalija Ltd ma kinitx eliġibbli għall-fondi mill-Ewropa; għalhekk intalbu fondi nazzjonali biex ikun jista' jsir il-proġett. | Konferma li ser jingħataw parti mill-fondi mitluba. Għaldaqstant beda x-xogħol tal-IT li qed isir mill-MITA. | Beda x-xogħol ta' testing tal-ewwel fażi tas-sistema tal-IT, kif ukoll inbeda l-proċess tax-xiri u implimentazzjoni tan-network. Inxtara kampjun tal-hardware biex isiru testijiet neċessarji. Ġie ffinalizzat ukoll tender għall-kaxxi biċ-chip. | Jitlesta x-xogħol fuq is-sistema tal-IT u n-network. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Bħala parti minn programm ħolistiku li għandu l-mira li, fuq medda ta' snin, ibiddel il-Biċċerija f'vetrina tal-kwalità tal-prodott Malti, tkompla l-programm estensiv ta' ristrutturar u r-rinnovament fil-Biċċerija Pubblika.** | Biċċerija | Tlesta x-xogħol fuq il-faċilitajiet għall-ħassiela (cleaners changing facilities) kif ukoll il-faċilitajiet fejn jinħaslu b'mod iġeniku l-ħwejjeġ użati mill-impjegati tal-biċċerija fuq il-linja. Beda x-xogħol fuq 13-il tender ieħor differenti. | Tlesta x-xogħol fuq il-kamra fejn isiru l-ordnijiet għall-qatla u l-ħlas u ġiet inawgurata. Tkompla x-xogħol fuq 12-il tender ieħor differenti. | Tlesta x-xogħol infrastrutturali fuq l-imqawel tal-majjal, u beda jġi użat l-ewwel maqjel. Tlesta wkoll ix-xogħol infrastrutturali fuq il-faċilitajiet għall-biċċiera (changing facilities), it-tqegħid ta' network ta' pajpijiet biex jintlaqa' l-ilma tax-xita mill-bjut kollha tal-biċċerija kif ukoll fuq nofs it-toroq interni tal-biċċerija. Tkompla x-xogħol fuq disa' tenders oħra differenti. | Mistenni li jitlesta x-xogħol fuq l-aperturi fil-faċilitajiet għall-biċċiera, il-kamra fejn jimtlew it-tankijiet tad-demm u dik tal-piżaturi, ix-xogħol fuq il-kisi tas-soqfa u manutenzjoni fuq l-istrutturi fuq il-linji tal-qatla, xogħol ta' metall fuq it-tieni maqjel tal-majjal, ix-xogħol fuq il-cold rooms kif ukoll ix-xogħol fuq il-faċċati tal-bini intern fil-biċċerija kif ukoll l-uffiċċji l-ġodda għall-amministrazzjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għas-sena d-dieħla, se jinfetaħ ċimiterju tal-annimali, se jitnieda fond nazzjonali għall-ħarsien tal-annimali u se jinbidlu u jiġu installati xelters ġodda għaż-żwiemel tal-karozzini.**<br><br>a. Ċimiterju tal-annimali | Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, Promozzjoni u Servizzi | Beda l-proċess biex tigi sottomessa l-applikazzjoni għal ċimiterju tal-annimali mal-MEPA | Baqa' għaddej il-proċess ta' applikazzjoni mal-MEPA għaċ-ċimiterju tal-annimali, filwaqt li saru diskussjonijiet mal-GPB biex jippreparaw abbozz għas-sejħa għall-offerti peress li dan se jinfetaħ fuq art tal-Gvern. | Ġie approvat il-permess tal-MEPA. Il-pass li jmiss hu li l-GPD joħorġu is-sejħa għall-offerti. | Il-GPD għandhom jippubblikaw it-tender u dan jiġi evalwat u aġġudikat biex ikun jista' jinbeda dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| b. Fond Nazzjonali għall-Ħarsien tal-Annimali. | | Saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-NGOs biex jiġi diskuss jif jista' jiġi mwaqqaf il-fond. | Twaqqaf il-Fond Nazzjonali għall-Annimali u inbeda x-xogħol fuq kif dan se jiġi imħaddem. | Ġie żviluppat abbozz ta' dokument li jinkludi il-metodu ta' kif il-Fond Nazzjonali għall-Annimali jista' jaħdem u ntbagħat għall-approvazzjoni. | Huwa mistenni li dan il-fond jibda jitħaddem. | Implimentata |
| c. Xelters ġodda | | Saru diskussjonijiet mal-MTI biex jiżdiedu aktar xelters għaż-żwiemel. | Tkomplew id-diskussjonijiet u ġie deċiż li jitwaħħlu żewġ xelters ġodda. Ġie maqbul li dawn ix xelters jitwaħħlu; wieħed ħdejn Kastilja u l-ieħor fejn il-Gunpost, il-Belt Valletta. MTI għadhom jaħdmu fuq il-permessi neċessarji biex dawn ikunu jistgħu jitwaħħlu. | L-MTI baqgħu jaħdmu fuq il-permessi neċessarji ma' entitajiet diversi biex jitwaħħlu dawn ix-xelters. | Dawn ix-xelters għandhom jitwaħħlu b'koordinazzjoni bejn l-MTI u l-MSDEC. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fis-settur tas-sajd, permezz ta' fondi Ewropej se tkompli tissaħħaħ l-infrastruttura f'diversi portijiet u l-Gvern qed jaħseb ukoll biex ikompli bl-iskema ta' kumpens għas-sajjieda milquta mill-istaġun magħluq.** | Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura | Kumpens għas-sajjieda: Saru l-ħlasijiet ta' kumpens lis-sajjieda għall-istaġun li kien ingħalaq. Beda l-proċess ta' negozjar mal-SAMB dwar kif se jitħaddem il-kumpens fl-istaġun li jmiss.<br><br>Tisħiħ tal-infrastruttura - Bdew l-arranġamenti neċessarji biex ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq diversi slipways. | Kumpens għas-sajjieda - Ġie approvat il-metodu ta' kif se titħaddem l-iskema ta' kumpens għas-sajjieda milquta mill-istaġun magħluq.<br>Tisħiħ tal-infrastruttura - Tlesta x-xogħol fuq l-islipway ta' M'Scala, inbdew il-preparamenti neċessarji biex jibda ix-xogħol fuq l-islipway tax-Xemxija, f'Għawdex. Qed isir xogħol fuq il-cold room. | Skema ta' kumpens għas-sajjieda milquta mill-istaġun magħluq: L-applikazzjonijiet intlaqgħu f'Settembru.<br><br>Tisħiħ tal-infrastruttura - ix-xogħol fuq l-islipway tax-xemxija ġie pospost għal Ottubru minħabba li dan waqaf għas-sajf. F'Għawdex tlesta x-xogħol fuq l-installazzjoni tal-cold room. Tlesta wkoll ix-xogħol biex jissaħħaħ il-moll fil-landing facility ta' M'Xlokk. | Kumpens għas-sajjieda - Jibda l-proċess ta' evalwazzjoni biex ikun jista' jingħata l-ħlas<br><br>Tisħiħ tal-infrastruttura. Jinbeda u jitlesta x-xogħol fuq l-islipway tax-Xemxija. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Se jitkompla x-xogħol sabiex il-fondi mill-Programm 2007-2013 ikunu kollha utilizzati bl-aħjar mod sa Diċembru 2015. Se tinfetaħ pixkerija ġdida, se ssir kampanja ta' promozzjoni fuq il-konsum tal-ħut kif ukoll diversi proġetti ta' infrastruttura li se jkomplu jtejbu l-kundizzjonijiet tas-sajjieda tagħna.** | Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura | Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-pixkerija l-ġdida. Saru preparamenti biex ikun hemm parkeġġ viċin. Saru diskussjonijiet biex tiddaħħal sistema tal-irkant. | Tkompla x-xogħol fuq il-pixkerija l-ġdida. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni tlesta u beda l-proċess ta' finishing.<br><br>Kampanja promozzjonali tal-ħut - Inbdiet il-kampanja u saru diversi road shows u festivals f'diversi bliet u rħula Maltin u Għawdxin. | Ħarġu u ġew aġġudikati diversi tenders biex ikun jista' jitkompla x-xogħol fil-pixkerija l-ġdida. Dawn jinkludu apparat ta' tindif, lifts, railings, gates, eċċ. Kampanja promozzjonali tal-ħut - tkompliet il-kampanja f'diversi programmi televiżivi, billboards, roadshows, żjarat fl-iskejjel u lezzjonijiet ta' tisjir f'diversi bliet u rħula Maltin. | Tinfetaħ il-pixkerija u l-operazzjonijiet tal-irkant jiġu trasferiti mill-Belt għall-Marsa. L-attivitajiet tal-kampanja ser ikunu ntemma kollha u ssir "post campaign research" biex tiġi evalwata kemm kienet effikaċi l-kampanja. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Impjant li se jżid il-kapaċità ta' Malta illi toffri prodotti mnissla mill-ħut b'valur miżjud u tagħti żbokk ġdid għal qabdiet tal-ħut mis-sajd lokali. Din l-attività mistennija li toħloq postijiet tax-xogħol ġodda kif ukoll tiġbed investimenti oħra fis-settur.** | Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura | Ħarġet sejħa għall-offerti u ntlaqgħu diversi proposti. | Ġew evalwati l-proposti li ngħataw b'riżultat għas-sejħa għall-offerti li ħarġet. Ġie deċiż li din is-sejħa terġa' toħroġ, u għalhekk ħarġet is-sejħa għal impjant li jżid il-kapaċità ta' Malta li toffri prodotti mnissla mill-ħut b'valur miżjud. | Bdew id-diskussjonijiet dwar il-futur ta' dan il-proġett. Ma ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni. | Huwa mistenni li d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura iressaq proposta biex is-sular ta' fuq tal-pixkerija jkun qiegħed jaħdem sa Marzu tal-2017 hekk kif miftiehem mal-Kummissjoni Ewropea. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Sejħa għal proposta pubblika għad-disinn, kostruzzjoni u operazzjoni ta' Marine Hatchery, mafqas tal-ħut, li fih ikun jista' jseħħ spawning tat-tunnaġġ (Blue-Fin Tuna) u faċilitajiet għar-riċerka Akkwakulturali.** | Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura | Beda l-proċess biex tiġi żviluppata sejħa pubblika għall-proposti għad-disinn, kostruzzjoni u operazzjoni ta' maqfas tal-ħut. | Flimkien mad-Dipartiment tal-Artijiet beda proċess ta' valutazzjoni tal-art. Saru diversi diskussjonijiet f'dan ir-rigward bejn il-GPD u l-MSDEC. | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn l-MSDEC u l-GPD minħabba l-prezz tal-art li tingħata, li fuqha se jsir il-proġett. | Titlesta l-valutazzjoni tal-art oriġinarjament proposta għall-proġett f'Marsaxlokk. Mistenni wkoll li jinbdew diskussjonijiet interni dwar il-possibbiltà li jiġi identifikat sit alternattiv. Ser tkun għaddejja komunikazzjoni dwar dan mal-GPD. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Matul din is-sena tkompla wkoll il-proċess ta' ristrutturar tal-WasteServ fejn ġew indirizzati l-livelli differenti tal-kumpanija kemm fil-livell tal-management kif ukoll fl-operat. Se jitwaqqaf uffiċċju għall-awditjar intern u l-inizjattivi li ttieħdu sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-amministrazzjoni u t-trasparenza fil-procurement. Il-proġetti li mistennija jitlestew is-sena d-dieħla jinkludu l-Mechanical Biological Treatment Plant tal-Għallis u l-Waste Transfer Station f'Għawdex. Se tiġi sottomessa wkoll l-applikazzjoni u se jinbeda x-xogħol preliminari sabiex tiġi rijabilitata l-miżbla l-antika ta' Wied Fulija.** | Wasteserv | Sar eżerċizzju skont Skills Matrix, li bħala riżultat tiegħu, ġew aġġustati l-pagi biex jirriflettu x-xogħol tal-individwi, filwaqt li ġew identifikati bżonnijiet għal taħriġ u żvilupp tal-impjegati. Ġiet imwaqqfa it-taqsima tas-Saħħa u Sigurtà fi ħdan il-WasteServ. Ġie reġistrat progress fuq is-CA Site f'Ta' Qali fejn wasal il-composter. Beda l-proġett ta' Autoclave fil-Marsa. | Sar ċaqliq intern tal-ħaddiema minħabba l-ftuħ tas-CA Site f'ta' Qali. Saret ukol reviżjoni tat-taqsima tal-Procurement bħala parti mir-ristrutturar. Infetħet is-CA Site f'Ta' Qali. Tkomplew xogħolijiet fuq l-MBT tal-Malta North, fejn wasal aktar makkinarju. Ix-xogħolijiet f'tal-Kus baqgħu mexjin b'ritmu tajjeb. Il-Wasteserv issottomettiet l-applikazzjoni mal-MEPA għall-permessi neċessarji fuq ix-xogħol ta' Wied Fulija. | Inbeda l-proċess intern għall-għażla ta' impjegati għall-impjant tal-MBT Malta North. Inbeda l-proċess ta' deployment. Inbeda eżerċizzju ta' Gap Analysis biex jiġi stabbilit in-numru ta' postijiet vakanti mal-kumpanija biex ikun jista' jinbeda l-proċess ta' reklutaġġ. Ix-xogħol fuq il-proġetti baqa' għaddej. | Il-proċess ta' ristrutturar tal-Wasteserv jibqa' għaddej. Jigu ingaġġati impjegati ġodda li ser jaħdmu fuq l-MBT Malta North, Autoclave fil-Marsa, u Tal-Kus Transfer Station, liema proġetti mistennija jitlestew sal-aħħar tas-sena. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Iż-żieda fis-separazzjoni tal-iskart, hekk kif tiġi introdotta l-borża organika, hija wkoll mistennija li żżid l-effiċjenza fl-impjanti ta' Sant'Antnin u l-impjant il-ġdid tal-Għallis.** | Wasteserv | Ġew identifikati l-lokalitajiet li se jieħdu sehem fil-proġett pilota, filwaqt li tkomplew id-diskussjonijiet mal-Ministeru tal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. | Saru diversi diskussjonijiet fuq dan il-proġett, fosthom anke mal-Ministeru tal-Finanzi li min-naħa tiegħu approva l-ammonti meħtieġa biex jibda l-proġett pilota. Wasteserv ingħataw l-approvazzjoni biex jibda l-proġett pilota. | Saru l-parametri mill-Wasteserv biex il-proġett jibda bl-ewwel fażi ta' informazzjoni f'Lulju, biex f'Ottubru tibda l-kollezzjoni tat-tielet borża. | Jibda jitħaddem il-proġett pilota u tibda tinġabar it-tielet borża fil-postijiet fejn qed isir il-proġett pilota. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Qed titkompla wkoll il-ħidma fil-qasam tal-green public pro-curement bil-għan li, fl-amministrazzjoni pubblika, il-prodotti u s-servizzi li jinxtraw ikunu ta' standard ambjentali ogħla. Bħala parti minn din il-ħidma, qed tiġi simplifikata l-proċedura tal-green public procurement u s-sena d-dieħla misten-ni jitħabbar it-tieni pjan nazzjonali.** | Direttorat tal-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima | B'kollaborazzjoni mas-CDRT, sar taħriġ ta' diversi impjegati f'Ministeri. Sar ukoll xogħol ieħor li se jwassal għall-mainstreaming tal-funzjoni tal-GPP. | Sar aktar taħriġ ta' impjegati f'Ministeri oħrajn. Beda l-perjodu ta' phasing-in għall-mainstreaming għal dawk il-Ministeri li lestew it-taħriġ fl-ewwel kwart tas-sena. Ġiet ip-pubblikati sejħa għall-offerti biex isir studju fuq il-GPP f'Malta. | Iltaqa' l-Inter Ministerial Task Force tal-GPP biex ikun hemm stock taking tat-training u mainstreaming li qed isiru. Kien irrappurtat li l-ebda mill-offeranti ma kienu konformi għat-tender li ħarġet għall-istudju dwar il-GPP f'Malta. Għalhekk hemm l-intenzjoni li jkunu riveduti t-ToR u t-tender tinħareġ mill-ġdid. Sar xogħol biex jingħata feedback lid-DCSs/ Procurement Directors rispettivi dwar il-konformità f l-evalwar ta' proċeduri ta' xiri mil-lat ta' GPP mill-Ministeri tagħhom. | Terġa' toħroġ is-sejħa għall-offerti biex isir studju fuq il-GPP f'Malta b'termini ta' referenza riveduti. Isiru laqgħat mad-Dipartiment tal-Kuntratti biex nassiguraw li l-proċess tal-mainstreaming tal-GPP ikun qed jaħdem b'mod effettiv. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fil-qasam tal-afforestazzjoni, qed jitħejja qafas ta' pjan nazzjonali dwar l-afforestazzjoni f'Malta.** | Park, Afforestazzjoni, Restawr tal-Kampanja u Inizjattivi/ Ministeru | Ġew imfassla l-parametri tekniċi għall-afforestazzjoni, u għaddew għall-approvazzjoni meħtieġa. Ir-rapport tlesta u ġie ppreżentat lill-Ministeru għal aktar struzzjonijiet. | Il-GPD kkonferma d-disponibbiltà ta' wieħed mis-siti proposti li jinsab fil-limiti ta' Burmarrad. Għaldaqstant l-istħarriġ kien iffukat fuq proġett ta' tħawwil f'Burmarrad, bil-ħsieb li ssir applikazzjoni dwar dan il-proġett għall-fondi taħt l-iskema tal-EAFRD meta din tkun miftuħa. Saru wkoll arranġamenti u pjanijiet anċillari għal faċilitajiet għat-tkabbir tas-siġar fl-Għammieri biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-proġett u ta' oħrajn bħalu fil-futur. | Saru aktar sondaġġi fis-sit ta' Burmarrad, u ġiet analizzata l-ħamrija tal-post bħala parti mill-preparamenti għall-proġett.<br><br>Waslu risposti mill-GPD dwar siti rurali, u s-siti proposti għall-proġetti ta' afforestazzjoni. Ġew identifikati xi siti oħra li possibbilment huma tajbin għal dan it-tip ta' proġett. | Tiġi ppreparata d-dokumentazzjoni neċessarja biex kif l-iskema tal-EAFRD tinfetaħ, tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Għas-sena d-dieħla, il-Gvern huwa impenjat li, minbarra li jitkompla l-proċess sabiex issir kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti faċilitajiet, jissokta wkoll ix-xogħol ta' tisbiħ u anke biex jiżdiedu l-faċilitajiet sanitarji.** | Park, Afforestazzjoni, Restawr tal-Kampanja u Inzjattivi/ Ministeru | Inħareġ tender biex jiġi kummerċjalizzat parti mill-Park tal-Familja. Sar xogħol ta' tisbieħ fil-park li jinkludi installazzjoni ta' turf artifiċjali u kanċelli. | L-unika offerta sottomessa għall-kummerċjalizzazzjoni tal-Park ma kinetx konformi mar-regoli tas-sejħa għall-offerti. Intant, saru diskussjonijiet biex tkun evalwata l-aħjar strateġija għal kummerċjalizzazzjoni tal-Park tal-Familja. Saru diversi xogħlijiet biex jissebbaħ il-Park. | Saru diskussjonijiet interni biex is-sejħa għall-offerti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-Park tiġi ppubblikata f'forma differenti milli nħareġ qabel. Rigward tisbiħ fil-Park tal-Familja, intalbu prezzijiet biex jinxtraw tankijiet tal-plastik biex jiġu nstallati bħala fossa. Saru laqgħat mal-kuntrattur biex jiġu finalizzati żieda ta' faċilitajiet sanitarji fin-naħa tal-Belvedere. | Saru diskussjonijiet mal-GPD rigward il-format ġdid tas-sejħa għall-offerti biex jiġi kkummercjalizzat il-Park. It-tisbiħ tal-Park huwa kontinwu u jinkludi installazzjoni ta' turf f'żoni addizzjonali u manutenzjoni kontinwa. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jiġu offruti servizzi ġodda ġewwa l-Park tas-Salina fejn se jitwaħħal apparat ġdid fejn jilagħbu t-tfal. Barra minn hekk, se titkabbar il-parti magħrufa bħala Kennedy Grove.** | Park, Afforestazzjoni, Restawr tal-Kampanja u Inizjattivi | Intlaħaq qbil ma' Transport Malta fuq trasferimenti ta' fondi għal din il-miżura. Ġiet sottomessa in-notifikazzjoni lill-ME-PA biex jiġi żviluppat dan il-park, u ġiet approvata. | Beda x-xogħol ta' preparamenti ta' sejħiet għall-offerti, u ġew ippubblikati tliet tenders: dawk relatati max-xogħol ta' printed concrete, lighting bollards u xogħol ieħor ta' konkos. Ġie ppubblikat tender ieħor għal apparat għall-playing field. It-tenders bdew jiġu evalwati. | Ħafna mis-sottomissjonijiet b'riżultat tas-sejħa għall-offerti ġew evalwati u aġġudikati u inbeda anke xi xogħol. | Ix-xogħol fil-Park ikun lest u l-Park jinfetaħ għall-pubbliku. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Matul is-sena li ġejja, il-Gvern se jaħdem għal ambjent aħjar b'miżuri favur it-tħaddir u sabiex kemm jista' jkun jiżdiedu l-ispazji li jservu ta' green belt għall-ġid tal-komunità. Il-Gvern se jinkoraġġixxi t-tħawwil ta' siġar u pjanti biex iservu ta' pulmun ambjentali f'dawn il-postijiet apposta u li għandhom iservu bħala green belt għażżoni mibnija. Fejn huwa possibbli, dan ser isir bis-sehem tal-privat wara li jkun hemm konsultazzjoni pubblika. Dan jgħaqqad ukoll mal-istudju preliminari ta' afforestazzjoni li tqabbad mill-Ministeru għall-Ambjent aktar kmieni din is-sena u li qed ikun evalwat.** | Park, Afforestazzjoni, Restawr tal-Kampanja u Inizjattivi/ Ministeru | Sar studju li identifika għadd ta' postijiet madwar Malta li possibilment jistgħu jservu bħala green belts u beda l-proċess ta' stħarriġ jekk dawn il-proprjetajiet humiex pubbliċi u disponibbli. | L-MSDEC kkuntattja lid-Dipartiment tal-Artijiet fuq il-possibilità li isiru green belts fil-proprjetajiet identifikati. | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-GPD u l-MSDEC fuq l-artijiet identifikati. | Jitkomplew il-pjanijiet biex tiġi implimentata din il-miżura fuq l-artijiet li jkunu kkonfermati bħala disponibbli. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern se jkun qed joħroġ talba għall-proposti dwar ġbir ta' skart tal-plastik biex tiddaħħal sistema simili għal dik ta' pajjiżi oħra Ewropej li joffru skemi u inċentivi biex il-konsumaturi jieħdu magħhom fliexken u materjal ieħor tal-plastik f'postijiet identifikati.** | Direttorat għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima / Wasteserv | Tfassal memorandum għall-Kabinett rigward l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tfasslu t-termini ta' referenza biex jiġu ingaġġati esperti biex jagħmlu r-ricerka neċessarja. | Ġew identifikati esperti biex iħejju l-market research li jwassal għall-identifikazzjoni ta' kumpanija biex possibbilment tgħin lill-Gvern ifassal RFP. | Jitlesta r-rapport dwar il-kumpaniji li possibbilment jistgħu iħejju l-market research biex il-Gvern joħroġ is-sejħa għal proposti biex tkun tista' tiġi affettwata din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi Implimentata. |
| **Proġett pilota għall-immaniġġjar tal-iskart bit-tielet borża għall-iskart organiku u l-ġbir tal-iskart riċiklabbli minn stabbilimenti kummerċjali.** | Direttorat għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima | Ġew identifikati l-lokalitajiet li se jieħdu sehem fil-proġett pilota, filwaqt li tkomplew id-diskussjonijiet mal-Ministeru tal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. | Saru diversi diskussjonijiet fuq dan il-proġett, fosthom anke mal-Ministeru tal-Finanzi li approva l-ammonti meħtieġa biex jibda l-proġett pilota. Wasteserv ingħataw l-approvazzjoni biex jibda l-proġett pilota. | Saru l-parametri mill-Wasteserv biex il-proġett jibda bl-ewwel fażi ta' informazzjoni f'Lulju, biex f'Ottubru tibda l-kollezzjoni tat-tielet borża. Bdew diskussjonijiet biex tiġi evalwata l-possibilità li f'dan il-proġett jiġu inklużi wkoll entitajiet kummerċjali. | Jibda jitħaddem il-proġett pilota u tibda tinġabar it-tielet borża fil-postijiet fejn qed isir il-proġett pilota. | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Matul l-2015 huwa mistenni li l-Parlament japprova l-liġi dwar tibdil fil-klima li sar xogħol estensiv fuqha matul l-2014. L-istess jista' jingħad dwar il-liġi dwar il-ħsejjes. Ti-tlesta wkoll l-istrateġija dwar il-green jobs li waslet fi stadju avvanzat.** | Direttorat għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima | Tlestiet ir-reviżjoni tal-kontribuzzjonitjiet pubbliċi, riżultat ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-liġi dwar tibdil fil-klima. Ġew ippreżentati minn grupp ta' esperti. Tkomplew id-diskussjonijiet dwar il-liġi dwar il-ħsejjes mal-avukati ingaġġati biex ifasslu din il-liġi. Il-liġi qiegħda fi stat li tista' tiġi ppreżentata għal konsultazzjoni interna ma' Ministeri u entitajiet tal-Gvern. Fuq il-Green Jobs, saret laqgħa tal-Core Group, fejn ġie deċiż li jkun hemm laqgħat bilaterali mal-Ministeri differenti biex jaqblu fuq il-kontenut tal-lista ta' azzjonijiet li ser ikunu msemmijin fil-pjan ta' azzjoni. | Ġie ppreżentat u ap-provat l-abbozz tal-liġi dwar it-tibdil fil-klima. Ġie approvat anke t-tieni qari ta' din il-ligi u għandha tigi diskussa fil-livell ta' kumitat qabel tigi addottata. Fuq il-liġi dwar il-ħsejjes, l-avukati ingaġġati mill-Ministeru għamlu konsultazzjoni interministerjali abbażi tal-verżjoni tal-abbozz li ġiet diskussa mal-Avukat Ġenerali.<br><br>Saru diversi laqgħat bilaterali ma' Ministeri differenti fuq il-Green Job Strategy biex isir qbil fuq il-kontenut tal-lista ta' azzjonijiet li jiġu sottomessi għal evalwazzjoni ekonomika. | Il-liġi dwar it-tibdil fil-klima tlestiet f'Lulju. Dwar il-liġi dwar il-ħsejjes, qed jiġi ppreparata dokument għall-Kabinett li tirrifletti r-riżultat tal-konsultazzjoni interministerjali. Ġie mfassal abbozz tal-istrateġija fuq il-green jobs biex jiġi ppreżentat lill-Kabinett. | Jibda t-twettiq tal-proviżjonijiet tal-liġi dwar it-tibdil fil-klima. Jiġi ppreżentat id-dokument dwar il-liġi tal-ħsejjes lill-Kabinett biex jiġi stabbilit il-pass li jmiss. Wara li l-Kabinett japprova l-abbozz tal-istrateġija dwar il-Green Jobs, issir konsultazzjoni pubblika f'dan ir-rigward. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jitkompla l-proġett pilota favur it-tħaddir tal-komunitajiet li tnieda b'suċċess din is-sena billi se jiġu identifikati numru ta' siti għal dan il-għan.** | Park, Afforestazzjoni, Restawr tal-Kampanja u Inizjattivi | Ġew identifikati ħames Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw f'dan il-proġett pilota, li huma Birkirkara, il-Mosta, Paola, Ta' Xbiex, ix-Xagħra Għawdex. Kull Kunsill Lokali għamel il-proposti tiegħu li ġew approvati, u sussegwentement ġie ffirmat memorandum f'dan ir-rigward. | Wara li ġie ffirmat il-Memorandum of Understanding u ġew ikkonfermati l-flus għall-proġetti, il-kunsilli bdew jaħdmu fuq il-proġetti rispettivi tagħhom. | Il-kunsilli komplew fuq il-ħidma tagħhom biex ikun jista' jitlesta x-xogħol fuq il-proġett sottomess. | Jitlestew ix-xogħlijiet proposti u l-MSDEC tikkonferma li dawn saru skont il-parametri tal-ftehim iffirmat. | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT
U L-INFRASTRUTTURA

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Mill-1 ta' Jannar li ġej, il-liċenzji tal-karozzi se jiżdiedu b'ammont marġinali kif murija fl-Anness. Il-liċenzji tal-karozzi li ġew irreġistrati mill-bidu tal-2009 'l quddiem u b'emissjonijiet tal-karbonju tad-dijossidju ta' mhux aktar minn 100 g/km se jibqgħu l-istess.** | Transport Malta | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **It-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-ATVs se titnaqqas bi kważi 50 fil-mija.** | Transport Malta | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **PPP biex jinbena breakwater bejn il-Belt Valletta u Tas-Sliema breakwater. Dan il-proġett għandu jiffaċilità l-iżvilupp ta' yacht marinas u faċilitajiet oħra li jwasslu għal qabża fil-kwalità fl-inħawi ta' Tas-Sliema.** | | Dan il-proġett għadu fil-fażi inizjali tiegħu u d-diskussjonijiet interni għadhom għaddejjin. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Transport Malta ħarġet tender sabiex tkun ipprivatizzata l-yacht marina f'Sa Maison bil-għan li jkun attirat investiment ġdid. Din il-yacht marina mistennija żżid madwar 250 berth ġdid.** | Transport Malta | Il-proċess ta' evalwazzjoni ġie finalizzat. | Id-deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni ġiet appellata. Reġgħet saret parti mill-evalwazzjoni skont id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Ir-rapport finali ġie ppreżentat lill-Bord tal-Awtorità. | L-appell ġie konkluż u l-kuntratt ġie ffirmat. | Din il-miżura ġiet implimentata. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Investiment kbir fit-titjib ta’ diversi toroq rurali f’diversi nħawi ta’ pajjiżna li minnu se jgawdu primarjarment il-bdiewa tagħna minħabba li ħafna minn dawn it-toroq iservu ta’ aċċess importanti għall-għelieqi tagħhom.** | MTI/MSDEC | Inħarġu sejħiet għal xogħlijiet ta’ titjib ta’ bosta toroq rurali f’diversi nħawi. Inbeda x-xogħol ta’ evalwazzjoni tal-offerti. | Komplew jinħarġu sejħiet, u tkompla x-xogħol ta’ evalwazzjoni tal-offerti. Inbdew ix-xogħlijiet. Sal-aħħar ta’ Ġunju tlestew wieħed u għoxrin triq rurali. | Tkomplew ix-xogħlijiet. Sal-aħħar ta’ Settembru b’kollox tlestew sitta u erbgħin triq rurali. | Jitkomplew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Fil-bidu tas-sena d-dieħla, operatur ġdid se jieħu f’idejh is-servizz tat-trasport pubbliku. Ir-rotot se jiżdiedu u s-servizz għandu jkun aħjar. Se ninvestu 23 miljun ewro bħala Public Service Obligation lill-operatur biex jopera dan is-servizz pubbliku.** | Transport Malta | L-operatur il-ġdid ħa f’idejh l-operat tat-trasport pubbliku f’Jannar. | L-operatur il-ġdid ħabbar dettalji ġodda u ġew fis-seħħ it-tariffi l-ġodda u l-iskema għar-reġistrazzjoni għal Tallinja Card. | Kien hemm ’il fuq minn 180,000 applikazzjoni għal Tallinja Card li ġew milqugħa. Waslu f'Malta 40 karozza tal-linja ġodda li żdiedu mal-flotta eżistenti. | Mistenni li jiġu iktar karozzi tal-linja ġodda u li jiżdiedu r-rotot servuti. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Qed infasslu kampanja speċifika b’investiment minn fondi Ewropej billi jingħata skont sostanzjali ulterjuri fuq il-prezz ta’ biljetti għall-ivvjaġġar bit-trasport pubbliku.** | Transport Malta | Saru l-preparazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet meħtieġa biex tiġi varata din l-iskema. | Tnediet kampanja promozzjonali biex tħeġġeġ lill-pubbliku jużа t-trasport pubbliku aktar. Tfasslet il-kampanja mmirata fuq inċentivi speċifiċi. | Saru diskussjonijiet mal-istakeholders kollha u l-iskema bdiet b'effett mal-bidu tas-sena skolastika. | Tkompli l-kampanja kif ippjanat. | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Matul is-sena d-dieħla, mistenni jkompli l-investiment fl-infrastruttura tal-pajjiż sabiex kemm hu possibbli nindirizzaw il-problema tal-immaniġġjar tat-traffiku. Se ninvestu wkoll f'sistema msejħa Intelligent Traffic Management System li permezz tagħha se jibda jsir immaniġġjar tat-traffiku b'mod real-time.** | Transport Malta | Wara li tnedew it-tenders fl-2014, sar il-proċess t'evalwazzjoni. | Dan il-proġett baqa' għaddej b'ritmu kontinwu:<br>- Il-proġett tal-bus lane tax-Xatt tal-Gżira tlesta;<br>- L-ewwel kuntratt relatat mal-installazzjoni ta' Variable Message Signs ġie ffirmat. Il-kuntratt relatat mal-installazzjoni ta' Bus Priority Measures ġie ffirmat ukoll. | Dan il-proġett baqa' għaddej b'ritmu kontinwu:<br>- Tlestew ix-xogħlijiet ta' Blata l-Bajda;<br>- Tkompla xogħol marbut mal- Variable Message Signs;<br>- Bdew ix-xogħlijiet relatati mal-Bus Priority Measures. | Huwa mistenni li dan il-proġett ikun implimentat. | L-implimen-tazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Permezz ta' inizjattiva PPP bejn Transport Malta u grupp ta' żgħażagħ, se jkun hemm sit elettroniku ġdid u Mobile App li tħajjar u tinċentiva car pooling u car sharing.** | Transport Malta | Il-kuntratt biex isseħħ din l-inizjattiva ġie ppreparat. | Ġie ffirmat il-kuntratt għal din l-inizjattiva. | Saru diskussjonijiet mal-istakeholders kollha. | Mistennija jitlestew il-mobile app u s-sit eletroniku l-ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Se jingħataw inċentivi lil min juża l-karozza biex jagħmel it-traġitt, bħal pereżempju l-użu ta' bus lanes biex jaqbeż it-traffiku kif ukoll ipparkjar f'żoni riservati għall-high oc-cupancy cars jew karo-zzi li jaslu fid-destin-azzjoni mimlijin b'iktar minn tlieta min-nies.** | Transport Malta | L-inċentiva biex karozzi b'iktar minn tliet passiġġieri jkunu jistgħu jagħmlu użu minn bus lanes ġie implimentat u qiegħda fis-seħħ. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern bħalissa qiegħed iħejji policy ġdida dwar inizjattivi ta' parking madwar il-pajjiż. Se jitnieda dokument għal konsultazzjoni wiesgħa mal-istakeholders u l-pubbliku ġenerali f'dan ir-rigward.** | Transport Malta | Twaqqaf kumitat interdixxiplinarju u interministerjali biex jibda jaħdem fuq politika nazzjonali f'dan ir-rigward. | Il-kumitat ikkonsulta ma' diversi stakeholders, u evalwa l-proposti li sarulu. | Il-politika nazzjonali ġiet ippreparata u diskussa fi ħdan il-kumitat interministerjali u minn partijiet konċernati. | Huwa mistenni li din il-politika tiġi approvata mill-kumitat u titressaq għall-approvazzjoni meħtieġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Proġett ieħor huwa l-binja ta' parkeġġ ta' madwar 370 karozza ġewwa Santa Margerita f'Bormla.** | Grand Harbour Rehabilitation Corporation | Ħareġ it-tender għall-bini tal-parkeġġ u nbdiet l-evalwazzjoni. | Il-kumitat ta' evalwazzjoni ppreżenta r-rapport dwar l-offerti għal dan il-proġett lill-bord tal-GHRC. | Billi l-art fejn ser isir il-proġett hija pubblika, il-GPD ġiet imqabbda taħdem l-istima finanzjarja ta' ċens ħalli jkunu jistgħu jitkomplew in-negozjati mal-bidder preferut. | Mistenni li jinbdew negozjati mal-bidder preferut bil-għan li jsir il-ftehim finali miegħu. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Is-sena d-dieħla se tinħareġ skema għal min kien irreġistra vettura bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru 2004 u kien eliġibbli fl-iskema li ħarġet din is-sena. B'hekk, sas-sena d-dieħla min kien irreġistra vettura matul l-2004 se jkun ħa flusu kollha lura.** | Transport Malta | Saru l-eżerċizzji preliminari neċessarji biex jiġi mistħarreġ kif din l-iskema tista' tidħol fis-seħħ. | Tħabbar il-ftuħ tal-iskema. | Transport Malta bagħtet 'il fuq minn 3,000 ittra/applikazzjoni lill-persuni eliġibbli. Beda l-proċess biex l-applikazzjonijiet jiġu validati u tħejjew iċ-ċekkijiet biex dawn jinħarġu. | Mistenni li jiġi konkluż il-proċess kollu. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għas-sena d-dieħla wkoll, se nerġgħu noħorġu l-iskema għall-iskrappjar tal-vetturi qodma u li jħammġu billi ninvestu l-ammont ta' 500,000 ewro. Għandhom igawdu mill-iskema 600 persuna li se jkunu jistgħu jibbenefikaw bejn 700 ewro u 900 ewro meta jiskrappjaw il-karozza tagħhom u jixtru waħda ġdida.** | Transport Malta | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| **L-iskema l-oħra tal-Autogas se tiġġedded ukoll u se tiġi estiża wkoll għall-vetturi kummerċjali. Tingħata għotja ta' 200 ewro għal kull min jaqleb il-vettura tiegħu għall-Autogas.** | Transport Malta | Din l-iskema ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern. | Din l-iskema bdiet tiġi implimentata. | Il-miżura daħlet fis-seħħ u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Projects Malta qiegħda tistudja l-possibbiltà u l-fattibbiltà ta' forom oħra ta' trasport. Waħda minn dawn tikkonsisti fl-użu tat-trasport bil-baħar fil-portijiet abbinat mal-Belt Valletta.** | Projects Malta | Saru diversi laqgħat bejn uffiċjali ta' Projects Malta u Transport Malta biex jintlaħaq qbil ħolistiku kif dan il-proġett jiġi implimentat.<br><br>L-ewwel abbozz tar-Request for Proposals marbut ma' dan il-proġett beda jitfassal. | Ġie finalizzat l-abbozz ta' Request for Proposals marbut ma' proġett tat-Transport Links fiż-żoni tal-Port il-Kbir u Marsamxett. Dan id-dokument beħsiebu jiġi ppubblikat iktar tard din is-sena. | Id-dokument tar-Request for Proposals ġie ppubblikat. | Issir l-evalwazzjoni tal-offerti u jiġi ffirmat il-kuntratt. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Investiment importanti huwa dak li se nagħmlu fil-junction tal-Kappara, liema proġett se jinkludi wkoll investiment ta' tliet miljun ewro biex jiġu mtejba diversi toroq fil-madwar.** | Transport Malta | Saru l-preparamenti kollha u tlestew id-dokumenti biex jinħareġ it-tender. | Inħarġu t-tenders għall-proviżjoni ta' servizz ta' superviżjoni u għarrotot alternattivi li se jkunu qed jintużaw waqt il-proġett. | Saret l-evalwazzjoni ta' wħud mit-tenders. | Mistenni jkompli l-proċess tal-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Saru l-preparazzjonijiet kollha għall-bini ta' pont f'Ħal Qormi. Din issir permezz ta' mudell PPP fejn il-privat ikun mistieden jidħol bi sħab mal-Gvern fl-investiment neċessarju tal-bini tal-pont u fl-istess ħin igawdi mill-potenzjal ta' riklamar li l-istruttura se tkun tippermetti.** | Transport Malta | Ġie ippubblikat il-Pre-Qualification Questionnaire (PQQ) għal dan il-proġett. | Ġew eżaminati l-PQQ's, sar ix-short listing, u ġie ippreparat abozz tal-kuntratt mill-avukati ta' Transport Malta. | Komplew il-proċeduri amministrattivi meħtieġa biex il-kuntratt ikun jista' jiġi iffirmat. Inħarġet ukoll kwotazzjoni għall-investigazzjonijiet ġeotekniċi. | Huwa mistenni li jitkompla dan il-proċess biex din il-miżura titwettaq. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Tfasslu diversi proġetti li mistennija jinbdew fl-2015, fosthom ir-rapid launch facility tal-AFM f'Xatt it-Tiben, il-Furjana, u r-restawr tal-ġnien tal-Argotti fil-Furjana.**<br><br>a. Rapid Launch Facility tal-AFM | Works and Infrastructure Departments (WID-PID) | Inbdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett. | Ix-xogħlijiet tlestew. | | | Implimentata |
| b. Ġnien tal-Argotti, il-Furjana | Works and Infrastructure Departments (WID-PID) | Tħejja l-pjan t'azzjoni u ġew elenkati l-elementi kollha ta' dan il-proġett. | Sar il-ftehim bejn MEDE, MSDEC, u MTI sabiex MTI jikoordina u jmexxi l-proġett. Saru l-pjanti u ntbagħtet l-applikazjoni lill-MEPA. | Twaqqaf core group sabiex jissorvelja l-implementazjoni ta' dan il-proġett, u saru laqgħat ma' tekniċi speċjalizzati. | Mistenni li jiġi mogħti l-permess mill-MEPA u jiġi ppreparat id-dokument tat-tender sabiex jinħareġ fil-bidu tal-2016. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| c. (Diversi proġetti): Tisbiħ taz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Liberata, il-Kalkara | Works and Infrastructure Departments (WID-PID) flimkien ma' Projects Development and Engineering Directorate | Tkomplew ix-xogħlijiet mibdijin f'Ottubru 2014, u ngħataw it-tenders għax-xogħlijiet. | Tkomplew ix-xogħlijiet. | Tkomplew ix-xogħlijiet. | Mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| d. (Diversi proġetti): Tisbiħ taz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Marija, il-Gudja. | Works and Infrastructure Departments (WID-PID) flimkien ma' Projects Development and Engineering Directorate | Bdew ix-xogħlijiet ta' bdil tal-boundary wall. | Tlestew ix-xogħlijiet tal-boundary wall, u nbeda r-restawr tal-pavimentar. | Tkomplew ix-xogħlijiet. | Mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| e. (Diversi proġetti): Tisbiħ taz-zuntier tal-Knisja ta' San Girgor, Tas-Sliema. | Works and Infrastructure Departments (WID-PID) flimkien ma' Projects Development and Engineering Directorate | Inħareġ il-permess tal-MEPA u ngħata t-tender għall-pavimentar. | Bdew ix-xogħlijiet. | Tkomplew ix-xogħlijiet. | Mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| f. (Diversi proġetti): Tisbiħ taz-zuntier tal-Knisja tal-Vitorja, l-Isla. | Works and Infrastructure Departments (WID-PID) flimkien ma' Projects Development and Engineering Directorate | Inħareġ il-permess tal-MEPA u ngħata t-tender għall-pavimentar. | Bdew ix-xogħlijiet. | Tkomplew ix-xogħlijiet. | Mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| g. (Diversi proġetti): Tranġar ta' latrina, il-Barrakka ta' Fuq, Valletta. | Works and Infrastructure Departments (WID-PID) flimkien ma' Projects Development and Engineering Directorate | Inħareġ u ngħata t-tender għax-xogħlijiet. | Bdew ix-xogħlijiet. | Tlestew ix-xogħlijiet. | | Implimentata |
| h. (Diversi proġetti): Stallazzjoni ta' funtana tal-ilma baħar f'Baċir Numru 1, Bormla. | Works and Infrastructure Departments (WID-PID) flimkien ma' Projects Development and Engineering Directorate | Intalab il-permess tal-iżvilupp mill-MEPA. | Inħareġ il-permess mill-MEPA. Inħareg it-tender għax-xogħlijiet. | Ingħata t-tender u bdew ix-xogħlijiet. | Mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| i. (Diversi proġetti): Xogħol ta' tisbiħ u pavimentar fi Triq Matty Grima, Triq Dwardu u Triq Guliermu, Bormla. | Projects Development and Engineering Directorate | Tlestew it-tenders u ġew riferuti għall-pubblikazzjoni. | It-tender tal-pavimentar ingħata u x-xogħol inbeda f'Mejju. | Ix-xogħol ta' pavimentar tat-tliet toroq tlesta. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għal matul l-2015, hemm il-ħsieb li jsiru applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiġu implimentati numru ta' proġetti pilota f'widien partikolari. Hu ppjanat ukoll li jitkompla l-programm ta' xogħol tal-widien.**<br><br>a. Applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiġu implimentati numru ta' proġetti pilota f'widien partikolari. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien. | Inbeda l-programm ta' ġestjoni tal-widien. | Ġie identifikat l-istaff meħtieġ u tħejjew is-sejħiet. | Beda l-proċess ta' reklutaġġ. | Mistennija li jiġu ppubblikati s-sejħiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| b. (Xogħol tal-widien): Parti mill-Wied tal-Qlejgħa, ir-Rabat. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Inbeda l-programm ta' ġestjoni integrattiva tal-widien. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA għat-tħammil, tneħħija ta' veġetazzjoni nvażiva u tħawwil ta' panti indiġeni. | Sar il-qlugħ ta' pjanti nvażivi u t-tħammil ta' materjal. | Mistennija li se jitħawlu siġar indiġeni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| c. (Xogħol tal-widien): Parti mill-Wied tal-Ġnejna, l-Imġarr. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Inbeda l-programm ta' ġestjoni integrattiva tal-widien. L-applikazzjoni għal tħammil u bini ta' ħitan tas-sejjieħ ġiet sottomessa u evalwata mill-MEPA. | Inħareġ il-permess tal-MEPA biex isir ix-xogħol. | Inbnew ħitan tas-sejjieħ. | Mistenni jsir it-tħammil ta' materjal. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| d. (Xogħol tal-widien): Parti minn Wied Qannotta, Burmarrad. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Inbeda l-programm ta' ġestjoni integrattiva tal-widien. | Saret l-applikazzjoni lill-MEPA għal qlugħ ta' veġetazzjoni invażiva. | Inbeda x-xogħol biex jitnaddaf il-wied mill-pjanti invażivi. | Mistenni jitkompla x-xogħol ta' tindif. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| e. (Xogħol tal-widien): Wied Baqqiegħa, Ħaż-Żebbuġ. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Inbeda l-programm ta' ġestjoni tal-widien. | Inbeda x-xogħol ta' tindif mill-veġetazzjoni invażiva. | Tkompla x-xogħol ta' tindif mill-veġetazzjoni invażiva. | Mistennija jitħawlu siġar u arbuxxelli indiġeni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| f. (Xogħol tal-widien): Wied Ħarq Ħamiem, Pembroke. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Inbeda l-programm ta' ġestjoni integrattiva tal-widien. | Ħareġ il-permess mill-MEPA għat-tħammil u tindif meħtieġ minn materjal. Sar it-tħammil u t-tindif. | Beda jinbena l-ħajt t'appoġġ mal-ġenb tal-wied. | Mistenni jitkompla u jitlesta l-bini tal-ħajt. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Is-sena d-dieħla mistenni li jinbena passaġġ mal-blat f'Wied iż-Żurrieq li kien tkisser bil-maltemp barra li jitkomplew it-tiswijiet ta' numru ta' strutturi madwar il-kosta Maltija.**<br><br>a. Jinbena passaġġ mal-blat f'Wied iż-Żurrieq li kien tkisser bil-maltemp. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Tħejja l-pjan t'azzjoni għal Wied iż-Żurrieq. | Saru l-preparazzjonijiet neċessarji biex jinbdew ix-xogħlijiet. Il-passaġġ inbena mill-ġdid. Tlesta x-xogħol. | | | Implimentata |
| b. (Strutturi madwar il-kosta): Tiswija ta' skal u għeluq ta' skal ieħor fl-Isla. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Sar ix-xogħol ta' kostruzzjoni relatat mat-tiswija ta' skal ħdejn il-Klabb tar-Regatta tal-Isla, kif ukoll mal-għeluq ta' skal ieħor ħdejn l-istess Klabb. | Sar ix-xogħol ta' pavimentar. Tlesta x-xogħol. | | | Implimentata |
| c. (Strutturi madwar il-kosta): Tiswija ta' skal fil-Mistra. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Bdew it-taħditiet mal-istakeholders kkonċernati. | Diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| d. (Strutturi madwar il-kosta): Bini ta' rampa għall-persuni bi bżonnijiet speċjali f'Ta' Xbiex. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA. | L-evalwazzjoni tal-applikazzjoni mill-MEPA. | Saru konsultazzjonijiet mill-MEPA ma' entitajiet oħra fuq din l-applikazzjoni. | Mistenni li dan ix-xogħol jinbeda. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| e. (Strutturi madwar il-kosta): Tiswija u estenzjoni ta' moll f'Santa Marija Estate. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA. | L-evalwazzjoni tal-applikazzjoni mill-MEPA. | Il-MEPA talbet studji dwar qiegħ il-baħar u dawn l-istudji ġew ikkummissjonati. | L-applikazzjoni mistennija li tkompli tiġi evalwata mill-MEPA. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| f. (Strutturi madwar il-kosta): Tiswija ta' skall fix-Xemxija. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Ġiet ippreparata sejħa għall-offerti. | Ħarġet sejħa għall-offerti u saret l-evalwazzjoni tagħhom. | Ix-xogħol ġie sospiż temporanjament skont il-liġi, minħabba li din l-istruttura tinsab f'żona turistika. | Mistenni li jitlesta x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| g. (Strutturi madwar il-kosta): Tiswija ta' skal f'Wied Musa, iċ-Ċirkewwa. | WID - Unit għal Servizzi ta' Ppjanar u Strateġija, u Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Saru l-preparamenti neċessarji biex ikun jista' jinbeda x-xogħol. | Inxtara l-materjal. | Ix-xogħol inbeda u tlesta. | | Implimentata |
| **Il-Gvern irid li fl-2015 jingħalaq il-proġett ta' Bieb il-Belt u l-Parlament il-Ġdid.** | Grand Harbour Rehabilitation Corporation | Saru xogħlijiet ta' ttestjar tas-sistemi kollha, bħall-arja kundizzjonata, dwal, sound, u tgħammir ieħor. | Tlestew ix-xogħolijiet ta' ttestjar tas-sistemi msemmija, u f'Mejju saret l-inawgurazzjoni tal-bini tal-Parlament il-ġdid. | Tlestew l-istimi fuq xogħol minuri u tlestiet is-sistema ta' sigurtà. | Mistennija li jitlestew il-liftijiet li hemm barra l-binja tal-Parlament. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | **KWART 1**<br>JANNAR-MARZU | **KWART 2**<br>APRIL-ĠUNJU | **KWART 3**<br>LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4**<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jsir użu mill-Foss tal-Belt madwar is-swar kemm għall-parkeġġ kif ukoll bħala ġnien pubbliku.** | Grand Harbour Rehabilitation Corporation | Ix-xogħol fuq it-triq, il-parkeġġ u t-taraġ temporanju li jwassal mill-Foss għal Triq Ġlormu Cassar tlesta u qiegħed jintuża. | Tfasslu pjanijiet biex isir il-ġnien. | Saret it-talba għall- fondi mill-estimi tal-2016. | Mistenni li jitkompla l-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Sabiex nippromovu aktar użu tar-roti se jitwaħħlu numru ta' bicycle racks f'diversi postijiet madwar il-Belt.** | Grand Harbour Rehabilitation Corporation | Wara diskussjonijiet ma' diversi stakeholders rigward l-installazzjoni tal-bicycle racks, ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għall-permessi mingħand il-MEPA. Inbeda l-proċess ta' xiri tar-racks. | L-applikazzjonijiet ġew approvati mill-MEPA. | Ġew evalwati l-offerti. | Mistenni li l-bicycle racks jitwaħħlu fil-post. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Qed jiġi ppreparat Master Plan għal Belt is-Sebħ fejn hemm il-ħsieb li jinbnew l-uffiċini għar-Revenue Departments tal-Gvern.** | Grand Harbour Rehabilitation Corporation | Inġabret ħafna mill-informazzjoni neċessarja kif ukoll saret diskussjoni mal-MEPA. | Komplew it-taħditiet mal-MEPA dwar skedar ta' xi postijiet fil-qasam ta' dan il-proġett. | Kompliet il-ħidma tal-Core Group ta' dan il-proġett wara li l-MEPA infurmat lill-istess Core Group b'rakkomandazzjonijiet għal dan il-proġett. | Mistenni li jitkomplew il-preparazzjonijiet, u se jiġu ppreparati visuals ta' kif ser jidher il-proġettt meta jitlesta. | Implimentata |
| **Il-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar (NFRP) wasal biex jitlesta.**<br><br>a. Bini ta' blokk għall-ħaddiema li sa jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-infrastruttura li nbniet permezz tal-Proġett għat-Taffija tal-Għargħar, kif ukoll bini ta' garages għall-makkinarju li nxtara għall-manutenzjoni ta' dan il-proġett. | WID - Unit Marittimu għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Id-dokument għall-offerti tal-bini ġie ppreparat u ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Is-sejħa għall-offerti tal-bini ġiet ip-pubblikata u ż-żmien għall-offerti għalaq. Inbeda l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti. | Il-kuntratt għall-bini ngħata u l-kuntrattur beda x-xogħol. Ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti għall-installazzjoni mekkanika. | Mistenni li jingħataw il-kuntratti għall-installazzjoni mekkan-ika u elettrika. Jitlesta x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| b. Komponent - Żabbar- Wied il-Għajn CT3109/11 Mini u Gradilji fit-toroq | National Flood Relief Project | It-tħaffir tal-mini, kisi tal-ħitan bix-shotcrete u kisi tal-art bil-konkrit tlesta. Inbeda x-xogħol ta' restawr tal-art u għelieqi minn fejn kien hemm id-dħul temporanju għax-xogħol tal-mini, kif ukoll xogħol biex jitlesta l-aċċess permanenti għall-manutenzjoni tal-mini u l-ħruġ fil-baħar. | Sar xogħol ta' tin-dif tal-mini u tlesta x-xogħol fuq id-dħul permanenti. In-beda l-proċess biex jingħata kuntratt għall-apparat għas-substation biex tipprovdi l-elettriku għall-pompi li hemm fil-ħruġ għall-baħar. | Ix-xogħol li kellu jsir mill-kuntrattur tal-bini tal-mini tlesta u l-proġett huwa lest. Wara li ngħatat l-awtorizzazzjoni meħtieġa, ġie finalizzat il-kuntratt mal-Enemalta biex ikun provdut l-apparat għas-substation. | Jitwaħħal l-apparat tas-substation u jitlesta l-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| c. Culverts fi Ttriq l-Iskola u Triq Caligari, Ħaż-Żabbar CT3248/2014 | WID - Unit Marittimu, għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti u nbdiet l-evalwazzjoni tal-offerti. | Saret l-evalwazzjoni tal-offerti u bdew il-preparamenti biex ikun iffirmat il-kun-tratt u tinħareġ l-ordni biex jinbeda x-xogħol. | Il-kuntratt ġie ffirmat u l-ordni biex jinbeda x-xogħol inħarġet. | Mistenni jitkompla x-xogħol u jitlesta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| d. Komponent - Ħaż-Żebbuġ CT3079/10 Mini u Gradilji fit-toroq | National Flood Relief Project | It-tħaffir tal-mini u kisi tal-ħitan bix-shot-crete, kif ukoll tal-art bil-konkrit tlesta kollu, u sar xogħol ta' pavimentar u żrigħ ta' arbuxxelli fil-ġnien ta' biswit id-daħla per-manenti tal-mini. | Dan il-komponent ġie komplut. | | | Implimentata |
| e. Xogħol tal-culvert fi Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbug CT3050/2014 | WID - Unit Marittimu, għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Tlesta ħafna mit-tħaffir tat-trinek, tqegħid ta' katusi u gradilji. | Ix-xogħol tal-culverts tlesta u sar xogħol ta' asfaltar fi Triq il-Kbira. | Saru preparamenti biex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti biex isir xogħol ta' asfaltar fi Triq 12 ta' Mejju. | Mistenni li jingħata l-kuntratt u jitlesta x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| f. Komponent - B'Kara - Msida: Mini u Gradilji fit-toroq CT3032/2011 | National Flood Relief Project | Tħaffru 180 metru ta' mini. Sar il-kisi bix-shotcrete tal-ħitan tal-mini, kif ukoll konkrit tal-art, u tkompla l-bini tal-ħruġ tal-ilma f'Ta Xbiex. Tlestew il-gradilji fit-toroq. | L-aħħar 118-il metru ta' tħaffir tal-mini tlesta. Sar kisi bix-xotcrete tal-ħitan tal-mini, kif ukoll konkrit tal-art, ħitan u soqfa. Saru gradilji fit-toroq u tkompla l-bini tal-ħruġ tal-ilma f'Ta Xbiex. | Tkompla l-kisi bix-shotcrete tal-ħitan tal-mini, kif ukoll ħitan bil-konkrit. Tlestew ukoll il-gradilji fit-toroq u tlesta l-bini tal-ħruġ tal-ilma ġewwa Ta' Xbiex. Tkompla x-xogħol fuq ix-shotcrete, u ħitan tal-konkrit li fadal, kif ukoll fuq ftit gradilji fit-toroq. | Jitkompla x-xogħol ta' kisi bix-shotcrete tal-ħitan tal-mini, u jitlesta l-proġett . | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| g. Iklin - B'Kara - Balzan Xogħol ta' Culverts CT3006/2014 - Triq San Mikiel, Iklin u Triq il-Wied, Balzan | WID - Unit Marittimu, għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Wara li ħarġet sejħa għall-offerti fl-2014, ingħata l-kuntratt tax-xogħol. | Ix-xogħol inbeda u tlestiet parti f'Birkirkara. Il-permess mingħand Transport Malta biex jinbeda x-xogħol fi Triq San Mikiel, Iklin inħareġ. | Ix-xogħol tkompla. | Ix-xogħol mistenni li jkun lest. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Qormi CT3155/2014-culverts fi Triq San Ġwakkin, Triq il-Blata, Triq il-Bard u Triq Ħammieri | WID - Unit Marittimu, għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita u l-Immaniġġjar tal-Widien | Wara li ħarġet sejħa għall-offerti fl-2014, l-offerti ġew aġġudikati. | Inħarġet l-ordni biex jinbeda x-xogħol. | Inbeda x-xogħol fi Triq il-Bard u Triq San Ġwakkin. Sal-aħħar ta' Awwissu tlesta t-tqegħid tal-katusi fi Triq il-Bard u fi Triq San Ġwakkin. Inbeda wkoll ix-xogħol tal-bini tal-manholes u t-tqegħid tal-gradilji. | Mistenni jitlesta x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jinbeda xogħol ta' restawr fuq it-Torri ta' Wignacourt ħdejn is-Sarrija u fuq il-Funtana ta' Wignacourt li hemm ġewwa l-ġnien ta' San Filippu.**<br><br>a. Se jinbeda xogħol ta' restawr fuq it-Torri ta' Wignacourt. | Rehabilitation Projects Office | Ġiet segwita l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa lill-MEPA għar-restawr tat-torri. | Kompliet tiġi segwita l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa lill-MEPA. | Inbeda x-xogħol ta' restawr. | Mistenni jitkompla x-xogħol ta' restawr. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| b. Se jinbeda xogħol ta' restawr fuq il-Funtana ta' Wignacourt. | Rehabilitation Projects Office | Saru preparamenti tad-dokumenti neċessarji biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA għar-restawr tal-funtana. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA. | Ġiet segwita l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa lill-MEPA. | Mistenni jinbeda xogħol preparatorju biex jinħareġ it-tender għar-restawr tal-funtana. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Ġewwa l-Belt Valletta sar xogħol ta' pavimentar ta' Triq l-Ordinanza, restawr fuq numru ta' monumenti tal-bronż u huwa ppjanat li jsir xogħol fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Triq it-Teżorerija u Strada Stretta fl-2015.**<br><br>a. Xogħol ta' Pavimentar ta' Triq l-Ordinanza, Valletta | Transport Malta | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| b. Restawr ta' monumenti tal-bronż ġewwa l-Belt: Monumenti ta' Ġorġ Borg Olivier, Manwel Dimech, Pawlu Boffa, Nerik Mizzi u Dun Mikiel Xerri u sħabu | Rehabilitation Projects Office | Ix-xogħol ta' restawr kien tlesta sal-aħħar tat-2014. | | Minħabba x-xogħol tat-tisbiħ ta' Pjazza Kastilja, sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-monumenti ta' Boffa, Manwel Dimech, u Borg Olivier qabel ma jitpoġġew lura. | | Implimentata |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| c. Restawr ta' Pavimentar ta' Triq it-Teżorerija, Valletta. | Rehabilitation Projects Office | Ġie approvat il-permess tal-MEPA għar-resatwr tal-pavimentar antik. | Sar xogħol ta' bdil ta' cable ta' provista tal-elettriku għall-Ministeru tal-Ġustizzja. | Ma sarx xogħol minħabba li dan is-sit jinsab f'żona turistika. | Mistenni jinbeda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| d. Restawr ta' Pavimentar ta' Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta. | Rehabilitation Projects Office | Saru l-preparazzjonijiet neċessarji, inkluż it-tħejjija tal-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa. | Inħareġ il-permess tal-MEPA għar-restawr tal-pavimentar. | Tlesta d-dokument tat-tender. | Mistenni jinħareġ it-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Qed jitfassal pjan komprensiv bl-għan li jkun hemm riġenerazzjoni u rijabilitazzjoni ta' Strada Stretta.**<br><br>a. Qed jitfassal pjan komprensiv bl-għan li jkun hemm riġenerazzjoni u rijabilitazzjoni ta' Strada Stretta. | OPM, MEPA flimkien ma' Rehabilitation Projects Office | Wara li f'Diċembru 2014 ġiet ippubblikata Draft Policy fuq Strada Stretta għall-konsultazzjoni tal-pubbliku, din għalqet f'Jannar 2015. Ġew evalwati s-sottomissjonijiet u sar xi tibdil fid-dokument. | F'Ġunju ġie approvat id-dokument Partial Review of Grand Harbour Local Plan - Strait Street and Old Civil Abattoir wara tmien ġimgħat ta' konsultazzjoni. | | | Implimentata |
| b. Disinn u implimentazzjoni ta' sistema ta' dawl arkitettoniku ġewwa Strada Stretta. | Rehabilitation Projects Office flimkien ma' Project Design and Engineering Directorate | Sar id-disinn ta' sistema ta' dwal tat-triq tat-tip ta' lanterna li għandha tiġi installata. Saru wkoll konsultazzjonijiet mal-Enemalta. | Saru t-tħejjijiet għall-ħruġ tat-tender għax-xiri tal-lanterni. | Ġiet ippubblikata t-tender. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-offerti u jingħata l-kuntratt. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| c. Restawr tal-pavimentar ta' Strada Stretta. | Transport Malta flimkien ma' Rehabilitation Projects Office | Inħarġu t-tenders għat-tqegħid ta' pavimentar ġo Strada Stretta. | Inbeda x-xogħol ta' pavimentar. | Ix-xogħol ġie sospiż temporanjament skont il-liġi, minħabba li din l-istruttura tinsab f'żona turistika. | Mistenni jitkompla x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fil-Kottonera, tlesta xogħol ta' tisbiħ ġewwa Xatt ir-Risq u qed isir xogħol biex ikunu jistgħu jinfetħu passaġġi taħt l-art għall-pubbliku. Fil-ġimgħat li ġejjin, se jinbeda xogħol ta' restawr u tisbiħ fuq il-Knisja ta' Santa Tereża ġewwa Bormla.**<br><br>a. Jinfetħu passaġġi taħt l-art ġewwa l-Kottonera | Rehabilitation Projects Office | Saru diskussjonijiet mal-GPD biex jiġi riżolt l-aċċess permanenti ta' dawn il-passaġġi. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-GPD biex jiġi riżolt l-aċċess permanenti ta' dawn il-passaġġi. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-GPD biex jiġi riżolt l-aċċess permanenti ta' dawn il-passaġġi. | Għad trid tissolva l-problema ta' aċċess għal dawn il-passaġġi li jgħaddu minn proprjetà mikrija mill-gvern għand terzi persuni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| b. Restawr tal-Knisja ta' Santa Tereża | Rehabilitation Projects Office | Inbeda x-xogħol ta' restawr tal-faċċati tal-knisja. | Tkompla x-xogħol ta' restawr. | Tkompliet l-aħħar fażi tax-xogħol ta' restawr. | Mistenni jitlesta x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Se tissewwa l-ħsara estensiva li hemm fuq il-Monument tal-Gwerra ġewwa l-Isla fejn dan il-monument se jinbidel minn wieħed tal-fibreglass għal wieħed tal-bronż.** | Rehabilitation Projects Office | Saret preparazzjoni tad-dokumenti neċessarji biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA għat-tibdil tal-monument minn fibreglass għall-bronż. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA. | Ġiet ippreparata d-dokumentazzjoni tat-tender. | Mistennija tkun ippubblikata t-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Matul is-sena d-dieħla, se joħroġ tender biex tiġi installata sistema sabiex tgħin biex issolvi l-problema ta' ilmijiet u drenaġġ fi Triq is-Sajjieda fil-Marsa.** | | Inbdew diskussjonijiet biex tibda tiġi indirizzata l-problema fl-imsemmija triq. | | Bdiet il-preparazzjoni tat-tender. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Hemm il-ħsieb illi x-Schreiber Ground, magħruf bħala Pace Grasso, jinbidel f'kumpless b'għanijiet diversi. Dan il-proġett se jkollu: Spazju miftuħ għal skop ta' rikrejazzjoni u parkeġġ kbir taħt l-art; ċentri prinċipali tas-saħħa u għall-persuni b'diżabilità.** | Grand Harbour Rehabilitation Corporation | Saru diskussjonijiet mal-Klabb tal-Boċċi ta' Paola Schreiber fuq rilokazzjoni tal-Klabb biex is-sit jibda jintuża bħala Ċentru tas-Saħħa ġdid. Saru taħditiet ukoll mal-FMS biex isiru l-preparamenti u l-pjanijiet meħtieġa. | Saru diversi eżerċizzji biex jiġi identifikat sit alternattiv għall-Klabb tal-Boċċi ta' Paola Schreiber. | Ġie ffirmat MoU bejn il-Klabb tal-Boċċi ta' Paola Schreiber, l-MEH u l-GHRC biex il-klabb tal-boċċi jkun jista' jiġi rilokat għall-Paola Wolves Club. Sadanittant ġie ppubblikat tender għal xogħol ta' tisbiħ fil-Paola Wolves Club. L-FMS, li se tiżviluppa Ċentru tas-Saħħa ġdid, issottomettiet applikazzjoni lill-MEPA. | Mistenni li jinbeda xogħol ta' tiswija fil-Paola Wolves Club biex ikunu jistgħu jidħlu il-Klabb tal-Boċċi ta' Paola Schreiber. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Il-Gvern se jibda billi janalizza sewwa l-qagħda fiżika u ambjentali ta' Wied Blandun, permezz ta' studju li għalih qegħdin nipprovdu l-flus fil-baġit, sabiex wara nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex nirrijabilitaw il-wied.** | | | Ġiet ippreparata sejħa għall-offerti biex jibda jsir studju ta' Wied Blandun u l-madwar. | Ħarget is-sejħa għall-offerti. | Mistennija jiġu evalwati l-offerti u jibda l-istudju. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Kumpanija tal-Gvern Ċiniż li wriet interess attiv biex tistudja l-possibiltà ta' pont, offriet ukoll li tistudja l-possibbiltà ta' mina. Fil-fatt, tlesta l-feasibility study rigward il-possibbiltà ta' pont bejn Malta u Għawdex. Kif jitlesta l-feasibility study dwar il-mina, jiġu ppubblikati l-istudji kollha biex il-pajjiż ikun infurmat biżżejjed dwar il-fattibilità taż-żewġ proġetti.** | | Dan il-proġett għadu fil-fażi inizjali tiegħu u d-diskussjonijiet interni għadhom għaddejjin. | | | Dan il-proġett għadu fil-fażi inizjali tiegħu u d-diskussjonijiet interni għadhom għaddejjin. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ġie ffirmat ftehim mal-kumpanija internazzjonali RS2, liema ftehim se jsarraf sabiex l-istess kumpanija tinvesti miljun ewro u eventwalment toħloq sa mitt impjieg ġdid ġewwa Għawdex fis-snin li ġejjin.** | MGOZ | Tkomplew u tlestew ix-xogħlijiet ta' twaqqigħ ta' parti mill-bini li kien jintuża mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ f'Għawdex. | Sar xogħol ta' kostruzzjoni tal-uffiċċji l-ġodda. | Ix-xogħlijiet tlestew. Sar il-ftuħ uffiċjali f'Awwissu. | | Implimentata |
| **Dan il-Gvern se jiftaħ toroq ġodda lejn Għawdex, din id-darba bl-ajru. F'dan ir-rigward, qed isiru studji relattivi għall-proġett ta' rural/green airfield f'Għawdex.** | MGOZ | Wara li tlestew l-Economic and Social Impact Assessment u l-Cost Benefit Analysis intbagħat il-Project Development Statement lill-MEPA. Bdew il-preparamenti għas-sejħa għall-offerti sabiex issir Stima tal-Impatt Ambjentali. | | Tinbeda l-Environment Impact Assessment. | Titkompla l-ħidma fuq dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Baga ġdida fix-Xlendi.**<br><br>a. Il-baga ġdida li biħsiebna npoġġu 'l barra mix-Xlendi se tagħti lok ġdid fejn cruise liners jistgħu jittrakkaw biex jiżbarkaw turisti ta' kwalità fil-gżira Għawdxija. | MGOZ | Wara taħditiet mal-istakeholders kollha involuti u mal-MEPA, ġie kkummissjonat l-ewwel studju ta' taħt il-baħar. | Sar l-ewwel studju ta' taħt il-baħar, kif ukoll intlaqgħu l-proposti u kwotazzjonijiet għat-tieni studju. Saru wkoll diversi laqgħat bejn l-istakeholders kollha involuti fuq il-fażi li jmiss tal-proġett. | Intgħażlet l-entità li se twettaq it-tieni studju. Abbażi ta' dan l-istudju, se jiġi fformulat it-tender. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| b. Il-proċess għal cruise liner terminal kif ukoll għal marina f'Għawdex miexi issa li ġie fi tmiemu l-proċess ta' Request for Proposals għall-kostruzzjoni tagħhom. Il-pass li jmiss hu li jiġu studjati bir-reqqa l-fattibiltà tal-proġett hekk kif propost mill-konsorzju li ssottometta l-pjani u l-istudji tekniċi. | MEIB | Ġie konkluż il-proċess tal-għażla min-naħa tal-Privatisation Unit. Ir-rapport ġie mgħoddi lill-Ministru għal Għawdex u lill-Kabinett. | Saru diskussjonijiet bejn il-Privatisation Unit u l-uniku proponent tal-proġett li ressaq RFP. Saru diversi laqgħat mal-partijiet konċernati u l-konsulenti legali dwar numru ta' aspetti qabel jitlesta l-Memorandum of Understanding (MOU). | In-negozjati fuq l-MOU bejn il-Privatisation Unit u l-operaturi li ssottomettew il-proposta. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Se noħorġu skema li tinkoraġġixxi ż-żieda u ż-żamma ta' impjiegi full-time fl-industrija tat-turiżmu. Kull operatur li jdaħħal u jżomm impjegati ġodda full-time u/jew jaqleb impjegati tiegħu minn part-time għal full-time se jgawdi minn rifużjoni parzjali fil-ħlas tal-bolla. Din ir-rifużjoni se tammonta għas-somma ta' elf ewro għal kull impjegat addizzjonali full-time.** | MEDE - E.T.C. | Bdew id-diskussjonijiet interni kif tista' titħaddem din il-miżura. | Komplew id-diskussjonijiet mal-Ministeri kkonċernati. | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Matul ix-xhur bejn Novembru u Marzu se jiġi offrut taħriġ ta' jumejn fil-ġimgħa lil dawk il-ħaddiema li jaħdmu fis-settur tat-turiżmu. Min iħaddem se jirċievi l-ħlas ta' 30 ewro għal kull ġurnata.** | MEDE - E.T.C. | Saru diskussjonijiet interni dwar it-tħejjija ta' din il-miżura. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Wara li jiġi ffinalizzat l-istudju dwar feasibility teknika u finanzjarja rigward l-implimentazzjoni ta' submarine fibre optic cable ieħor bejn Malta u Għawdex, se nkomplu x-xogħol sabiex inwaqqfu Digital Hub f'Għawdex sabiex jattira investiment minn kumpaniji fis-settur diġitali.** | MGOZ MEIB | Beda studju dwar il-fattibbiltà teknika u finanzjarja rigward l-implimentazzjoni ta' submarine fibre optic cable ieħor bejn Malta u Għawdex. | Tlesta l-istudju. | Ġew evalwati l-alternattivi kollha. Ġie ppreparat memo (MGOZ/ME) biex jitressaq lill-Kabinett, bi proposti konkreti dwar kif għandu jkomplu l-proġett. | Preparamenti fuq dokumenti ta' tender biex jibda x-xogħol fuq l-implimentazzjoni ta' submarine fibre optic cable. Fl-istess ħin, jibda l-istudju fuq it- twaqqif ta' digital hub f'Għawdex mill- Malta Enterprise. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Broadband cable bejn Malta u Għawdex.**<br><br>a. Permezz tat-tieni cable tal-broadband bejn Malta u Għawdex, se nsaħħu l-aċċess diġitali f'Għawdex u nżidu l-attrazzjoni ta' Għawdex għall-investiment fl-ICT u oqsma relatati. *(Din il-parti tal-miżura hija simili bħall-Miżura 274)* | M.E. | Ara l-miżura ta' qabilha. | | | | |
| b. L-eks-MDP se tiġi żviluppata biex tkun tista' takkomoda intrapriżi innovattivi u kreattivi li jgħinu biex l-ekonomija Għawdxija tgħaddi għal fażi aktar avvanzata. | MEIB | Din il-miżura qed tiġi rrapportata fl-MEIB. | | | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Sa tmiem din is-sena, il-MEUSAC se jkun fetaħ mill-ġdid uffiċċju rappreżentattiv tiegħu f'Għawdex bil-għan li jservi ta' punt tal-ewwel kuntatt ma' individwi, intrapriżi, NGOs u Kunsilli Lokali f'Għawdex.** | MSDC | F'Diċembru 2014, tlestew ix-xogħolijiet ġewwa l-uffiċċju l-ġdid li jinsab ix-Xewkija. Ġiet ingaġġjata wkoll Funds Officer u sar it-taħriġ meħtieġ. L-uffiċċju nfetaħ f'Jannar. | | | | Implimentata |
| **Qed insebbħu l-gżira Għawdxija u nistinkaw biex nagħtu spinta fil-konservazzjoni tal-ilma tax-xita. Wieħed ma jistax ma jinnotax ix-xogħol estensiv li sar ġewwa l-Wied ta' Marsalforn, liema xogħol se jiġi kkumplimentat fis-snin li ġejjin minn proġetti oħra li se jiġu varati mill-istess Eko-Għawdex.** | MGOZ | Tlestiet l-ewwel fażi tax-xogħlijiet ta' rijabilitazzjoni fil-Wied ta' Marsalforn u saru diskussjonijiet mal-istakeholders biex jitjieb l-aċċess għall-għelieqi tal-madwar. Inbeda proġett ta' riċerka mal-MCAST fuq il-kwalità tal-ilma fil-wied. Tlesta ix-xogħol ta' restawr ta' ġibjun storiku fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex biex jerġa' jibda jintuża mill-ġdid. Ġiet ippubblikata policy paper relatata mal-użu sostenibbli tal-ilma f'Għawdex. | Ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Marsalforn ġew inawgurati f'April 2015. Tkompla l-proġett ta' riċerka mal-MCAST. Tlestiet l-installazzjoni ta' pompi ġodda. | Tkompliet id-diskussjoni mal-MEPA biex jinħarġu l-permessi għal pontijiet ġodda fil-Wied ta' Marsalforn. Beda jitħejja project proposal għall-finanzjament mill-Unjoni Ewropea (ERDF) ta' proġett li jinvolvi r-restawr tal-akkwadott ta' Għawdex u l-użu tal-ilma li jwassal mis-sors naturali fl-inħawi ta' Santa Luċija għar-Rabat, għal skopijiet pubbliċi. | Jinħarġu s-sejħiet għall-offerti biex jinbnew il-pontijet il-ġodda. Tiġi ppreżentata proposta għall-finanzjament mill-ERDF għal proġett li jinvolvi r-restawr tal-Akkwadott ta' Għawdex. Ser jibda jsir ukoll moniteraġġ tal-ilqugħ fil-widien biex jiġi rilevat fejn hemm bżonn ta' manutenzjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Se nkomplu nistinkaw ukoll sabiex inniedu l-masterplans ta' Marsalforn u x-Xlendi. | MGOZ | Marsalforn : Saru laqgħat konsultattivi mal-MEPA biex l-Awtorità toħroġ linji gwida fuq il-canopies tal-istabbilimenti tal-ikel f'Marsalforn. Ġiet sottomessa applikazzjoni mal-MEPA. Bdew ix-xogħlijiet ġewwa l-Menqa ta' Marsalforn biex jitjiebu l-faċilitajiet għas-sajjieda, fosthom bini mill-ġdid tas-slipway.<br><br>Xlendi : Saret laqgħa konsultattiva mal-MEPA dwar il-masterplan ta' Xlendi. | Marsalforn : Tkomplija tal-proċess biex jinħareġ il-permess. Tkomplija tax-xogħlijiet.<br><br>Xlendi : Sar qbil mal-partijiet kollha biex il-proċess tat-tnedija tal-masterplan jitkompla wara l-pubblikazzjoni tal-masterplan ta' Marsalforn. | Marsalforn : Tkomplew laqgħat mal-MEPA biex jiġu formulati policies speċifiċi għal Marsalforn (li jkopri anke l-canopies tal-istabbilimenti tal-ikel.) Tkomplija tax-xogħlijiet. | Marsalforn : Isiru diskussjonijiet finali mal-MEPA biex jiġi approvat formalment il-masterplan ta' Marsalforn.<br><br>Xlendi: Ser jibdew laqgħat konsultattivi mal-MEPA biex l-Awtorità toħroġ linji gwida fuq il-canopies tal-istabbilimenti tal-ikel ġewwa x-Xlendi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nagħtu nifs ġdid lil diversi pjazez ġewwa Għawdex, fosthom dawk f'Għajnsielem, fix-Xagħra u fix-Xewkija.** | MGOZ | Xagħra:<br>Bidu tax-xogħol ta' tisbiħ fi Pjazza il-Vittorja u fi Vjal 8 ta' Settembru.<br><br>Xewkija:<br>Jitkompla l-bini tal-Public Convenience, f'Pjazza San Ġwann.<br><br>Għajsielem<br>Sar ftehim mal-Parroċċa ta' Għajnsielem fejn il-Ministeru għal Għawdex għadda parti mis-somma tal-ispiża ta' dan il-proġett li ser jitwettaq mill-parroċċa ta' Għajnsielem. | Xagħra:<br>Tkomplija u tlestija tal-ewwel fażi tax-xogħol ta' tisbiħ fi Pjazza l-Vittorja u fi Vjal 8 ta' Settembru.<br><br>Xewkija:<br>Tlesta l-bini tal-Public Convenience.<br>Inħarġu l-permessi tal-MEPA u beda t-twaqqigħ tal-bini ta' quddiem il-każin tal-Banda. | Xagħra:<br>Bidu tat-tieni fażi tax-xogħlijiet ta' tisbiħ.<br><br>Xewkija:<br>Inħarġet u ngħatat sejħa għall-offerti biex seta' jibda t-twaqqigħ u restawr ta' binja fi Triq Santa Katerina li ser iservi ta' post ta' esebizzjonijiet.<br>Beda l-proċess għar-restawr tal-Mitħna fi Triq Indipendenza. | Xagħra:<br>Bidu tat-tieni fażi tax-xogħlijiet ta' tisbiħ.<br><br>Jibda x-xogħol ta' restawr tal-binja fi Triq Santa Katerina. Tiġi sottomessa applikazzjoni għall-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja biex tiġi restawrata l-Mitħna fi Triq Indipendenza. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nagħtu l-attenzjoni xierqa għall-proġett ta' tisbiħ li qed isir fiċ-Ċittadella, liema xogħol mistenni jkun lest sa nofs is-sena 2015. Dan il-proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropeja fih ħafna komponenti ta' xogħlijiet u servizzi fosthom - (a) Xogħlijiet ta' restawr ta' faċċati ta' binjiet storiċi; (b) Xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' passaġġi, pjazza u triqat; (ċ) Provvista tas-servizz ta' monitoraġġ arkeoloġiku; (d) Restawr u konverżjoni ta' ġibjuni tal-ilma f'Ċentru għall-Viżitaturi; (e) Xogħlijiet ta' tisbiħ fil-Foss taċ-Cittadella; (f) Xogħlijiet ta' sistema ta' dwal effiċjenti fl-enerġija; (ġ) Xogħlijiet ta' konsolidazzjoni tar-Rovini; (g) Xogħlijiet fuq il-ħolqien ta' dar tal-perjodu; (ħ) Installazzjoni ta' sinjali ta' direzzjoni u informazzjoni; (h) Xogħlijiet ta' tisbiħ u manutenzjoni fuq iċ-Ċentru tal-Arti fiċ-Ċittadella (i) Installazzjoni ta' xogħlijiet tal-azzar; u (j) Installazzjoni ta' liftijiet. Il-proġett huwa stmat li ser jiswa 14-il miljun ewro inkluż il-V.A.T.** | MGOZ | Tkomplew ix-xogħlijiet fuq diversi komponenti tal-proġett. Saret ħidma intensiva fuq ix-xogħlijiet tas-servizzi u pavimentar fil-parti interna taċ-Ċittadella u tkomplew xogħlijiet fuq ir-restawr tal-faċċati u fuq il-foss taċ-Ċittadella. Tkompliet ukoll ħidma fuq ix-xogħlijiet taċ-Ċentru għall-Viżitaturi fil-ġibjuni quddiem id-daħla taċ-Ċittadella. | Tlesta x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċati tal-Qorti, il-Palazz tal-Gvernatur, il-Ħabs il-Qadim u l-ġenb tal-Katidral. Tkompla x-xogħol fuq il-pavimentar tat-toroq fiċ-Ċittadella u fuq il-Foss. Saret ħidma intensiva fir-rikostruzzjoni tat-triq li twassal għaċ-Ċittadella. Minħabba numru kbir ta' sejbiet arkeoloġiċi kellhom jinbidlu l-pjanti tal-proġett u dan affettwa l-implimentazzjoni tal-proġett. Dan sar b'konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Tkomplew ukoll xogħlijiet fuq l-installazzjoni tas-sistema tad-dawl, fuq l-installazzjoni ta' railings u fuq it-tindif tar-rovini. | Ix-xogħlijiet prinċipali kienu konċentrati fuq it-tlestija ta' parti mit-triq li twassal għaċ-Ċittadella. Ittieħdu wkoll diversi miżuri ta' sigurtà biex tilqa' għall-influss kbir ta' nies li jżuru liċ-Ċittadella fil-jiem tal-festa. Tkomplew ukoll ix-xogħlijiet fuq il-pavimentar ta' diversi toroq fiċ-Ċittadella kif ukoll fuq il-foss. Inħarġu diversi sejħiet għall-offerti għat-tkomplija ta' xogħlijiet fuq dan il-proġett. Instabu diversi sejbiet oħra arkeoloġiċi li affettwaw l-implimentazzjoni tal-proġett. | Matul dan il-perjodu ser ikunu konklużi l-parti l-kbira tax-xogħlijiet fuq dan il-proġett. Ser jiġu installati l-liftijiet kif ukoll jitlestew il-parti l-kbira tax-xogħlijiet fuq iċ-ċentru għall-viżitaturi. Ser jitlestew ukoll ix-xogħlijiet fuq ir-rovini, fuq il-foss, ir-rikostruzzjoni tat-toroq u l-pavimentar tagħhom kif ukoll l-installazzjoni tad-dwal. Matul dan il-perjodu ser isiru diversi xogħlijiet ta' tisbiħ li jikkumplimentaw lill-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nagħtu dimensjoni ġdida lill-Ġustizzja f'Għawdex. Għaddejjin preżentament b'konsultazzjoni pubblika għall-fini li naraw varat il-proġett tal-Qorti l-ġdida li se titwaqqaf f'Għawdex.** | MGOZ | Wara li ġiet konkluża l-konsultazzjoni pubblika dwar l-għażla tas-sit il-MEPA se tkompli bl-assessjar tal-applikazzjoni. | Tkomplija tal-ħidma relatata għall-ħruġ tal-permessi tal-MEPA. | Il-proċess tal-għażla tal-post ġie konkluż u tlestew id-disinji tal-binja. | Mistenni jinħareġ il-permess tal-MEPA, filwaqt li, qed tiġi preparata sejħa għall-offerti għat-tħammil tas-sit. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Ix-xogħol fuq id-dar tal-anzjani kompla għaddej. Issa li ħarġu l-permessi kollha mill-MEPA, se jsiru t-tħejjijiet sabiex id-dar titwaqqaf u titħaddem bl-aħjar mod. Din id-dar se jkun fiha 70 kamra.** | MGOZ | Ingħata t-tender u beda x-xogħol ta' twaqqigħ ta' parti mill-istruttura tal-bini. | Tlestew x-xogħlijiet ta' twaqqigħ. Intemmu d-diskussjonijiet dwar l-iffinanzjar tal-proġett. | Ix-xogħol ta' twaqqigħ u tħammil kważi tlesta. Qed tiġi preparata sejħa għall-offerti għall-bini tad-dar tal-anzjani. | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET
TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-kumpens tal-għoli tal-ħajja li jingħata minn min iħaddem se jkun ta' 58ċ fil-ġimgħa. Dan il-kumpens hu maħdum skont il-mekkaniżmu maqbul bejn l-imsieħba soċjali.** | MSDC | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| **Rigward il-vjolenza domestika, għaddejja ħidma kollettiva ma' dawk li joffru servizzi ta' għajnuna lill-vittmi u mal-Akkademja tal-Pulizija sabiex ikun imsaħħaħ it-taħriġ lill-membri tal-Korp dwar kif għandhom jaġixxu f'dawn is-sitwazzjonijiet.** | Il-Korp tal-Pulizija | Ġie organizzat seminar sabiex dawk kollha li ser ikunu involuti jkunu ngħataw taħriġ. Uffiċjal intbagħat barra minn Malta sabiex ikun imħarreġ. Inbdiet ukoll kampanja fuq il-midja nazzjonali sabiex tinħoloq kuxjenza. Saru riċerka u ġbir tal-informazzjoni fuq dan is-suġġett. Beda t-tfassil tal-pjan t'azzjoni sabiex jiġi implimentat. Ingħata taħriġ lil entitajiet oħra involuti. | Il-fażi teknika tal-linji ta' kuntatt li ser tintuża internament min naħa tal-uffiċċju bażi ta' sapport għall-kwartieri tal-Pulizija hija lesta. In-numru tat-telefown li ser ikun qed jintuża f'każijiet ta' vjolenza domestika (anki f'każijiet t'abbużi oħra bħal fosthom dawk sesswali) ġie stabbilit. Sar ukoll kuntatt dirett bejn il-Pulizija u l-Appoġġ. Qed jiġi organizzat ħafna taħriġ rigward dan l-aspett. | Sar taħriġ f'Lulju 2015 dwar is-suġġett għall-ewwel grupp ta' Spetturi u Surġenti fl-Akkademja tal-Pulizija. Dan il-grupp kien jinkludi 15-il Spettur u 15-il Surġent. It-tul tat-taħriġ kien ta' 10 sigħat u sar minn esperti fuq is-suġġett bl-appoġġ tal-Mental Health Service Psychology Department. F'Settembru jingħata taħriġ lil grupp ta' tletin uffiċjal ieħor. | F'dan il-kwart mistenni li jkun lest it-taħriġ meħtieġ u b'hekk din il-miżura tkun daħlet fis-seħħ. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jitkompla l-proċess ta' reviżjoni u aġġornament tal-liġijiet tax-xogħol biex jiġu mtejba d-drittijiet tal-ħaddiema u fejn hemm bżonn jiġu ċċarati aħjar. Dan se jsir fi sħubija mal-imsieħba soċjali permezz ta' diskussjonijiet fil-Bord tar-Relazzjonijiet tal-Impiegi u fl-MCESD.** | Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | F'Marzu ġie ppubblikat Avviż Legali b'emendi fir-regolamentazzjoni tal-overtime, wara diskussjonijiet li saru mal-imsieħba soċjali. Tpoġġa għad-diskussjoni fil-Bord għar-Relazzjonijiet tal-Impjiegi abbozz dwar tibdil fil-Works Regulation Order, kif ukoll bdiet id-diskussjoni fuq l-emendi għall-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (EIRA). | Fil-Bord għar-Relazzjonijiet tal-Impjiegi tkomplew id-diskussjonijiet fuq emendi fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, inkluż fir-rigward ta' leġiżlazzjoni li tikkonċerna r-rappreżentanza tat-trade unions f'postijiet tax-xogħol. | Fil-Bord għar-Relazzjonijiet tal-Impjiegi tkomplew id-diskussjonijiet fuq emendi fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. | Kontinwazzjoni tal-miżura. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Fil-ġimgħat li ġejjin, se ndaħħlu fis-seħħ regoli oħra dwar blacklisting ta' kumpaniji u persuni li jabbużaw mill-ħaddiema.** | Direttorat għas-Servizzi Korporattivi | L-Avviż Legali b'regoli dwar il-blacklisting ta' kumpaniji u persuni li jabbużaw mill-ħaddiema ħareġ. | | | | Implimentata |
| **Se nesiġu li l-ħlasijiet tal-ħaddiema tal-kuntratturi fuq xogħol tal-gvern jitħallsu mill-anqas bir-rata bażika tal-istess xogħol li jsir mal-Gvern. B'hekk, barra li nkunu indirizzajna l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' dawn il-ħaddiema, issa qed nindirizzaw ukoll il-ħlasijiet tagħhom għall-ewwel darba f'ħafna snin.** | Direttorat għas-Servizzi Korporattivi | Ċirkulari bl-istruzzjonijiet dwar il-pegging maħruġa biex ma' kull kuntratt ġdid fl-2015 ħaddiema fuq kuntratti mal-Gvern jibdew jitħallsu bir-rati tal-paga bażika tal-ħaddiema tal-gvern fl-istess kariga. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Kunsill Konsultattiv tal-Industrija tal-Bini fix-xhur li ġejjin mistenni jippreżenta pjan ta' kif f'Malta se jiġu introdotti l-iskill cards fl-industrija tal-kostruzzjoni. Dan il-proċess mistenni jsir b'koperazzjoni mal-MCAST u l-ETC. Persuni li ma jkollhomx din il-card mhux se jkunu jistgħu jaħdmu f'dan il-qasam.** | Direttorat Ġenerali għall-Operat | Saru diskussjonijiet bejn il-Kunsill Konsultattiv tal-Industrija tal-Bini (BICC), l-MCAST, l-OHSA u l-ETC, dwar proġett pilota biex isir taħriġ ħalli ħaddiema f'setturi partikolari jakkwistaw l-iskill cards. Saru taħditiet u xogħol li għandhom iwasslu għat-tħejjija ta' White Paper dwar l-introduzzjoni tal-iskill cards fl-industrija tal-kostruzzjoni. | L-ewwel abbozz tal-White Paper tlesta u tqassam lill-Ministeri għall-konsultazzjoni. Ġie konkluż id-dokument dwar il-Plumbers Occupational Standards. Kors rigward l-għarfien ġenerali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kien abbozzat f'koordinazzjoni mal-OHSA. | Il-White Paper dwar l-iskill cards kienet approvata mill-Kabinett u ġiet imnedija konsultazzjoni pubblika fuq is-suġġett. | L-evalwazzjoni ta' wara l-konsultazzjoni pubblika ser tiġi mressqa lill-Kabinett sabiex din il-miżura tkun tista' tiġi finalizzata. | Implimentata |
| **Għaddejjin ukoll b'ħidma għat-tfassil ta' abbozz ta' liġi dwar il-koabitazzjoni.** | Direttorat Strateġija | Fażi ta' esplorazzjoni dwar l-aħjar mudell minn pajjiżi barranin li jista' jintuża għal Malta. Saru laqgħat mal-esperti responsabbli mill-abbozzar tal-liġi. Beda jinġabar tagħrif mill-Ministeri rilevanti f'dak li għandu x'jaqsam ma' drittijiet/obbligi/benefiċċji li jistgħu jgawdu minnhom koppji f'koabitazzjoni. | L-avukat responsabbli mill-abbozzar tal-liġi beda l-evalwazzjoni tat-tagħrif miġbur mill-Ministeri. Bdew sensiela ta' laqgħat interni biex jiġu eżaminati l-klawsoli kollha tal-ewwel abbozz tal-liġi. | Saru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar provvedimenti li għandhom jiddaħħlu fil-liġi. | L-abbozzar tal-liġi dwar il-koabitazzjoni jkun finalizzat u huwa skedat illi l-ewwel qari jkun tressaq quddiem il-Parlament sa sal-aħħar tas-sena. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għas-sena d-dieħla, l-Gvern se jtejjeb u jsaħħaħ l-aċċess għall-informazzjoni permezz ta' emendi fil-Liġi għal-Libertà tal-Informazzjoni.**<br><br>a. Dan se jiffaċilita l-aċċess għad-dokumentazzjoni mill-Gvern filwaqt li se titjieb il-preżenza ta' din il-liġi online sabiex il-pubbliku jsibha aktar faċli biex jagħmel talbiet u jkollu aċċess għad-dokumenti. | Direttorat Stateġija - Taqsima għal-Libertà tal-Informazzjoni (Freedom of Information) | Il-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Liġi għal-Libertà tal-Informazzjoni żamm numru ta' laqgħat biex jiddiskuti l-emendi proposti waħda waħda. | Il-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Liġi għal-Libertà tal-Informazzjoni lesta l-laqgħat tiegħu fil-bidu ta' Ġunju, u ħejja r-rapport dwar il-ħidma tiegħu. | Ir-rapport ippreparat mill-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Liġi għal-Libertà tal-Informazzjoni ġie diskuss mal-Ministru, qabel isir il-memorandum fuq is-suġġett lill-Kabinett. | Kontinwazzjoni tal-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| b. Dan se jiffaċilita l-aċċess għad-dokumentazzjoni mill-Gvern filwaqt li se titjieb il-preżenza ta' din il-liġi online sabiex il-pubbliku jsibha aktar faċli biex jagħmel talbiet u jkollu aċċess għad-dokumenti. | Direttorat Stateġija - Taqsima għall-Libertà tal-Informazzjoni (FOI) | Wara evalwazzjoni interna, ġie deċiż illi s-sistema tal-Libertà tal-Informazzjoni għandha tibqa' tkun immaniġġjata mill-kuntrattur, u mhux tkun trasposta fix-Sharepoint. | Sar l-ittestjar tas-sistema l-ġdida tal-Libertà tal-Informazzjoni wara li tlestiet mill-kuntrattur. Bdew ikunu eżaminati u ttrattati l-problemi tekniċi li nqalgħu, biex jinstabu s-soluzzjonijiet tekniċi relattivi. | Tkomplew it-tħejjijiet neċessarji biex is-sistema l-ġdida tal-Libertà tal-Informazzjoni tibda titħaddem formalment minn Ottubru. | Kontinwazzjoni tal-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern qed jaħdem fuq politika ta' integrazzjoni li għandha twassal għat-tnaqqis fid-diffikultajiet li ġġib magħha l-esklużjoni soċjali u ttejjeb ir-relazzjoni bejn il-Maltin u l-komunitajiet barranin.** | Direttorat għall-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni tal-programmi (PDPI) | Beda l-proċess biex isir abbozz ta' qafas tal-istrateġija għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Ġie varat id-dokument qafas għall-istrateġija ta' integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'Malta. Saret konferenza nazzjonali fuq is-suġġett fl-aħħar ta' Ġunju, bħala għeluq tal-proġett "Mind D Gap - Together we can make a difference project", li kien kofinanzjat minn fondi Ewropej (IF 2013 - 17). | Il-memorandum dwar it-twaqqif ta' Kunsill Konsultattiv dwar Affarijiet tal-Integrazzjoni ġie ppreżentat lill-Kabinett fl-aħħar ta' Lulju 2015. Tkompliet il-ħidma biex tiġi finalizzata l-Istrateġija Nazzjonali ta' Integrazzjoni f'Malta. | Implimentazzjoni tal-politika mfassla. | Implimentata |
| **Se jitwaqqaf ukoll Direttorat għall-Integrazzjoni li se jiżviluppa strateġija u programmi li jilħqu l-għanijiet tal-Gvern firrigward tal-libertajiet ċivili, u l-ugwaljanza, il-politika ta' antidiskriminazzjoni u l-integrazzjoni tal-immigranti.** | Direttorat Strateġija | Is-sejħa għall-pożizzjoni ta' Direttur għall-Integrazzjoni ħarġet fi Frar. Ġew abbozzati wkoll dokumenti dwar il-pożizzjonijiet ta' Assistent Direttur (Libertajiet Ċivili) u Maniġer Anzjan (Proġetti) fi ħdan l-istess Direttorat. | Tkompla l-proċess ta' reklutaġġ. | Ħarġet it-tieni sejħa għall-pożizzjoni ta' Direttur għall-Integrazzjoni f'Awwissu. | Mistenni li jitwaqqaf id-Direttorat u jibda l-operat formali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Twaqqif ta' Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u Ugwaljanza li għandha tieħu post il-Kummissjoni eżistenti għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). Il-Gvern kien ċar li jrid l-ogħla forma ta' protezzjoni tad-drittijiet u jrid li din l-istituzzjoni tkun imsawra skont il-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Magħquda. Il-Gvern wasal biex iniedi White Paper li se sservi ta' bażi ta' din il-Kummissjoni s-sena d-dieħla.** | Direttorat Strateġija | Sar l-eżami tal-kummenti li daħlu wara l-konsultazzjoni pubblika dwar il-White Paper maħruġa f'Diċembru 2014. Bdew id-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet marbuta mat-tħejjija tal-Att Dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa u l-Att Dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza. | Tkompla x-xogħol li kien għaddej f'dan il-qasam fl-ewwel kwart tas-sena. | Tisħiħ tal-istruttura fi ħdan il-Ministeru sabiex il-ħidma f'dan is-settur partikolari tkun tista' tingħata spinta 'l quddiem. | Ix-xogħol fuq iż-żewġ atti involuti, jiġifieri l-Att Dwar l-Ugwaljanza (li jissostitwixxi KAP 456 - Att Dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa), kif ukoll l-Att Dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza (li jwaqqaf il-Kummissjoni nnifisha), qiegħed fi stadju avvanzat. Huwa mistenni illi l-abbozzi ta' dawn iż-żewġ liġijiet jgħaddu għall-approvazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Is-sena d-dieħla għandu jkun varat il-proġett fuq il-bini ta' sit ġdid għall-organizzazzjonijiet volontarji li se jtejjeb l-effiċjenza tal-Uffiċċju tal-Kummissarju, inaqqas il-burokrazija b'konformità mal-politika tal-Gvern u tinħoloq iżjed trasparenza fejn permezz ta' NGO Hub, organizzazzjonijiet volontarji se jkunu moqdija aħjar.** | Direttorat għas-Servizzi Korporattivi | L-NGO Hub tat-tramuntana nfetaħ fil-Qawra fl-24 ta' Jannar. F'Jannar saret applikazzjoni mal-MEPA biex jiġi żviluppat sit f'Marsaxlokk biex iservi ta' Hub għan-nofsinhar ta' Malta. Għal Għawdex, ġie deċiż li ser jibqa' jintuża ċ-ċentru għall-volontarjat eżistenti u jiġi msaħħaħ bħala Hub għall-volontarjat mill-Ministeru għal Għawdex. | Fir-rigward tal-Hub tan-nofsinhar, tkompla l-proċess għall-ħruġ tal-permessi relattivi. | Tkompla l-proċess għall-ħruġ tal-permessi biex ikun jista' jibda x-xogħol. | Mistenni jibda jopera l-imsemmi Hub. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se ndaħħlu programm li permezz tiegħu l-cruise liners li jibqgħu Malta matul il-lejl se jkunu jistgħu jiftħu l-casino tagħhom għall-passiġġieri f'ċerti ħinijiet. Se titħallas liċenzja għal dan il-għan. Sabiex nippromovu aktar lil Għawdex, cruise liners li jagħżlu li jżuru Malta u Għawdex se jiġu eżentati mill-ħlas relatat.** | Segretarju Parlamentari | L-Avviż Legali kien ippreżentat quddiem il-Kabinett tal-Ministri u ġie approvat. Aktar tard matul l-istess kwart tas-sena, l-avviż legali kien ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. | | | | Implimentata |
| **Seed Investment Programme - Din l-iskema tikkontempla l-introduzzjoni ta' regoli ġodda taħt l-att dwar it-taxxa fuq id-dħul, liema regoli se joffru inċentivi lil dawk l-investituri li jinvestu f'intrapriżi li jkunu għadhom fl-istadju bikri tal-ħajja kummerċjali tagħhom – start up companies. Investituri privati se jingħataw kreditu ta' taxxa ekwivalenti għall-ammont ta' kapital (permezz ta' ishma) li jkunu investew f'kumpaniji li jkunu għadhom qed jinħolqu. L-investitur li jinvesti f'dawn il-kumpaniji se jkun jista' jingħata kreditu mit-taxxa sa massimu ta' 250,000 ewro f'sena.** | MIMCOL | Ġie preparat legal notice dwar is-Seed Investment Programme bl-assistenza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Matul dan l-istess kwart saret ħidma ntensiva sabiex it-test legali jkun magħrbul mill-Istate Aid Monitoring Board. | Kompliet il-ħidma mal-Istate Aid Monitoring Board kif ukoll bdew it-taħditiet mal-MFIN biex jibda wkoll il-proċess ta' tħejjija għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Numru ta' laqgħat komplew għaddejjin bi preparazzjoni għall-implimentazzjoni (operational) tal-miżura hekk kif jiġu attwati r-regolamenti. | Roll-out ta' kampanja promozzjonali internazzjonali u nazzjonali ta' din l-inizjattiva. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Venture Capital Funds - Qed isir tibdil fuq avviż legali li għalkemm diġà eżistenti, qatt ma ntuża. It-tibdil meħtieġ għandu jwassal biex il-miżuri ta' dan l-avviż legali jkunu jistgħu jiġu implimentati aħjar u jintużaw minn firxa akbar ta' operaturi ta' venture capital funds.** | MIMCOL | Saru numru ta' diskussjonijiet mal-partijiet interessati, partikolarment entitajiet tal-awditjar u konsulenza, il-Ministeru tal-Finanzi u l-Malta Enterprise, biex jiġu identifikati l-aħjar miżuri / inċentivi biex jattiraw operaturi VC lejn Malta. Din il-kollaborazzjoni wasslet għall-ħolqien ta' Venture Capital Malta fejn matul l-istess perjodu saret it-tnedija formali tal-istess inizjattiva. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jiġi indirizzat l-Att tan-Negozju tal-Familja. Il-liġi se tagħti definizzjoni ċara ta' x'inhu negozju tal-familja u min huma l-membri tal-familja u se tinċentiva t-trasferiment tan-negozju bejn membri tal-istess familja. Kull negozju tal-familja rreġistrat taħt dan l-Att se jkun eliġibbli sabiex japplika għal numru ta' benefiċċji.** | MEIB | F'dan il-perjodu tkompliet konsultazzjoni sħiħa ma' partijiet interessati bil-għan li dan l-Att tal-liġi jkun verament qed jirrifletti l-bżonnijiet u d-diffikultajiet tas-settur privat f'Malta. Matul l-istess perjodu saret reviżjoni sħiħa tal-feedback li nġabar mill-istess konsultazzjoni. Dan il-feedback ġie diskuss ukoll mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, Kummissarju tat-Taxxi Interni, u Malta Enterprise. Barra minn hekk inħasset il-ħtieġa li l-istess liġi tiġi diskussa kemm waqt Enterprise Consultative Council kif ukoll li jiġi organizzat Family Business Act Breakfast fejn il-partiijiet interessati għal darb'oħra ġew mogħtija l-opportunità biex juru l-ħsibijiet tagħhom. | Matul dan il-kwart tas-sena ġie ppreżentat Memo u abbozz ta' inċentivi lill-Kabinett. | Tlesta d-drafting tal-White Paper li mistennija titnieda f'Ottubru għall-konsultazzjoni pubblika. | Hu mistenni li wara l-għeluq tal-perjodu ta' konsultazzjoni, issir reviżjoni tal-abbozz skont l-istess feedback biex b'hekk l-aħħar abbozz jiġi finalment ippreżentat lill-Parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-entità regolatarja li llum hija l-LGA tinbidel f'Malta Gaming Authority. Dan mhux biss bidla fl-isem imma mod ġdid ta' kif irridu nirripożizzjonaw lill-Awtorità fl-industrija eżistenti u dik li għad trid tiġi.** | Lotteries and Gaming Authority | Fl-14 ta' Jannar 2015 ġie inawgurat uffiċjalment it-tibdil fl-isem tal-istess awtorità b'tali mod u manjiera li l-awtorità tirrifletti aktar il-bżonnijiet tal-istess industrija. Matul l-istess inawgurazzjoni ġie inawgurat ukoll uffiċjalment il-logo l-ġdid u website ġdida. | | | | Implimentata |
| **Se tinħoloq Akkademja tal-Gaming li permezz tagħha l-Gvern se jwieġeb għat-talba tal-industrija li f'pajjiżna mhux qed insibu biżżejjed ħaddiema Maltin biex jimlew il-postijiet tax-xogħol li qed jinħolqu.** | Lotteries and Gaming Authority | Beda x-xogħol relatat mat-twaqqif tal-Akkademja tal-Gaming fejn ġew ippreparati draft ta' Cabinet Memo, Memorandum of Association, Articles of Association, kif ukoll il-Bill. | Tlestew l-atti kostituttivi tal-entità u d-dokumentazzjoni anċillari. | Matul dan il-kwart ser issir preżentazzjoni lill-Kabinett tal-Atti kostituttivi tal-entità u d-dokumentazzjoni anċillari. | Titnieda l-Akkademja. | Implimentata. |
| **Se nwaqqfu Gaming Malta sabiex tippromovi lil Malta bħala ġurisdizzjoni ewlenija fejn tidħol l-industrija tal-gaming. Din se tkun magħmula bi sħab mal-Kamra tal-Kummerċ, il-Kunsill tal-Malta Remote Gaming, il-Kamra tal-Avukati u l-Istitut Malti tal-Accountants. L-iskop tal-Fondazzjoni jkun li tippromovi lil Malta bħala ċentru ta' eċċellenza għas-settur tal-igaming, toħroġ b'ideat innovattivi fil-qasam tar-riċerka u innovazzjoni u tkun katalista fil-bidliet neċessarji ħalli pajjiżna jibqa' fuq quddiem f'dan is-settur.** | Lotteries and Gaming Authority | Matul dan il-perjodu tlesta l-Abbozz tal-Istatut tal-Fondazzjoni Gaming Malta, kif ukoll ġie mressaq Cabinet li kien approvat mill-istess Kabinett tal-Ministri. Gaming Malta ġiet varata fl-20 ta' Marzu. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Is-sena d-dieħla l-MCA se tiffinalizza analiżi dwar il-fattibilità teknika, ekonomika u finanzjarja ta' submarine cable ġdid bejn Malta u postijiet alternattivi oħra fil-kontinent Ewropew bil-għan li titjieb l-adattabilità u l-kwalità tal-konnettività tat-telekomunikazzjoni internazzjonali attwali.** | Malta Communications Authority | Matul dan il-perjodu l-MCA ppreparat u ppubblikat id-dokument tat-tender dwar il-fattibilità teknika, ekonomika u finanzjarja tas-Submarine Cable. It-tender għalaq fit-3 ta' Marzu. Matul l-istess kwart tas-sena nbeda l-proċess ta' aġġudikazzjoni tal-istess tender. | Wara l-proċess ta' aġġudikazzjoni ġie stabbilit il-project plan u ġie ffirmat il-kuntratt mal-kumpanija magħżula kif ukoll beda x-xogħol fuq l-istudju tas-submarine cable link ġdid. | Intemmu l-ewwel żewġ stadji tal-istudju tas-submarine cable link ġdid. Bdew għaddejjin numru ta' diskussjonijiet mal-operaturi u partijiet interessati oħra. | L-istudju mistenni li jkun konkluż u r-rapport ippreżentat. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se noħorġu sejħa pubblika għall-proposti biex żewġ spazji fl-orbita allokati lil Malta mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, l-ITU, jiġu sfruttati kummerċjalment.** | Malta Communications Authority | L-MCA ippublikat proċess kompetittiv internazzjonali għan-nom tal-Gvern biex tistieden partijiet interessati sabiex jissottomettu proposti għall-użu tas-slots tas-satellita allokati mill-ITU (International Telecommunications Union). L-għan tal-proċess kien li jintgħażel investitur bl-użu ta' mudell li jikkonsidra n-negozju, użu tal-islots, termini u kundizzjonijiet kummerċjali u timelines għall-operazzjoni. Wara li l-proċess kompetittiv ġie fi tmiemu ma kien hemm l-ebda offerta/proposta. Minkejja n-nuqqas ta' offerti, is-sejħa għall-proposti għenet biex tpoġġi lil Malta fuq il-mappa globali tal-industrija tas-satelliti. | Il-Kabinett approva r-roadmap dwar attivitajiet relatati ma' komunikazzjoni spazjali li jinkludu satellite filings u satellite earth-stations. Fil-perjodu li ġej l-Awtorità ser tkompli bl-attivitajiet relatati ma' komunikazzjoni spazjali (space-related communications) li jinkludu satellite filings u satellite earth stations. | L-Awtorità kompliet il-ħidma tagħha fuq din il-miżura fejn ġew ippubblikati dettalji u frekwenzi assoċjati mas-Satellite Assets ta' Malta. L-MCA ffinalizzat il-proċess għal-liċenzjar tas-Satellite Earth Stations kif ukoll ħejjiet proċeduri li huma maħsuba biex jiggwidaw operaturi tas-satellita interessati fir-reġistrazzjoni tar-riżorsi spazjali. Barra minn dan l-MCA bdiet tibni l-kapaċitajiet sabiex tkun tista' tieħu sehem b'mod attiv fil-GNSS Galileo u Programmi oħra. Sabiex il-potenzjal tal-industrija spazjali jiġi eżaminat u jwassal għall-ħolqien ta' Strateġija Nazzjonali Spazjali, l-MCA ippreparat sejħa għall-offerti għall-esperti sabiex jassistu lill-MCA f'dan ir-rigward. | Matul l-aħħar kwart ta' din is-sena hu mistenni li l-ħidma relatata mal-ispazji orbitali allokati lil Malta tkompli tintensifika ruħha b'tali mod u manjiera li l-potenzjal ta' din l-industrija jkun jista' jintlaħaq. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Bħalissa l-MCA, qed tħaddem mal-191 hotspot ta' internet b'xejn. Il-mira tagħna hija li dawn il-postijiet jitilgħu b'sittin fil-mija sas-sena 2016. L-MCA ħarġet sejħa ta' interess biex kumpaniji interessati jitfgħu l-offerta tagħhom li permezz tagħha l-MCA se tkun f'pożizzjoni li topera tliet mitt hot spot li jfisser kważi erba' postijiet b'xejn tal-internet f'kull lokalità madwar Malta u Għawdex.** | Malta Communications Authority | L-Awtorità għandha l-mandat li ttella' n-numru ta' wi-fi hotspots għal 300 sas-sena 2016. Matul dan il-perjodu l-Awtorità ħarġet sejħa kif ukoll bdiet diskussjonijiet biex tidentifika postijiet ġodda għall-wi-fi. | Komplew id-diskussjonijiet mal-kumpanija li rebħet it-tender ġie stabbilit pjan ta' azzjoni. | Il-kuntratt mal-kuntrattur ġie ffinalizzat u ġie mfassal pjan dwar it-tnedija tal-connections il-ġodda u t-tibdil tal-connections li diġà jeżistu. Matul dan il-kwart tas-sena l-ħidma msemmija hawn fuq bdiet tiġi implimentata. | Ir-roll-up tal-installazzjoni tal-connections il-ġodda u t-tibdil tal-connections li diġà jeżistu tkun qed tiġi implimentata. | L-implimentazzjoni ta din il-miżura hija kontinwa. |
| **Digital Malta - Is-sena d-dieħla mistennija jkunu inawgurati żewġ ċentri CoderDojo.** | Malta Communications Authority | Fl-ewwel stadju saru diversi laqgħat f'numru ta' skejjel sabiex l-istudenti jkunu infurmati dwar din l-inizjattiva. Barra minn hekk ġie stabbilit il-kurrikulu ta' tagħlim li ser ikun qed jiġi mogħti matul din l-inizjattiva kif ukoll ġew identifikati l-għalliema u ċ-ċentri. Matul dan il-perjodu ġiet imnedija l-istess inizjattiva. | Il-programm ta' taħriġ kompla kif kien pjanat. | Ħidma sabiex is-sessjonijiet hekk kif ippjanati jsiru fuq bażi aktar regolari u mhux biss ibbażati fuq sponsors. Għaldaqstant saru kuntatti informali mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. | Skont l-interess fil-proġett kif ukoll it-trattativi mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni jiġi mfassal pjan ta' azzjoni li jirrifletti l-bżonnijiet f'dak l-istadju. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Proġett ieħor li mistenni jkompli s-sena d-dieħla huwa l-Proġett ENTER sabiex jitkompla t-taħriġ ta' individwi bejn il-25 u 64 sena biex jibdew jużaw l-internet.** | Malta Communications Authority | Matul dan il-perjodu numru sostanzjali ta' korsijiet ġew offruti f'numru ta' postijiet madwar Malta u Għawdex. Sa Marzu ġew imħarrġa aktar minn 2,500 ruħ. Fl-aħħar ta' dan il-perjodu reġgħu nfetħu applikazzjonijiet ġodda bil-għan li t-taħriġ ikompli fil-perjodu li jmiss. Fl-istess kwart tas-sena l-MCA għamlet talba lill-PPCD sabiex tinkiseb estensjoni ta' dan l-istess proġett. | Fil-bidu ta' April, it-talba tal-MCA dwar l-estensjoni tal-istess proġett ġiet aċċettata u għaldaqstant matul dan il-kwart tas-sena l-MCA kompliet il-korsijiet relatati ma' dan il-proġett kif ukoll saru xogħlijiet neċessarji relatati ma' pagamenti u xogħol amministrattiv ma' dan il-proġett. | Saret il-ħidma sabiex tiġi organizzata l-konferenza finali ta' dan il-proġett. Stabbiliti l-aħħar korsijiet li ntemmu sal-aħħar ta' dan il-kwart. | | L-implimentazzjoni ta din il-miżura hija kontinwa. |
| **Is-sena d-dieħla l-MCA ħa tkun għaddejja b'ħidma kbira b'organizzazzjoni ta' korsijiet varji fosthom Live ICT eAgeing, Internet banking training, Entrepreneurship, Sector Specific Training, WebCheck Initiative u BeSmartOnline.** | Malta Communications Authority | Matul dan il-kwart l-MCA nediet numru ta' inizjattivi differenti fosthom Webcheck Sports, korsijiet dwar Entrepreneurship u Internet Banking, Webcheck Local Council, eInclusion, Training Sector Specific, Alternative Learning Programme, BeSmartOnline3, u l-MCA Business Awards. | Matul dan il-kwart komplew l-inizjattivi kollha msemmija fil-perjodu ta' qabel. Webcheck Sports, korsijiet fuq Entrepreneurship u l-programm fuq Radju Marija huma kompluti. | Matul dan il-kwart l-Internet Banking, u l-eInclusion ġew fi tmiemhom, filwaqt li Training Sector Specific, Alternate Learning Programme, The MCA e-Business Awards u l-BeSmartOnline komplew il-ħidma hekk kif ippjanat. | Hu mistenni li l-inizjattivi msemmijin fil-kwart preċedenti jiġu konklużi. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Inizjattiva ġdida għas-sena d-dieħla hija dik tal-Maltese Artisans Directory fejn l-MCA se toħloq direttorju online mfassal biex jippromovi u joħloq opportunitajiet għal artiġjani Maltin.** | Malta Communications Authority | Fl-ewwel kwart tas-sena saret ħidma preparatorja fuq il-Maltese Directory u l-Artisan Directory. Fuq iż-żewġ inizjattivi huwa tajjeb li wieħed jirrimarka li saru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni bil-għan li jiġu mħarsa l-ħsibijiet tal-partijiet interessati. | Matul dan il-kwart komplew l-inizjattivi kollha msemmija fil-perjodu ta' qabel. Għall-Maltese Directory, il-Vodafone Foundation aċċettat li tkun qed tħallas €15,000 sabiex ix-xogħol fuq din l-inizjattiva jkun jista' jibda. Min-naħa l-oħra ġie deċiż li l-MCA flimkien mal-organizzazzjonijiet li jaħdmu fis-settur tal-produzzjoni lokali ser ikunu qed jiżviluppaw pjattaforma ġdida bl-iskop li jiġi maħluq direttorju aġġornat, komprensiv u ċentralizzat għall-użu mill-artiġjanat. | Maltese Directory - Matul dan il-kwart ġiet iffinalizzata l-verżjoni Beta tal-Artisan Directory - Matul dan il-kwart l-MCA kellha tissospendi dan il-proġett minħabba limitazzjoni ta' fondi tal-Crafts Council. | Il-ħidma fuq il-Maltese Directory tkompli kif pjanat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Infasslu u nadottaw politika loġistika nazzjonali integrata. Irridu nkabbru l-kapaċità tagħna għad-dħul u l-ħruġ ta' merkanzija u persuni, sew bl-ajru u sew bil-baħar.** | Malta Enterprise | inbeda x-xogħol relatat mat-twettiq ta' din il-miżura. | Tkompla x-xogħol u nbeda l-proċess biex tiġi miktuba Memo għall-Kabinett. | Ġiet ippreżentata l-Memo fil-kabinett. | Huwa mistenni li jitkompla x-xogħol għat-twettiq ta' din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Irridu wkoll intejbu l-effiċjenza tagħna f'dan il-qasam sabiex neliminaw il-burokrazija u l-monopolji, u b'hekk innaqqsu l-ispiża għall-intrapriżi. (politika loġistika nazzjonali integrata).** | Malta Enterprise | Matul dan il-perjodu l-Malta Enterprise ħadmet sabiex numru ta' applikazzjonijiet ta' diversi entitajiet governattivi li normalment huma assoċjati mal-issettjar ta' negozju ġdid, ikunu jistgħu jiġu ntegrati. Bdiet ukoll ħidma konġunta mal-MITA sabiex jibda l-iżvilupp tal-eforms. | Matul dan il-perjodu t-Terms of Reference għall-kreazzjoni tal-eforms ġew kompluti u mgħoddija lill-MITA għall-approvazzjoni tagħhom. Infatti saru formal agreements bejn l-ETC, id-Dipartiment tal-VAT, id-Dipartiment tal-Kummerċ u d-Dipartiment tat-taxxi. Matul il-perjodu li ġej mistenni li jingħalqu l-formal agreements mad-dipartimenti konċernati. | Matul dan il-kwart tas-sena l-MITA lestiet l-ewwel verżjoni tal-formularju elettroniku. Min-naħa l-oħra ME ppreżentat dan l-istess formularju lil kull entità konċernata sabiex isiru l-provi neċessarji. Hu mistenni li sa tmiem dan il-kwart tas-sena l-fażi ta' żvilupp u ttestjar fuq il-formularju elettroniku jiġu konklużi filwaqt li jiġi ffirmat l-agreement bejn l-entitajiet konċernati. | Flimkien mal-entitjajiet ikkonċernati jiġi mfassal u maqbul pjan ta' implimentazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Irridu niffaċilitaw il-moviment intern tal-merkanzija, speċjalment bejn il-portijiet u ż-żoni industrijali billi naddottaw proċeduri li permezz tagħhom, filwaqt li l-imprenditur jerfa' aktar responsabbiltà, id-Dwana tadotta proċeduri eħfef megħjuna mit-teknoloġija moderna.** | Malta Enterprise | Matul dan il-perjodu tlesta l-qafas tan-National Integrated Logistics Policy. | Matul dan il-kwart ġie fformulat dokument bi pjan konkret ta' azzjonijiet sabiex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet proposti għall-approvazzjoni tal-Kabinett. | Esegwit pjan ta' implimentazzjoni flimkien mal-istakeholders konċernati. | Tkompli l-ħidma kif pjanat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nadottaw miżuri intiżi biex inkabbru l-kapaċità tagħna fil-qasam tal-free zones b'enfasi fuq attivitajiet ekonomiċi b'valur miżjud sinifikanti.** | Malta Enterprise | Matul dan il-perjodu tlesta l-qafas tan-National Integrated Logistics Policy. | Matul dan il-kwart ġie fformulat dokument bi pjan konkret ta' azzjonijiet sabiex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet proposti għall-approvazzjoni tal-Kabinett. | Esegwit pjan ta' implimentazzjoni flimkien mal-istakeholders konċernati. | Tkompli l-ħidma kif pjanat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| | Segretarju Parlamentari | Beda studju mibni fuq direttivi Ewropej ġodda li għandhom impatt dirett fuq il-Leġiżlazzjoni ta' KAP 334 - Att tal-Malta Freeport. Ġie msawwar rapport b'numru ta' opportunitajiet li jistgħu jiġu maħluqa kif ukoll numru ta' rakkomandazzjonijiet li għandhom possibbilment jiġu inklużi fit-tibdil tal-liġi msemmija aktar kmieni. Dan kollu wassal għall-kitba ta' abbozz ta' liġi ġdida li se tfisser tibdil tal-Att biex jinħolqu free zones ġodda. B'dan il-mod il-Freeport jieħu rwol ta' regolatur. | Matul dan il-perjodu tlesta t-tielet draft tal-Abbozz tal-Liġi fejn qed tiġi identifikata ż-żona minima biex tkun tista' tikkwalifika għall-free zone. Saru wkoll numru ta' laqgħat dwar il-bunkering fejn irriżulta li hemm ħtieġa ta' żvilupp fir-regolamenti eżistenti. Il-liġi dwar il-Freeport ġiet mgħoddija lill-Justice Unit għall-approvazzjoni neċessarja. | Matul dan il-kwart il-Justice Unit ivvettja l-liġi u d-dokument ġie mgħoddi lill-Bord tal-Freeport biex jipproponi l-bidliet meħtieġa sabiex jiġi konformi mal-liġi l-ġdida. Mistennija titħejja Cabinet Memo kif ukoll jiġu ingaġġati konsulenti fuq bunkering operations. | Abbażi tal-approvazzjoni tal-Kabinett, tkompli l-ħidma sabiex il-liġi meħtieġa tkun tista' tiġi mgħoddija quddiem il-Parlament. | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ninsabu fl-aħħar fażi biex jiġi aġġudikat il-Hub Marittimu fis-sit tal-eks-Shipbuilding.** | MEIB | Inħareġ ir-rapport tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni u l-Aġġudikazzjoni, u l-Ministru ħabbar l-offerent preferut. Ġie mwaqqaf tim ta' negozjati sabiex jiġu evalwati r-rakkom-andazzjonijiet li ġew imsemmija fir-rapport dwar is-sit. L-istess kumitat beda n-negozjati mal-offerent preferut. | Il-laqgħat tan-negozjati jinsabu għaddejjin kontinwament. | Inħatru żewġ project managers biex jassistu fit-tkomplija tad-diskussjonijet bejn il-partijiet kollha - apparti l-MoU beda wkoll it-tfassil tal-qafas tal-kuntratt ta' ċens li ser jingħata lil Ablecare.<br><br>Ġie deċiż ukoll li l-GPD tqassam l-eviction orders bejn it-tieni u t-tielet ġimgħa ta' Settembru b'terminu ta' mhux aktar minn 90 ġurnata biex l-okkupanti jingħataw żmien biżżejjed biex isibu post alternattiv minn fejn jaħdmu.<br><br>Saru wkoll diskussjonijiet ma' TM biex tinstab alternattiva meta tingħalaq it-triq. | Il-proġett jiġi konkluż sal-aħħar ta' din is-sena. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fil-ġimgħat li ġejjin, se tiġi ppreżentata White Paper sabiex issir konsultazzjoni wiesgħa dwar kif l-ekonomija ta' pajjiżna tista' tissaħħaħ permezz tat-tkabbir fis-suq tal-proprjetà. Barra minn hekk, il-Gvern se jipproponi wkoll ir-regolamentazzjoni fil-qasam tar-real estate agents, l-aġenti u l-konsulenti tal-proprjetà f'pajjiżna.** | Segretarju Parlamentari | Matul dan il-perjodu ġew organizzati sensiela ta' laqgħat konsultattivi bl-iskop li tibda ħidma għall-iżvilupp ta' Att leġiżlattiv li jirregola l-Estate Agents. Wara dan il-proċess bdiet ħidma fuq id-draft tal-Att leġiżlattiv fil-forma ta' White Paper. | Ġie mniedi studju fuq il-Global Residence Scheme bil-għan li jikkonsolida l-White Paper li kienet ippreparata dwar il-bejgħ tal-proprjetà. | Matul dan il-kwart tlesta d-draft tal-White Paper kif ukoll saret il-ħidma sabiex jiġi mfassal id-dokument għall-Kabinett. | Abbażi tal-approvazzjoni tal-Kabinett, tkompli l-ħidma sabiex il-liġi meħtieġa tkun tista' tiġi mgħoddija quddiem il-Parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Projects Malta flimkien mal-Malta Enterprise u mal-Ministeru tal-Ekonomija se twaqqaf il-kumpanija Trade Malta Ltd. sabiex intrapriżi Maltin ikunu jistgħu jisfruttaw aktar is-swieq internazzjonali.** | Malta Enterprise | Matul il-bidu ta' dan il-perjodu saret ħidma intensiva sabiex fi Frar ġiet inawgurata Trade Malta Ltd. | | | | Implimentata |
| **Regolamenti dwar il-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet.** | MEIB | Wara li saru numru ta' laqgħat konsultatttivi ma' partijiet interessati, ġiet iffurmata Memo b'numru ta' rakkomandazzjonijiet. | F'Mejju saret preżentazzjoni lill-Kabinett. Ġie deċiż li għandu jsir studju dwar l-impatt li jista' jkun hemm fuq il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema. | Matul dan il-kwart saret laqgħa mal-NSO biex jiġu kkunsidrati l-possibbiltajiet li tinġabar aktar informazzjoni kemm mill-pubbliku, l-impjegati tal-ħwienet kif ukoll is-sidien tal-ħwienet fid-dawl tal-proposti dwar il-ħinijiet tal-ħwienet. | F'dan il-kwart ser tkompli l-ħidma fuq is-social and economic impact assessment fejn ir-riżultati miksuba jiġu ppreżentati lill-Kabinett għall-approvazzjoni finali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jiġi rilokat is-Suq tal-Belt u se jkun hemm 74 stall li diġà bdew jinħadmu u huwa mistenni li sal-aħħar ta' Diċembru jkunu tlestew 50 fil-mija tagħhom.** | MEIB | Wara li ġew ippreżentati d-disinji tal-istalls, il-Gvern ħa nota tal-kummenti espressi mill-pubbliku u ħass li għandu joħroġ espressjoni ta' interess. Għal dan il-għan ġie maħtur Design Review Panel bil-għan li jkun jista' jiġġudika d-disinn il-ġdid. Kien hemm 23 sottomissjoni għall-espressjoni ta' inter-ess. | Bdiet il-ħidma ta' evalwazzjoni u aġġudikazzjoni mill-istess Design Review Panel. | L-evalwazzjoni ġiet fi tmiemha u r-riżultati tal-kumitat ġew ippreżentati lill-Ministru. Bdiet konsultazzjoni mal-istakeholders dwar ir-riżultat miksub mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni. | Tkompli l-ħidma skont il-feedback miksub mill-istakeholders ikkonċernati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern huwa kommess li jippromovi mill-ġdid l-użu tal-mudell koperattiv anke sabiex ikun hemm level playing field għall-koperattivi biex joperaw mingħajr żvantaġġi ma' mudelli oħra ta' intrapriżi. L-iskemi attwali se jiġu aġġornati u jsiru rilevanti għar-realtajiet tal-lum u se jiġu mħajra ħaddiem jiffurmaw koperattivi u l-Gvern jgħin biex dawn jirnexxu.**<br><br>**Il-Gvern diġà qed jiddiskuti mal-Bord tal-Koperattivi kif dan jista' jseħħ u matul is-sena d-dieħla l-bidliet li hemm bżonn mhux biss għandhom jiddaħħlu fis-seħħ imma wkoll possibbilment ħaddiema tal-Gvern jiffurmaw koperattivi sodi bl-għan li tiżdied il-produttività fis-ser-vizz partikulari.** | MEIB | Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Koperattivi fis-Settur Pubbliku maħtur mill-Bord tal-Koperattivi, organizza diversi laqgħat ma' stakeholders varji li huma involuti ma' koperattivi fis-Settur Pubbliku. L-għan ta' dawn il-laqgħat kien li flimkien ma' dawk direttament involuti jiġu identifikati r-reviżjonijiet li hemm bżonn sabiex l-iskemi jiġu aġġornati b'mod effettiv li jirrifletti ċ-ċirkustanzi tal-lum. | Wara numru ta' laqgħat mal-partijiet interessati l-Kumitat Konsultattiv iffinalizza d-dokument bl-analiżi tal-koperattivi fis-settur pubbliku u pprovda numru ta' suġġerimenti għar-reviżjoni tal-iskemi preżenti. | Matul dan il-kwart ġie maħtur bord ġdid fejn saret handover neċesarja sabiex ix-xogħol stabbilit ikun jista' jkompli. Barra minn dan, il-bord il-ġdid ser jibda jiddiskuti l-ħolqien tal-Bank tal-Koperattivi. | Matul dan l-aħħar kwart ser tkun qed tkompli l-ħidma ta' reviżjoni tal-iskemi attwali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dan il-Gvern irnexxielu jattira ammont sostanzjali ta' kumpaniji lejn Smart City biex minn belt fantażma llum insibu li 85 fil-mija tal-ispazju huwa okkupat.** | Malta Enterprise | Matul dan il-perjodu saru numru ta' laqgħat ma' partijiet interessati bl-iskop li tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-materja diskussa. | Ir-responsabbiltà tal-MEIB li titkabbar l-ekonomija tal-pajjiż qiegħda fil-fatt twassal għal żieda ta' foreign direct investment (FDI) mill-gvern. Permezz ta' dan aktar kumpaniji barranin qed jersqu lejn Smart City biex jistabbilixxu ruħhom fl-istess bini. Barra minn hekk entitajiet lokali bħal MITA u MGA, li t-tnejn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-MEIB, ukoll stabbilixxew ruħhom fi Smart City. | Titkompla l-ħidma biex tiżdied l-okkupanza ġewwa Smart City. | Titkompla l-ħidma biex tiżdied l-okkupanza ġewwa Smart City. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Digital Hub f'Għawdex.**<br><br>b. Se nkomplu x-xogħol sabiex inwaqqfu Digital Hub f'Għawdex sabiex jattira investiment minn kumpaniji fis-settur diġitali.<br><br>*(L-ewwel parti ta' din il-miżura qed tiġi rrapportata f'MGOZ)* | MEIB | Din il-miżura kienet għadha m'għaddietx għand l-MEIB. | Ġew skedati laqgħat mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġi stabbilit il-progress li sar u x'ser tkun it-triq minn issa 'l quddiem. | L-Enterprise Policy & Schemes Directorate (EPSD) ikkuntattja lill-PPCD biex jiddiskuti fid-dettall il-proġett u jekk hemmx prospettivi għall-fondi biex b'hekk tiġi sottomessa applikazzjoni għall-fondi f'Settembru. PPCD talbu li jsir rapport u jiġu identifikati l-miri li ħa jilħaq il-proġett. Intant l-EPSD bdiet ukoll riċerka dwar l-użu ta' fondi oħrajn li jistgħu jiġu identifikati għal dan il-proġett. | F'dan il-kwart hu mistenni li l-istudju jiġi uffiċjalment approvat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Iż-Żona Industrijali tax-Xewkija se tespandi billi jinħoloq spazju għal SME Park. Ġew identifikati xi siti li jistgħu jservu għal dan il-għan.** | Malta Industrial Parks | Din il-miżura kienet għadha m'għaddietx għand l-MEIB. | Ġiet identifikata ż-żona magħrufa bħala Tal-Ħofra fil-qasam industrijali tax-Xewkija. S'issa tlestew il-pjanti u qed jinħadem kemm se jiġi jiswa l-proġett. Għandha ssir applikazzjoni għall-fondi tal-UE. | Matul dan il-perjodu, l-art magħrufa bħala s-sit tal-MDP għaddiet għand l-MIP skont il-Legal Notice Nru 238 tal-2015 li ġiet ippubblikata nhar il-31 ta' Lulju 2015. Tlestew il-pjanti u kemm se jiġi jiswa l-proġett. Tlesta wkoll il-Cost Benefit Analysis u qed tiġi ppreparata l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej. | Jibda x-xogħol fuq it-tenders għall-proġett u jiġu finalizzati diskussjonijiet mal-MEPA. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **MDP**<br><br>b. L-eks-MDP se tiġi żviluppata biex tkun tis-ta' takkomoda intrapriżi innovattivi u kreattivi li jgħinu biex l-ekonomija Għawdxija tgħaddi għal fażi aktar avvanzata.<br><br>*(L-ewwel parti ta' din il-miżura qed tiġi rrap-portata f'MGOZ)* | Malta Industrial Parks | Din il-miżura kienet għadha m'għaddietx għand l-MEIB. | Hu mistenni li tittieħed deċiżjoni dwar jekk is-sit hux se jgħaddi għand l-MIP jew le u b'hekk il-proġett ikun jista' jgħaddi għall-fażi li jmiss. | Matul dan il-perjodu, l-art magħrufa bħala s-sit tal-MDP għaddiet għand l-MIP skont il-Legal Notice Nru 238 tal-2015 li ġiet ippubblikata nhar il-31 ta' Lulju 2015. Sar survey tas-sit u twettqu l-pjanti għall-iżvilupp tas-sit. Saru l-costings tal-proġett kif ukoll il-Cost Benefit Analysis tal-proġett. Qed tiġi finalizzata l-applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. | Jibda x-xogħol fuq it-tenders għall-proġett u jibdew diskussjonijiet mal-MEPA dwar il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-FINANZI

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-ekokontribuzzjoni fuq tajers, skrataċ u ċerti tipi ta' żjut qiegħda titneħħa u minflokha qiegħed jiddaħħal dazju tas-sisa.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Qiegħda tiddaħħal sisa fuq l-għalf destinat għall-fish farms.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Ir-rata tas-sisa fuq l-inbid se tkun ta' 20 ċenteżmu l-litru.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Id-dazju fuq is-sigaretti, it-tabakk tal-pipa, u t-taxxa fuq prodotti oħra tat-tabakk se jogħlew.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ f'Novembru 2014. | | | | Implimentata |
| **Id-dazju fuq is-servizzi ta' telefonija ċellulari se jiżdied b'1 fil-mija.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Id-dazju fuq is-siment se jiżdied bi 8 ewro għal kull tunnellata.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Qiegħda tiġi riveduta l-bolla li titħallas fuq il-poloz tal-assigurazzjoni b'ċenteżmu fuq kull ewro jew parti minnu, bil-minimu jkun 13-il ewro. Il-poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja (life insurance) mhux se jintlaqtu.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tal-Capital Transfer Duty | Din il-miżura hija inkluża fl-abbozz ta' liġi dwar l-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015. Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jkun hemm żieda relattiva fil-fees of office mid-dipartimenti tal-Gvern.** | Taqsima għall-Politika u Amministra-zzjoni Finanzjarja. | Din il-miżura ġiet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Id-dazju fuq il-leaded petrol, li jintuża fl-ajruport biss, se jiżdied b'2 ċenteżmi kull litru filwaqt li dak fuq unleaded petrol se jiżdied b'ċenteżmu kull litru. Id-dazju fuq il-gas oil, diesel, il-biodiesel, il-heavy fuel oil u l-pitrolju se jiżdied b'2 ċenteżmi kull litru. Dawn iż-żidiet se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena d-dieħla.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana. | Din il-miżura ġiet fis-seħħ fl-1 ta'Jannar. | | | | Implimentata |
| **Ir-rata ta' taxxa personali ta' 29 fil-mija applikabbli għal dawk li jaqilgħu anqas minn sittin elf ewro se terġa' titnaqqas għal 25 fil-mija. Dan japplika wkoll għal kull komputazzjoni: singola, miżżewġin u ġenituri.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Din il-miżura hija inkluża fl-abbozz ta' liġi dwar l-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015. Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |
| **Għalissa d-dħul minn dividendi rċevuti minn individwi se jibqa' taxxabbli bir-rati ta' taxxa li kienu jeżistu qabel l-introduzzjoni ta' din il-miżura fl-2013.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ħelsien mit-Taxxa tad-Dħul fuq il-Paga Minima. Il-limitu attwalment ta' 9,150 ewro se jiżdied biex nieħdu kont tal-COLA.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Ħelsien mit-Taxxa tad-Dħul lill-Pensjonanti.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Se nkomplu nissimplifikaw u nsaħħu s-sistema tat-taxxa sabiex jitnaqqas l-abbuż li jsir mill-eżenzjoni tat-taxxa fil-kuntest ta' bejgħ ta' proprjetà li tkun residenza prinċipali għal aktar minn tliet snin. Għalhekk, se nwaqqfu sistema fejn individwi jkollhom jelenkaw liema hi r-residenza prinċipali tagħhom skont regoli u kundizzjonijiet ċari.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni. | Ir-Regoli ser jiġu mħabbra b'Avviż Legali. L-Avviż Legali qed jiġi ppreparat u kien jeħtieġ ukoll emendi oħra. | Preparazzjoni tal-Avviż Legali. | L-Avviż Legali għad uqed jiġi ppreparat. | Mistenni jiġi ppubblikat l-Avviż Legali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riforma tas-Sistemi ta' Taxxa Proviżorja u dik Finali dwar il-Proprjetà. Fil-każ ta' proprjetà li ġiet akkwistata qabel l-1 ta' Jannar 2004, ir-rata ta' taxxa finali applikabbli se tkun ta' 10 fil-mija fuq il-valur tal-proprjetà trasferita. Trasferimenti ta' proprjetà se jkunu soġġetti għal taxxa finali fuq il-valur tal-proprjetà mibjugħa mingħajr ma jitnaqqsu spejjeż. Din it-Taxxa Finali hija pagabbli meta jsir il-kuntratt tal-bejgħ.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni. | Din il-miżura hija inkluża fl-abbozz ta' liġi dwar l-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015. Il-miżura daħlet fis-seħħ. | Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | Implimentata |
| **Eżenzjoni mit-taxxa meta tiġi diviża proprjetà bejn sidien sħab.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tal-Capital Transfer Duty. | Din il-miżura hija inkluża fl-abbozz ta' liġi dwar l-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015. | Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | Implimentata |
| **Eżenzjoni għal min qed jixtri l-ewwel proprjetà. Din il-konċessjoni se tiġi estiża mill-31 ta' Diċembru 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tal-Capital Transfer Duty. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nerġgħu ndaħħlu l-obbligu li kull persuna stabbilita f'Malta u li twettaq attività ekonomika li tkun tikkwalifika bħala intrapriża żgħira trid tapplika mal-Kummissarju sabiex tiġi rreġistrata għall-VAT taħt l-Artikolu 11 tal-Att, irrispettivament jekk taqbiżx it-threshold ta' sebat elef ewro (€7,000), u għandha l-obbligu li toħroġ irċevuta fiskali fir-rigward tal-provvisti li tagħmel.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. | Din il-miżura hija inkluża fl-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015. Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |
| **Se nkomplu niżviluppaw u niċċaraw ir-regoli tal-irċevuti li jridu dejjem jingħataw meta jsir xi bejgħ. L-eżenzjoni milli toħroġ irċevuta fiskali se tiġi akkumpanjata minn audit sabiex niżguraw li ma jkunx hemm abbuż. L-uffiċjali se jiġu mħarrġa fl-informatika biex ikunu jistgħu jagħmlu audits fuq is-sistemi Point of Sale li jużaw il-ħwienet. Se nippubblikaw linji gwida biex jgħinu lin-negozjanti jagħrfu liema huma l-cash registers u printers li huma konformi mar-rekwiżiti fiskali tagħna.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud | Din il-miżura ġiet implimentata permezz tal-Avviż Legali 65/2015 li nħareġ fis-6 ta' Marzu 2015. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nvaraw proġett pilota sabiex id-Dipartimenti tat-Taxxa jkunu jistgħu jiġbru u janalizzaw informazzjoni li tinstab fis-Settur Pubbliku sabiex din l-informazzjoni tiġi użata għal skop ta' investigazzjonijiet. L-Awtoritajiet tat-Taxxa qegħdin isaħħu l-element xjentifiku li jintuża fi ħdan investigazzjoni sabiex dawn ikunu aktar immirati lejn fejn hemm riskju ta' evażjoni u allura aktar effettivi fil-ħidma tagħhom. Nagħrfu li hemm element ta' forensika fix-xogħol tal-ispetturi tat-taxxa partikolarment meta jkun hemm min ibagħbas il-kotba u juża xi programmi innovattivi biex igerfxu l-printers fiskali u għaldaqstant se nħarrġu lill-ispetturi f'dawn l-oqsma.** | Kummissarju tat-Taxxi - Tax Compliance Unit | L-Investigation Unit, li jaqa' taħt il-CFR, diġà għandu datawarehouse li parti mill-informazzjoni li hemm tiġi minn Dipartimenti u Aġenziji tal-Gvern. Saru diskussjonijiet biex jiġi msaħħaħ dan il-Unit permezz ta' aktar informazzjoni minn Dipartimenti u Aġenziji biex ikun jista' jgħin aħjar fil-proċess tal-investigazzjonijiet. | Twaqqaf Risk Analysis Unit, magħmul minn erba' uffiċjali li għandhom esperjenza vasta f'din l-isfera ta' xogħol. Dan il-Unit bħalissa għaddej b'eżerċizzji varji biex l-investigazzjonijiet ikunu jistgħu jsiru b'aktar effiċjenza u jħallu aktar riżultati. | Ir-Risk Analysis Unit qed jifrex aktar il-funzjoni tiegħu u qed isir proġett pilota biex tkun indirizzata l-problema kbira fl-evażjoni ta' VAT minn sistemi ta' Point of Sales - qed jiġi rivedut il-proċess ta' kif jiġu approvati s-sistemi u hemm il-ħsieb li tiġi aġġornata d-data ta' sistemi li qegħdin fis-seħħ. Qed isir ukoll studju u diskussjonijiet biex jitwaqqaf Unit li jkollu l-funzjonijiet simili għal dak li kien jiġi mwettaq mir-Revenue Security Corps u dan biex is-sezzjoni tal-Ispettorat tkun aktar effiċjenti u effettiva, filwaqt li tgħin u taħdem fi sferi fejn ikun hemm bżonn isiru investigazzjonijiet aktar speċifiċi u speċjalizzati. | Il-preparazzjonijiet u xogħol relatati ma' dawn il-proċessi beħsiebhom ikomplu mexjin u huwa ppjanat li jkunu bdew jiġu mħaddma u jibdew iħallu effett u riżultati sal-aħħar ta' din is-sena. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Strateġija Nazzjonali fuq Pagamenti Elettroniċi - se jitwaqqaf grupp ta' ħidma sabiex jgħaddi rakkomandazzjonijiet lill-Gvern fuq kif jiżdiedu pagamenti elettroniċi.** | Taqsima għall-Politika u Amministrazzjoni Finanzjarja. | Twaqqaf Steering Committee biex jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jiżdied in-numru ta' pagamenti elettroniċi u tonqos id-dipendenza fuq il-ħlas bi flus kontanti. It-termini ta' referenza ta' dan il-kumitat tlestew fl-ewwel kwart tal-2015. Tħejja abbozz ta' rapport b'rakkomandazzjonijiet, filwaqt li ser jiġi kkonsultat kull min hu interessat. | It-termini ta' referenza ta' dan il-kumitat ġew approvati mill-Ministru għall-Finanzi. Ġiet appuntata Chairperson ta' dan l-Isteering Committee li mistenni jissottometti abbozz ta' din l-istrateġija lill-Ministru għall-Finanzi aktar tard din is-sena. | Huwa mistenni li r-rapport jiġi sottomess sal-aħħar tas-sena. | Huwa mistenni li r-rapport jiġi sottomess sal-aħħar tas-sena. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Tnaqqis fit-taxxa mid-dħul għas-sena ta' stima 2015 lil kumpaniji li jagħmlu donazzjonijiet fi flus ta' mhux anqas minn elfejn ewro lill-Malta Community Chest Fund. Jekk din is-sistema tkun suċċess, il-Gvern se jikkunsidra li jespandiha għal entitajiet oħra.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Din il-miżura daħlet fis-seħħ minn f'Diċembru 2014. | | | | Implimentata |
| **Id-dħul kollu ta' manteniment lill-istudenti mhux se jibqa' taxxabbli.** | Bord tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti | Saru laqgħat mal-MFIN biex tinbidel l-FS3. Il-miżura daħlet fis-seħħ fl-istess kwart. | | | | Implimentata |
| **Mill-1 ta' Jannar li ġej, se nnaqqsu r-rata tal-VAT fuq audio books u fuq kotba diġitali minn 18%, kif inhi llum, għal 5%.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud | Implimentata permezz tal-Avviż Legali 64/2015. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fil-bidu tas-sena d-dieħla, se jiġi ppubblikat abbozz ta' liġi dwar l-arbitraġġ fis-servizzi finanzjarji għall-konsultazzjoni. L-uffiċċju se jkun indipendenti mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji u l-arbitru se jkollu poteri estensivi sabiex ikun jista' jsib soluzzjoni għal ilmenti min-naħa tal-konsumaturi b'mod effettiv u imparzjali.** | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, MFIN | Abbozz ta' liġi li jirregola l-Arbitraġġ għas-Servizzi Finanzjarji ġie ppreżentat lill-Ministeru għall-Finanzi u lill-Prim Ministru. | Fil-Parlament, il-Gvern ressaq l-ewwel qari tal-Abbozz ta' Liġi li jipprovdi għat-twaqqif ta' dan l-Uffiċċju. Il-Gvern għadda l-abbozz ta' liġi lill-Oppożizzjoni u lill-Assoċjazzjoni tal-Bankiera, biex jagħtu l-kummenti tagħhom. Dettalji dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u l-benefiċċji tħabbru waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret f'Mejju 2015. Ingħatat kopja tal-abbozz ta' liġi lill-imsieħba soċjali u l-korpi kostitwiti għall-kummenti tagħhom. | L-abbozz ta' liġi ser jiġi diskuss meta jerġa' jiltaqa' l-Parlament. | Jitkompla x-xogħol biex din il-miżura titwettaq. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Jinsabu fl-aħħar stadji t-tħejjijiet għall-ħolqien ta' Bank ta' Żvilupp li l-għan tiegħu se jkun li jipprovdi aċċess għal fondi u jinvesti fi proġetti strateġiċi.** | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru | Twaqqaf grupp ta' ħidma biex jidentifika l-forma u l-modalitajiet li bihom l-aħjar jitwaqqaf il-bank. | Sar studju fuq market failures bil-għan li jiġu identifikati s-swieq li fihom ser jopera l-bank. Saru wkoll kuntatti mal-KfW tal-Ġermanja fejn ġew diskussi possibbiltajiet ta' kollaborazzjoni. | Wara numru ta' konsultazzjonijiet, Il-grupp ta' ħidma ħejja abbozz leġiżlattiv bi proposti u rakkomandazzjonijiet għat-twaqqif tal-bank. Kompla wkoll id-djalogu ma' għadd ta' istituzzjonijiet internazzjonali fosthom il-European Investment Bank u l-Eurostat, u diversi Banek ta' Żvilupp Ewropej. Barra minn hekk, għaddejjin diskussjonijiet mal-Unjoni Ewropea biex ikun żgurat li l-bank ikun konformi mar-regoli Ewropej. | Il-Bank mistenni jitwaqqaf. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Seed Capital - din l-inizjattiva se tkun qed tindirizza l-bżonnijiet tal-intrapriżi fi stadju differenti tal-ħajja kummerċjali tagħhom.** | MEIB | Matul dan il-kwart tas-sena saru diversi laqgħat u xogħol preparatorju fir-rigward ta' din il-proposta. | F'dan il-kwart ġie kostitwit il-Management Committee u bdiet il-ħidma biex seta' jkun żviluppat il-Memorandum of Understanding. Fl-istess waqt, saru diversi workshops fejn l-applikanti ġew infurmati b'din l-opportunità. Ġew milqugħa applikazzjonijiet u hu mistenni li dawn l-istess applikazzjonijiet ikunu evalwati matul it-tielet kwart tas-sena. | | | L-implimenta-zzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Inċentivi fil-Liġi tat-Taxxa.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tal-Capital Transfer Duty | Saru diskussjonijiet fuq din il-miżura u ġie ppjanat li din terġa' tiġi kkunsidrata wara li tgħaddi l-Family Business Act. | Saru diskussjonijiet fuq din il-miżura u ġie ppjanat li din terġa' tiġi kkunsidrata wara li tgħaddi l-Family Business Act. | Jitkomplew id-diskussjonijiet fuq din il-miżura wara li tgħaddi l-Family Business Act. | Jitkomplew id-diskussjonijiet fuq din il-miżura wara li tgħaddi l-Family Business Act. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Hemm lok għal attività finanzjarja ġdida, jekk il-Gvern bis-serjetà jiffaċilita t-tħaddim ta' dak li jissejjaħ "Islamic Banking". Matul is-sena d-dieħla, se ndaħħlu t-tibdil leġiżlattiv neċessarju ħalli dan il-qasam jibda jiġi żviluppat u nattiraw lejn pajjiżna dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji Maltin u barranin li joperaw f'dan is-settur.** | MFIN | | Fit-28 ta' April 2015 saret laqgħa bejn l-MFIN, l-MEIB u l-OPM u ġie maqbul li din il-miżura tibda titmexxa mill-Ministeru għall-Finanzi. Kumpanija ewlenija minn Dubai għamlet rapport preliminari imma dettaljat u tat rakkomandazzjonijiet ta' għażliet varji li wieħed jista' jieħu biex jintroduċi s-settur ta' finanzi iżlamiċi f'Malta. Dan ir-rapport bħalissa qed jiġi evalwat u qed jiġi studjat x'għandha tkun il-fażi li jmiss f'dan l-istudju. Ir-rapport li kien tlesta mill-kumpanija minn Dubai ġie evalwat u issa qegħdin fl-istadju li fil-ġimgħat li ġejjin ser issir preżentazzjoni sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar il-pass li jmiss. | Wara r-rapport li sar mill-kumpanija minn Dubai, qed isir rapport speċifiku sabiex jiġi stabbilit x'tibdiliet huma meħtieġa fil-leġiżlazzjoni Maltija biex tidħol fis-seħħ l-attività finanzjarja tal-Islamic Banking. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern irid jinċentiva l-użu tat-trasport tal-iskola.Il-ġenituri ta' tfal li jattendu skejjel privati u tal-Knisja se jkunu eliġibbli għal tnaqqis mit-taxxa billi parti mill-ispejjeż tat-trasport, sa massimu ta' 150 ewro, tiġi mnaqqsa mid-dħul taxxabbli tagħhom jekk jużaw it-trasport tal-iskola.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni. | Din il-miżura hija inkluża fl-abbozz ta' liġi dwar l-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015. Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |
| **Is-sena d-dieħla l-Gvern se jkun qiegħed joħroġ skema fejn tingħata għotja ta' 15.25 fil-mija tal-prezz fuq roti u roti tal-elettriku.** | Taqsima għall-Politika u Amministra-zzjoni Finanzjarja. | Beda x-xogħol fuq din il-miżura. | Din il-miżura ddaħħlet permezz tal-Avviż tal-Gvern Nru 278 li deher fil-ħarġa Nru 19,404 tal-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' April 2015 b'effett mill-1 ta' Jannar. | | | Implimentata |
| **It-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul se jiġi estiż għall-plejers tal-waterpolo.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni. | Din il-miżura hija inkluża fl-abbozz ta' liġi dwar l-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015. Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Din is-sena għaddejna l-liġi dwar l-Unjonijiet Ċivili. Sabiex il-benefiċċji għal dawn il-koppji jissarrfu fil-prattika, se jsiru l-emendi neċessarji f'liġijiet oħra. Waħda minn dawn tirrigwarda l-liġi tat-Taxxa tad-Dħul fejn se jsiru emendi fid-definizzjonijiet f'dan l-Att sabiex koppji reġistrati taħt il-liġi tal-Unjoni Ċivili jiġu ttrattati l-istess bħal koppji miżżewġin għall-iskopijiet tat-taxxa.** | MSDC | Din il-miżura ġiet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Eżenzjoni mit-taxxa fuq trasferiment ta' proprjetà bejn il-komproprjetarji.** | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tal-Capital Transfer Duty | Din daħlet fis-seħħ b'effett minn Jannar. | | | | Implimentata |

# MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA (ENERĠIJA)

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-liċenzji tas-swimming pools se jiżdiedu bi 15 fil-mija.** | Awtorità tar-Riżorsi | Din il-miżura ġiet uffiċjalment implimentata b'effett mill-ewwel ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Il-prezz tal-gass se jibqa' stabbli bi prezz ta' 18-il ewro sa April li ġej.** | Awtorità tar-Riżorsi | Din il-miżura ġiet uffiċjalment implimentata b'effett mill-ewwel ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Mill-1 ta' Jannar li ġej, il-prezz tal-petrol unleaded se jerġa' jorħos b'2ċ oħra għal €1.42ċ kull litru u dak tad-diesel ukoll se jerġa' jorħos b'1ċ ieħor għal €1.35ċ kull litru.** | Enemed | Għalkemm il-prezz baqa' stabbli matul ix-xahar ta' Jannar, il-Gvern ħa passi biex ikun hemm roħs addizzjonali ta' 4 ċenteżmi fix-xahar ta' Frar. | | | | Implimentata |
| **Projects Malta bdiet taħditiet mal-Fondazzjoni tal-Iskejjel t'Għada (FTS) biex jiġu identifikati siti biex flimkien mas-settur privat, jinbena Childcare Centre f'post ċentrali f'Malta. Dan il-proġett jikkumplimenta l-inizjattiva li tħabbret fil-baġit tas-sena l-oħra ta' Childcare Centres b'xejn għal dawk it-tfal bil-ġenituri jaħdmu t-tnejn kif ukoll għas-single parents.** | Fondazzjoni għall-iskejjel ta' għada (FTS) | Saru laqgħat mal-Projects Malta fuq siti għal dan iċ-ċentru. | Ġew identifikati tliet siti għal dan iċ-childcare centre. Ġiet preparata MOU minn Projects Malta fejn ir-rwol tal-MEDE f'dan il-proġett ġie spjegat, kemm f'xogħol relatat mar-refurbishment kif ukoll dwar l-operat taċ-ċentru. | Projects Malta lestiet l-ewwel verżjoni tal-MOU li ġiet evalwata minn uffiċjal legali. | Huwa mistenni li ż-żewg siti li ġew identifikati jiġu kkunsidrati. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fix-xhur li ġejjin, Projects Malta se tvara numru ta' proġetti li jvarjaw mis-settur tas-saħħa, dak kummerċjali, it-turiżmu u sports fost l-oħrajn.** | Projects Malta | | | | | |
| **a. Settur tas-saħħa** Konċessjoni ta' Servizz marbuta mal-Isptar San Luqa, l-Isptar Karen Grech u l-isptar Ġenerali t'Għawdex. | Projects Malta | Is-sejħa għall-proposti għal Konċessjoni ta' Servizz għall-iżvilupp mill-ġdid, manutenzjoni, immaniġġjar u operat tas-siti tal-Isptar San Luqa, l-Isptar Karen Grech, u l-Isptar Ġenerali t'Għawdex ġie ppubblikat fl-aħħar ta' Marzu. | L-offerti milqugħa għall-Konċessjoni ta' Servizz fl-isptarijiet ġew evalwati u l-offerent preferut ġie magħżul. Bdew in-negozjati mal-offerent preferut. | Komplew in-negozjati mal-offerent preferut rigward il-Konċessjoni ta' Servizz fl-isptarijiet. | In-negozjati mal-offerent fuq il-Konċessjoni ta' Servizz fl-isptarijiet jitlestew u l-kuntratt jiġi ffirmat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **a. Settur tas-saħħa** Bini u manutenzjoni ta' Ċentru tas-Saħħa f'Ħal Kirkop. | Projects Malta | Bdiet ħidma minn Projects Malta fuq mudell finanzjarju għal dan il-proġett marbut maċ-Ċentru tas-saħħa ta' Ħal Kirkop. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders. | L-abbozz tas-sejħa għall-proposti beda jiġi mfassal u ġie ppubblikat. | Issir l-evalwazzjoni tal-offerti fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Kirkop. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **a. Settur tas-saħħa** Twaqqif ta' Medical Plus Malta. | Projects Malta | Medical Plus Malta, li wkoll taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Projects Malta twaqqfet f'Settembru 2014, u bdiet topera bil-għan li tidħol fi ftehim ma' speċjalisti mediċi sabiex jitnaqqsu l-listi ta' stennija għal operazzjonijet fl-Isptar Mater Dei, kif ukoll biex tattira pazjenti barranin għal operazzjonijiet fl-istess sptar. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **b. Settur kummerċjali** Twaqqif ta' Trade Malta | Projects Malta | Trade Malta Ltd, entità li taqa' taħt il-kappa ta' Projects Malta bil-għan li tgħin intrapriżi lokali jinfiltraw fi swieq ġodda, ġiet imnedija f'Marzu. | | | | Implimentata |
| **b. Settur kummerċjali** Proġett ta' żvilupp taż-żona industrijali tal-Imrieħel. | Projects Malta | | Saru diversi laqgħat bejn Projects Malta u l-istakeholders marbuta mal-proġett tal-Imrieħel biex jintlaħaq ftehim fuq il-funzjonijiet li ser tkopri l-Fondazzjoni li ser titwaqqaf apposta għar-riġenerazzjoni tal-Imrieħel, kif ukoll fuq il-mudell ta' finanzjament li ser jiġi maqbul mill-partijiet kollha. | Tlesta l-abbozz tal-Foundation Deed kif ukoll l-abbozz tal-Memo tal-Kabinett marbutin mal-proġett tal-Imrieħel. | Mistennija l-approvazzjoni formali tal-proġett. | Fil-proċess li tiġi implementata. |
| **c. Settur tat-Turiżmu** | Projects Malta | Ara l-miżura li jmiss. | | | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ħa ndaħħlu l-kunċett ta' Private Public Partnership, jew PPP, fix-xogħlijiet, fl-oqsma kostali, rurali u urbani permezz ta' numru ta' programmi u inizjattivi, li jinkludu tkabbir ta' bajjiet bir-ramel u aċċessibilità aħjar fuq xtut tal-blat.** | Projects Malta | Oqsma kostali: F'Marzu 2015, ġew ippubblikati żewġ tenders marbutin ma' modular floating systems li beħsiebhom isiru fil-bajjiet ta' Marsalforn u San Tumas. | Oqsma kostali: L-ebda offerta ma ġiet sottomessa għat-tender tal-modular floating system f'Marsalforn.<br><br>Offerta waħda ġiet sottomessa għall-modular floating system f'San Tumas. Saret l-evalwazzjoni tal-offerta, u ġie deċiż li l-offerent ma kienx jissoddisfa l-ispeċifikazzjonijet tat-tender.<br><br>It-tender għalhekk ma ntrebahx. | Oqsma urbani: Bdew negozjati ma' Transport Malta biex jiġu identifikati toroq fin-nofsinhar ta' Malta li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn proġett ta' żvilupp u manutenzjoni ta' toroq taħt ir-responsabilità ta' Projects Malta. | Oqsma urbani: Wara l-analiżi neċessarja, jiġu identifikati t-toroq fin-nofsinhar ta' Malta li ser jibbenefikaw minn dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Projects Malta bdiet ħidma sabiex tingħaqad mas-settur privat biex jissaħħaħ is-settur privat tal-ibburdjar. Yachting Malta mistennija tattira lejn Malta attivitajiet internazzjonali li jġibu lejn pajjiżna turisti ta' kwalità bi gwadann ekonomiku għall-pajjiż.** | Projects Malta | Yachting Malta ġiet imnedija f'Marzu. | Beda l-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Il-proċess ta' konsultazzjoni ħa jservi għall-iżvilupp ta' strateġija ċara u business plan li mistenni jiġi mniedi f'Diċembru. | L-abbozz tal-business plan għas-snin 2016-2019 beda jiġi ppreparat. Tibda wkoll il-ħidma fuq is-sit elettroniku u l-media soċjali biex Yachting Malta jkollha preżenza virtwali. | Jitlesta l-business plan u s-sit elettroniku tiġi finalizzata.<br><br>Yachting Malta se toffri appoġġ ukoll f'numru ta' attivitajiet marbuta mal-ibburdjar: inkluż it-Thundercats World Championships u r-Rolex Middle Sea Race Yacht Owners Reception. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Din is-sena lill-familji se nkomplu naghtuhom traħħis fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma li jfisser 30 miljun ewro aktar f'buthom. F'Marzu li ġej, dan l-istess roħs se jkun ukoll estiż għas-settur kummerċjali. Ir-roħs se jkun ta' 25 fil-mija għall-elettriku u ta' 5 fil-mija għall-ilma għan-negozji kollha. Dan ir-roħs se jkun f'kull band tat-tariffi mhux residenzjali. Ir-roħs tal-kontijiet għall-familji u negozji flimkien ifissru injezzjoni ta' 80 miljun ewro fl-ekonomija ta' pajjiżna.** | Ministeru għall-Enerġija u Saħħa (Enerġija) | Sar proċess biex jinħareġ l-Avviż Legali għar-roħs marbut man-negozji.<br><br>Il-Progress Review Board iltaqa' regolarment biex jitmexxa dan il-proċess bir-riżultat finali jkun liġi li daħlet fis-seħħ f'Marzu. | | | | Implimentata |
| **Energy Audits**<br>a. Se nfasslu pjan sabiex l-intrapriżi f'pajjiżna jagħmlu energy audits li b'implimentazzjoni kkordinata tajjeb jirriżultaw f'benefiċċji kbar ambjentali, finanzjarji u soċjali. | SEWCU | L-ewwel korsijiet sabiex jiġu mħarrġa l-energy auditors bdew jingħataw fi Frar 2015. Ġew konklużi t-taħditiet mal-Awtorità tar-Riżorsi fuq il-Linji Gwida għal Non SMEs għall-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom. Din ġiet ippubblikata fuq is-siti tal-Ministeru u dak tal-Awtorità tar-Riżorsi fi Frar. | Komplew il-laqgħat bejn is-SEWCU u n-non-SMEs li talbu pariri u spjegazzjoni iktar dettaljata tal-linji gwida ppubblikati minn SEWCU. Ġiet impoġġija fuq is-sit elettroniku tal-MRA l-lista ta' energy auditors u energy managers ċertifikati. Bdiet ukoll kollaborazzjoni bejn is-SEWCU u l-Malta Business Bureau (MBB) biex isir proġett ta' identifikazzjoni u disseminazzjoni tal-aħjar prattika dwar l-effiċjenza tal-enerġija lill-SMEs u non-SMEs. Numru ta' non-SMEs bdew l-awditjar tagħhom. | L-awditjar baqa' għaddej. | L-awditjar mistenni jiġi konkluż. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| b. F'kollaborazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar qed tiġi mfassla solar farm policy biex tirregola installazzjonijiet imdaqqsa ta' pannelli solari biex dawn ma jħallux impatt negattiv fuq l-ambjent tal-madwar. | SEWCU | Il-konsultazzjoni pubblika għalqet fi-Frar 2015. Beda proċess biex jiġu integrati r-riżultati tal-konsultazzjoni ħalli jkun jista' jiġi preparat dokument konsolidat.<br><br>Is-solar farm policy ġiet ippubblikata. | | | | Implimentata |
| **Il-Gvern qed jieħu ħsieb ukoll biex ikompli jinċentiva l-użu ta' enerġija rinovabbli, kemm permezz ta' skemi ta' grants kif ukoll permezz ta' feed-in tariffs li jkunu attraenti u sostenibbli.** | Awtorità tar-Riżorsi | Tkompla l-proċess biex jiġu approvati mill-Kummissjoni Ewropea skemi ġodda ta' feed-in tariffs għal sistemi ta' pannelli solari ta' daqs medju jew akbar.<br><br>Fil-każ ta' grants, fix-xahar ta' Marzu ġie mniedi l-Programm Operattiv I 2014-2020 mill-Awtorità tal-Ġestjoni fi ħdan il-MEAIM. Għal dan il-għan, l-entitajiet relevanti taħt il-Ministeru bdew xogħol ta' preparazzjoni biex eventwalment jiġu sottomessi applikazzjonijiet ġodda għall-fondi Ewropej ladarba s-sejħa speċifika tiġi mħabbra. | Ġiet introdotta il-Feed-in Tariff għal sistemi żgħar residenzjali.<br><br>Ġiet imħabbra skema ġdida ta' grants għal min jinstalla PV fir-residenza tiegħu, liema skema ser tiġi parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea. | L-ewwel applikazzjonijiet għall-iskema l-ġdida bdew jiġu milqugħa mill-Awtorità tar-Riżorsi fix-xahar ta' Lulju.<br><br>F'Awwissu 2015, ġiet imħabbra skema ġdida ta' Feed-in Tariff għal sistemi fotovoltajċi permezz ta' Avviż Legali 264/2015. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Lil dawk ir-residenzi li investew f'pannelli fotovoltajċi u li kienu bbenefikaw minn grant sa 50 fil-mija permezz tal-iskemi mħaddma mill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi, qed nagħtuhom iċ-ċans sat-30 ta' April 2015 biex jekk iridu jkabbru n-numru ta' pannelli fuq l-istess dar, u jibbenefikaw ukoll mir-rata ta' Feed-In Tariff oriġinali ta' 22ċ.** | Awtorità tar-Riżorsi | Implimentata skont l-Avviż Legali 416 tal-2014 (28 ta' Novembru 2014) | | | | Implimentata |
| **Għan-negozji u l-industriji u l-organizzazzjonijiet li għadhom fil-proċess li jimplimentaw il-proġetti ta' pannelli fotovoltajċi li għalihom ikunu ħadu għajnuna mill-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti, se nestendulhom iż-żmien biex japplikaw għall-Feed-in tariff, sat-30 ta' April tas-sena d-dieħla.** | Awtorità tar-Riżorsi | Implimentata skont l-Avviż Legali 416 tal-2014 (28 ta' Novembru 2014) | | | | Implimentata |
| **Għal dawk li jridu li jinstallaw sistemi ta' pannelli fuq il-bjut għall-użu tagħhom, għall-ewwel darba se nagħtu wkoll ħlas ekwivalenti għall-marginal cost għal dak il-porzjon ta' elettriku li ma jkunx ikkunsmat fis-sit, u li allura jkun qed jinxteħet fuq il-grid tal-Enemalta.** | ARMS | Implimentata skont l-Avviż Legali 416 tal-2014 (28 ta' Novembru 2014). | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Peress li l-iskema preżenti ta' Feed-in Tariff ittieħdet fi ftit ġranet, il-Gvern jestendi l-allokazzjoni tal-kapaċità minn 4 Megawatt għal 10 Megawatt. L-applikazzjonijiet se jibdew jintlaqgħu mill-ewwel ta' Diċembru.** | Awtorità tar-Riżorsi | Implimentata skont l-Avviż Legali 416 tal-2014 (28 ta' Novembru 2014). | | | | Implimentata |
| **Qiegħed jiġi żviluppat Pjan Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Ilma b'konsultazzjoni ma' dawk kollha interessati f'dan il-qasam. Il-ħsieb hu li dan il-pjan jitlesta u jiġi adottat mill-Gvern is-sena d-dieħla.** | SEWCU | L-abbozz finali tal-Pjan Nazzjonali ġie żviluppat u konkluż. | Komplew id-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet neċessarji fuq il-Pjan Nazzjonali. | Il-Pjan Nazzjonali qed jiġi vverifikat ħalli jkun jista' jiġi approvat u ippubblikat. | Il-Pjan Nazzjonali jiġi ppubblikat u ssir konferenza. | Implimentata |
| **Ħloqna l-Enemalta PLC, li permezz tagħha twieldet Enemalta ġdida u moderna.** | Enemalta | L-Enemalta miexja skont il-business plan maqbul ma' Shanghai Electric Power. | | | | Implimentata |
| **Ħloqna l-kumpanija Engineering Resources Ltd, li magħha ngħaqdu l-ħaddiema kollha tal-Enemalta bil-kundizzjonijiet kollha li kienu jgawdu skont il-ftehim kollettiv tagħhom.** | Engineering Resources Ltd. | L-Engineering Resources Ltd. qiegħda kontinwament tagħti servizz lill-Gvern u lill-entitajiet tiegħu permezz ta' dawn il-ħaddiema. Il-kundizzjonijiet tal-ftehim kollettiv baqgħu rispettati. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Kumpanija Shanghai Electric Power li hija Parti mill-Grupp taċ-China Power Invest, kumpanija tal-Fortune 500 se tinvesti 320 miljun ewro f'pajjiżna.** | Enemalta | Il-ftehim ġie ffirmat f'Diċembru 2014, bi ħlas ta' EUR 250 miljun li sar immedjatament. Il-bqija tal-flus huma investiment fil-powerstation ta' Delimara li qed tinqaleb għall-gass. | | | | Implimentata |
| **Se jkun hemm ukoll investiment b'rabta ma' Renewable Joint Venture u Energy Service Centre.** | Enemalta | Ir-Renewable Joint Venture, l-International Renewable Energy Development Ltd. ġiet imwaqqfa f'Jannar 2015.<br><br>Ġie mfassal u konkluż il-business plan marbut mal-Energy Service Centre. | Renewable Joint Venture: bdew diversi negozjati fuq diversi proġetti.<br><br>Energy Service Centre: beda l-proċess tal-għażla tal-ħaddiema li ser jiġu trasferiti mill-Engineering Resources Ltd. għaċ-ċentru l-ġdid. | Renewable Joint Venture: tkomplew diversi negozjati fuq diversi proġetti. | Renewable Joint Venture: mistenni li jitlestew in-negozjati u jiġu mħabbra l-proġetti.<br><br>Energy Service Centre: mistenni li jitlesta l-proċess tal-għażla tal-ħaddiema u jitwaqqaf iċ-ċentru l-ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Il-pjan għall-Kumpanija Ewropea għall-Enerġija Nadifa li se titwaqqaf bejn ix-Shanghai Electric u l-Enemalta ġie maqbul u l-ewwel proġetti qed jiġu evalwati.** | Enemalta | L-International Renewable Energy Development Ltd. ġiet imwaqqfa f'Jannar u saret l-ewwel laqgħa tal-bord. | Il-kumpanija twaqqfet u l-proġetti ġew evalwati. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Hemm qbil ma' Shanghai Electric li se niffukaw fuq is-swieq barra minn Malta u ġewwa pajjiżna se nagħmlu biss proġett pilota żgħir.** | Enemalta | Ġew idendifikati żweġ proġetti pilota, wieħed f'Malta u ieħor barra minn Malta. | | | | Implimentata |
| **Il-Ħidma fuq il-proġett tal-gass għaddejja. Il-permess ġie maħruġ din is-sena u l-applikazzjoni għall-IPPC ġiet sottomessa. Il-Gvern se jikkomunika t-timelines għall-proġett tal-gass fil-ġimgħat li ġejjin.** | Enemalta | It-timelines ġodda tal-proġett ġew komunikati. Saret laqgħa ta' koordinazzjoni bejn l-operaturi li se jkunu qed joperaw b'sinerġija fis-sit ta' Delimara. Tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni mill-Electrogas, b'superviżjoni mill-Enemalta. | Ix-xogħol ta' kostruzzjoni baqa' għaddej b'ritmu tajjeb. | Ix-xogħol ta' kostruzzjoni baqa' għaddej. | Ikompli x-xogħol ta' kostruzzjoni. | Implimentata |
| **L-Enemalta qed timplimenta pjan biex il-provvista tal-elettriku u d-distribuzzjoni tkompli ssir aktar sostenibbli u sigura.** | Enemalta | Bdew ix-xogħlijiet fuq l-installazzjoni fiċ-Ċentri ta' Distribuzzjoni ta' Manoel Island, St. Andrews u x-Xewkija. Sal-ewwel kwart ta' din is-sena, ix-xogħlijiet fiċ-ċentri ta' Manoel Island u St. Andrews kienu fi stat avvanzat. | Beda x-xogħol fuq in-network ta' St. Andrews u Manoel Island u dan huwa maħsub li jkun komplut fil-bidu tas-sena 2016.<br><br>Fiċ-Ċentru tax-Xewkija, ix-xogħol fuq in-network huwa ppjanat li jibda wara s-sajf u dan sabiex ma jkunx affettwat il-prodott turistiku Għawdxi fl-aqwa tal-istaġun. | Saru diskussjonijiet bejn id-diriġenti tal-MEPA u l-Enemalta biex jibda x-xogħol fuq il-permessi neċessarji marbutin man-network ta' St. Andrews u Manoel Island. | Jitkompla x-xogħol f'dawn iċ-ċentri. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ix-xogħol fuq l-interconnector bejn Malta u Sqallija mistenni jibda jopera fil-bidu tal-2015** | Enemalta | Wara xogħol ta' tħaffir ta' tunnels, culverts, xogħol ieħor ċivili u ta' installazzjoni ta' apparat elettroniku f'Diċembru 2014, fi Frar tkompla t-testing tal-interconnector cable, in-network cables u l-apparat elettroniku. Ix-xogħol laħaq il-qofol tiegħu meta l-interconnector inxtegħel għall-ewwel darba fl-24 ta' Marzu. | L-inawgurazzjoni uffiċċjali tal-proġett saret fid-9 ta' April. | | | Implimentata. |
| **Pipeline tal-gass**<br>a. Barra minn hekk għaddej l-istudju dwar il-vijabilità illi Malta jkollha pipeline sabiex tkun tista' tixtri l-gass naturali mis-swieq tal-kontinent Ewropew. Dan l-istudju mistenni jkun lest fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2015. | SEWCU | L-istudju ta' vijabilità fuq il-pipeline tlesta. | L-istudju ta' vijabilità fuq il-pipeline tlesta għalkollox. | | | Implimentata |
| b. Il-pjan hu li matul is-sena li ġejja jinbdew il-preparamenti dwar l-istudji neċessarji marbuta mar-rotta ta' qiegħ il-baħar u l-istudji fuq l-impatti ambjentali kemm fuq in-naħa ta' Malta kif ukoll fuq in-naħa tal-Italja. | SEWCU | L-istudji marbuta mar-rotta ta' qiegħ il-baħar: ġie mfassal tender għall-pubblikazzjoni b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti. | L-istudji marbuta mar-rotta ta' qiegħ il-baħar: ġiet sottomessa applikazzjoni għal fondi Ewropej taħt il-programm CEF biex jiġu ffinanzjati l-istudji neċessarji. It-tender ġie ppubblikat. | L-offerti milqugħa għat-tender bdew jiġu evalwati.<br><br>Fondi tal-Unjoni Ewropea taħt il-programm CEF ġew ukoll allokati għall-istudji marbuta mar-rotta ta' qiegħ il-baħar. | Jibda x-xogħol mal-kuntrattur magħżul dwar l-istudju. | Implmentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern talab ukoll lill-Enemalta biex tikkonkludi x-xogħol fuq Customer Service Charter li jelenka b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tal-klijenti ta' din il-kumpanija kif ukoll il-livelli ta' kwalità li l-klijenti għandhom jirċievu f'kull servizz li jeħtieġu.** | Enemalta | Kompliet il-ħidma fuq it-tfassil tal-Customer Service Charter. F'dan il-kwart, l-ewwel abbozz kien jinsab f'fażi avvanzata. | Id-dokument kien jinstab fil-fażi tat-tfassil tiegħu. | L-ewwel abbozz tal-Customer Service Charter tlesta u beda jiġi evalwat internament mill-uffiċjali tal-Enemalta qabel ma jintbagħat lill-entitajiet ikkonċernati għall-konsultazzjoni finali. | Il-Customer Service Charter jitlesta u jintbagħat lill-entitajiet konċernati għall-konsultazzjoni finali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Għaddej xogħol sabiex Villa Bighi fil-Kalkara tinbidel f'Ċentru Nazzjonali tax-Xjenza Interattiva.**<br><br>b. Flimkien mal-privat, il-Gvern jiżviluppa l-akkwati ta' Bighi f'ċentru turistiku ewlieni fil-Mediterran. | Projects Malta flimkien mal-MEDE | Wara diversi studji li saru fuq l-akkwati, Projects Malta waslet għall-konklużjoni li dan il-proġett huwa diffiċli li jitwettaq minħabba ċerti restrizzjonijiet li hemm fl-istess akkwati, primarjament is-sit tat-tindif taż-żejt li jinsab viċin. | Saret laqgħa ta' koordinazzjoni bejn id-diversi Ministeri konċernati fejn ġie deċiż li jiġu esplorati alternattivi oħra kif din il-miżura tista' tiġi implimentata. | Id-diskussjonijiet baqgħu għaddejjin. | Jibqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet biex tinstab alternattiva. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA (SAĦĦA)

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ħadna inizjattivi biex tiżdied aktar l-effiċjenza fl-użu tas-swali tal-operazzjonijiet u għalhekk żidna l-operazzjonijiet.** | Sptar Mater Dei | Inħarget is-sejħa għal Theatre Manager u saru l-intervisti sabiex tkun tista' ssir l-għażla. | Saret ir-rakkomandazzjoni tal-għażla tat-Theatre Manager lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li għandha twassal għall-ħatra tat-Theatre Manager. Inbeda wkoll ix-xogħol fuq is-Systems Analysis Report tat-Teatru tal-operazzjonijiet li għandu jwassal sabiex jitħejja l-pjan ta' azzjoni. | Inħatar it-Theatre Manager. Inbeda x-xogħol fuq is-Systems Analysis Report. Fil-frattemp ittieħdu numru ta' inizjattivi waslu għal żieda fl-operazzjonijiet. Kien hemm żieda ta' 19% fl-operazzjonijiet meta mqabbla mal-2012. | | Implimentata |
| **Bdejna naħdmu fuq pjan biex nindirizzaw l-esiġenzi fis-settur tas-saħħa billi qegħdin inżidu n-numru ta' sodod fl-Isptar Mater Dei. Daħħalna protocols u sistemi li jtejbu l-effiċjenza. Qegħdin naħdmu mas-settur privat biex jgħinna negħlbu l-isfidi ta' popolazzjoni anzjana.** | Sptar Mater Dei | a. Acute Medical Assessment Unit -Dan huwa proġett kofinanzjat mill-ERDF u għandu jwassal għal 68 sodda ġdida. Matul dan il-perijodu l-proġett tkompla kif ippjanat. b. Aktar sulari f'Mater Dei - Inbeda l-proċess sabiex jiġu disinjati t-tieni u t-tielet sulari fuq l-Medical Assessment Unit f'Mater Dei (100 sodda ohra). c. Ċentru tal-Onkoloġija - Tkompla l-proċess sabiex jitlesta ċ-Ċentru tal-Onkoloġija (113 sodda oħra). | a. Acute Medical Assessment Unit -Matul dan il-perijodu l-proġett baqa' għaddej b'ritmu tajjeb u kif ippjanat (68 sodda). b. Aktar sulari f'Mater Dei - Tkompla l-proċess sabiex jiġu disinjati t-tieni u t-tielet sulari fuq il-Medical Assessment Unit f'Mater Dei (100 sodda ohra). c. Ċentru tal-Onkoloġija - Tkompla l-proċess sabiex jitlesta ċ-Ċentru tal-Onkoloġija (113 sodda oħra) u l-migrazzjoni kompluta mill-Isptar Boffa għaċ-Ċentru tal-Onkoloġija ser issir kif pjanat. | a. Acute Medical Assessment Unit -Matul dan il-perijodu l-proġett tkompla kif ippjanat. Dan il-proġett wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu. (68 sodda). b. Aktar sulari f'Mater Dei - Tkompliet il-ħidma fuq l-ippjanar tat-tieni u t-tielet sulari li hu maħsub li ser jinbnew fuq il-Medical Assessment Unit f'Mater Dei (100 sodda oħra). c. Ċentru tal-Onkoloġija - Tkompliet il-ħidma sabiex jitlesta ċ-Ċentru tal-Onkoloġija (113 sodda oħra) u l-migrazzjoni kompluta mill-Isptar Boffa għaċ-Ċentru tal-Onkoloġija. Dawn waslu fl-aħħar fażijiet tagħhom. | a. Tibda topera l-Medical Assessment Unit fl-Isptar Mater Dei b. Il-ħidma fuq it-tieni u t-tielet sulari fuq il-Medical Assessment Unit ikomplu fl-2016. c. Jinfetaħ kompletament iċ-Ċentru tal-Onkoloġija wara li nfetħet l-ewwel fażi meta bdew jingħataw is-servizzi tal-Outpatients minn dan iċ-ċentru gdid. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Strateġija ffukata fuq stock control practices li jiddeterminaw meta u kemm tinxtara mediċina. Innaqqsu l-frammentazzjoni ta' stocks li sa issa kkaratterizzaw il-mod kif kien isir l-istock management.** | Ministeru għall-Enerġija u Saħħa | Inbeda l-proċess sabiex jinxtara s-software meħtieġ għat-twettiq ta' din il-mizura. Saru d-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-kumpanija li ser tiżviluppa s-sistema. Inbeda u tlesta x-xogħol ta' żvilupp tas-sistema. Il-programm tal-istock card tlesta wkoll. Tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. Ġie stabbilit Advisory Board sabiex jiffinalizza l-pjan ta' implimentazzjoni u jmexxi l-implimentazzjoni tas-sistema. Ġie stabbilit ukoll user group li hu responsabbli mill-ittestjar tas-sistema. | Tkompliet il-ħidma mill-kumitati mwaqqfa apposta. | Tkompli l-ħidma sabiex tkun tista' titwettaq din il-miżura u sabiex biex jiġi massimizzat il-progress fil-kuntest tar-riżorsi disponibbli. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Il-problema ta' konkrit dgħajjef fl-emerġenża wasslet biex bħalissa għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet. Dawwarna din l-isfida f'opportunità u biex issa għaddejja l-ħidma biex jinbnew tliet sulari ġgodda biswit il-bini ta' Mater Dei biex b'hekk in-numru ta' sodod fl-isptar se jiżdied.** | Sptar Mater Dei | a. Saret l-investigazzjoni meħtieġa minn kumpanija esperta fil-qasam. b. Acute Medical Assessment Unit -Dan huwa proġett kofinanzjat mill-ERDF u għandu jwassal għal 68 sodda gdida. Matul dan il-perjodu l-proġett kien għaddej b'ritmu tajjeb u kif ippjanat. c. Aktar sulari f'Mater Dei - Inbeda l-proċess biex jiġu disinjati t-tieni u t-tielet sulari fuq il-Medical Assessment Unit f'Mater Dei (100 sodda oħra). | a. Il-gvern ħa l-azzjoni meħtieġa wara l-investigazzjoni minn kumpanija esperta li eżaminat u fasslet rapport dwar il-konkrit dgħajjef. b. Acute Medical Assessment Unit -Matul dan il-perijodu l-proġett baqa' għaddej b'ritmu tajjeb u kif ippjanat (68 sodda). c. Aktar sulari f'Mater Dei - Inbeda l-proċess sabiex jiġu disinjati t-tieni u t-tielet sulari fuq il-Medical Assessment Unit f'Mater Dei (100 sodda oħra). | a. Acute Medical Assessment Unit -Matul dan il-perijodu l-proġett baqa' għaddej b'ritmu tajjeb u kif ippjanat. Dan il-proġett issa wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu. (68 sodda). b. Aktar sulari f'Mater Dei - Tkompliet il-ħidma fuq l-ippjanar tat-tieni u t-tielet sulari li hu maħsub li ser jinbnew fuq il-Medical Assessment Unit f'Mater Dei (100 sodda oħra). | a. Tibda topera l-Medical Assessment Unit fl-iSptar Mater Dei b. Il-ħidma fuq it-tieni u t-tielet sulari fuq il-Medical Assessment Unit tkompli fi 2016. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nedejna l-Istrateġija Nazzjonali dwar is-Sistemi tas-Saħħa. Qegħdin f'diskussjonijiet mal-imsieħba involuti dwar kif nistgħu ninċentivaw lil individwi li jixtru polza ta' assikurazzjoni tas-saħħa.** | Financial Monitoring Control Unit | Inbdew id-diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Finanzi biex jiġi determinat kif tista' tiġi implimentata din il-miżura. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Ministru tal-Finanzi. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Ministru tal-Finanzi. | Ikomplu d-diskussjonijiet meħtieġa sabiex jiġu esplorati l-possibilitajiet wara li jitlestew l-istudji u l-analiżi meħtieġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Wara dan l-eżerċizzju qed jiġi żviluppat qafas ta' Health System Performance Assessment li jiġbor fih numru ta' indikaturi li bejniethom jagħtu stampa pjuttost komprensiva tas-sistema tas-saħħa.** | Dipartiment għall-Politika fis-Saħħa | Id-dokument tfassal u ntbagħat ukoll lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. | | | | Implimentata |
| **L-istrateġija dwar l-ikel u n-nutriment infetħet għall-konsultazzjoni aktar kmieni din is-sena.** | Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard | L-istrateġija ġiet imnedija fis-16 ta' Diċembru 2014. Twaqqaf kumitat ta' ħidma. Beda l-proċess li għandu jwassal għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet rakkomandati matul il-perijodu 2015 - 2020. | Il-membri tal-Kumitat imwaqqaf apposta taw l-għażliet tagħhom biex jiġu prijorizzati l-azzjonijiet rakkomandati. Din il-miżura ġiet implimentata mal-pubblikazzjoni tal-istrateġija msemmija, li tiġbor fiha numru ta' miżuri li jridu jiġu mwettqa kull sena, matul l-2015 - 2020. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-istrateġija dwar id-dijabete tħejjiet ukoll kif imwiegħed u fil-fatt infetħet għall-konsultazzjoni l-ġimgħa l-oħra**. | Dipartiment għall-Politika fis-Saħħa | a. L-istrateġija ġiet ippubblikata. Infetħet il-konsultazzjoni pubblika li tibqa għaddejja sal-20 ta' Mejju 2015. L-abbozz li ġie ppubblikat intbagħat ukoll lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Saru laqgħat tal-Kumitat Parlamentari dwar id-Dijabete bħala parti mill-konsultazzjoni. b. Ġew approvati wkoll mediċini godda għad-dijabetiċi (glibtons). Dawn ġew inklużi fil-formolarju tal-gvern. | a. Sar avveniment biex jimmarka l-għeluq tal-perijodu ta' konsultazzjoni fl-aħħar ta' Mejju 2015. Saret laqgħa oħra tal-Kumitat Parlamentari. Tħabbret id-deċiżjoni li jiġu sponsorjati żewġ infermiera fil-qasam tal-kura tad-dijabete biex isegwu kors li jwassal għal Masters fil-Kura tad-Dijabete. | | | Implimentata |
| **Se nintroduċu skema ta' screening għall-kanċer tal-għonq tal-utru matul is-sena 2015 - waħda mill-inizjattivi li jisħaq fuqhom il-Pjan Nazzjonali dwar il-Kanċer.** | National Screening Unit | Inbeda l-proċess meħtieġ għax-xiri tat-tgħammir, tal-ismear tests u tal-programm tal-IT għall-immaniġġjar tas-sistema. Inħarġet ukoll Sejħa għall-Espressjoni ta' Interess minn infermiera. Ġew maħtura l-koordinaturi tal-programm ta' screening u nbeda t-taħriġ tagħhom. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-interess għat-testijiet tal-kancer fl-utru li għalqet f'Mejju 2015. Inbdew diskussjonijiet u laqgħat max-xjentisti tal-laboratorju, mal-ħistopatoloġisti, mal-esperti tal-IT u l-professjonisti tal-ġinekoloġija. Inbeda x-xogħol fuq is-sistema tal-IT u l-programmi. Intgħażlet l-Iscreening Nurse għall-iscreening tal-kancer tal-utru. Intgħażlu wkoll il-koordinaturi. Ġew identifikati tliet postijiet f'Malta u Għawdex sabiex isir l-iscreening. Ġew identifikati wkoll ir-rekwiżiti tal-apparat meħtieġ. | Tkomplew il-laqgħat u d-diskussjonijiet kontinwi meħtieġa. Id-datasets u l-informazzjoni dwar il-popolazzjoni huma avvanzati sew. Il-personnel maħtur għaddej bil-ħidma tiegħu. Qed isiru visti fil-health centres sabiex jiġu ċċekkjati r-riżorsi u xi snags li jeħtieġu jissolvew. Ix-xiri tal-LBC smears għaddej. Il-website, l-email u l-paġna ta' facebook ġew attivati. | Ikomplu l-preparamenti meħtieġa sabiex jiġi introdott dan is-servizz ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Matul l-2015 se jibdew jiġu żviluppati programmi ta' stil ta' ħajja għal saħħa aħjar immirati għal persuni li diġà huma morda b'mard kroniku bħad-dijabete, miżura oħra mill-istrateġija mnedija fl-2010.** | Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard | Matul dan il-perijodu ġiet kompilata r-riċerka dwar evidenza wara li saru programmi ta' stil ta' ħajja aħjar għal dawk in-nies li huma diġà dijabetici. Sar ukoll stħarriġ dwar x'tip ta' programmi jeżistu barra minn Malta. Twaqqaf grupp ta' ħidma li beda jiddiskuti kif jista' jigi adottat il-programm f'Malta. Tfassal il-protokoll ta' gwida ta' kif ser isiru l-programmi. Instab post adattat fejn jista jsir il-programm u saru l-arrangamenti meħtieġa. Inkiteb manwal dettaljat li fih il-punti importanti għall-għalliema fil-programm. Ġie mfassal ukoll il-proċess ta' riferta ta' pazjenti u l-informazzjoni li għandha tinġabar. | Saru diversi laqgħat biex il-programm jiġi finalizzat. Intgħazlu dietician u n-nutrizzjonista għall-ewwel programm. Sar it-taħrig lil dawn il-personnel dwar il-programm. Ġie mfassal djarju għall-parteċipanti ta' dan il-programm li jinkorpora fih djarju tal-ikel, djarju tal-attività fiżika u djarju tal-monitoraġġ taz-zokkor fid-demm. Inbeda l-proġett pilota fit-2 ta' Mejju 2015. L-ewwel klassi tal-programm Ngħixu bid-Dijabete - Edukazzjoni u Kontroll tal-Piż kompliet għaddejja b'attendenza tajba. | Tlestew l-ewwel żewġ klassijiet tal-programm Ngħixu bid-Dijabete - Edukazzjoni u Kontroll tal-Piż. Matul is-sessjoni l-parteċipanti ġew mogħtija kwestjonarju li bih stajna nevalwaw il-programm. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern se joħroġ White Paper li għandha twassal għall-ewwel liġi dwar id-donazzjoni tal-organi f'Malta.** | Dipartiment għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa | Ġiet imfassla u ppubblikata White Paper f'Marzu 2015. Inbeda l-perijodu ta' konsultazzjoni li jagħlaq f'Mejju. | Tkompla l-perijodu ta' konsultazzjoni li għalaq f'Mejju 2015. Saret l-evalwazzjoni tal-feedback riċevut matul il-perijodu ta' konsultazzjoni. | | | Implimentata |
| **Il-Gvern se jibqa' jinvesti fl-immodernizzar taċ-ċentri eżistenti - kif sar fiċ-ċentru tar-Rabat - kif ukoll jinvesti f'ċentru li jista' jaqdi l-bżonn tal-komunitajiet li jgħixu fil-viċinanzi taż-Żurrieq.** | Dipartiment tal-Kura Primarja | Inbeda l-proċess sabiex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti għat-trangar u tisbiħ taċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Furjana u ta' Ħal Kirkop. Ġew ippubblikati xi sejħiet għall-offerti għall-Furjana. Inbdew diskussjonijiet dwar Ħal Kirkop u dwar il-possibilità ta' PPP. | Inbdew ix-xogħlijiet ta' tisbih u tranġar fil-Furjana. Tkomplew id-diskussjonijiet dwar il-proġett ta' Ħal Kirkop filwaqt li nbeda l-ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess għal dan iċ-ċentru. | a. Ix-xogħol relatat mas-sistema tal-elettriku u mal-cold room ġdida fiċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana miexi kif pjanat. Qed nistennew il-permess tal-MEPA biex isir xogħol fuq ir-reception area. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-għamara. b. Tkomplew id-diskussjonijiet meħtieġa li għandhom iwasslu għall-hruġ tal-Espressjoni ta' Interess għaċ-Ċentru ta' Ħal Kirkop. | Tkompli l-ħidma sabiex jitlesta t-tisbiħ u tranġar taċ-ċentru tal-Furjana kif ukoll tat-twettiq tal-PPP f'Ħal Kirkop. | L-implimentazz-joni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| **Il-Gvern qed jaħdem bis-sħiħ sabiex b'konsultazzjoni jwitti t-triq lil tobba tal-familja li jixtiequ jingħaqdu bħala sħab biex jistabbilixxu klinika jew servizz bejniethom.** | Dipartiment għall-Politika fis-Saħħa | Ġie stabbilit Focal Point apposta li hu bbażat fil-Malta Enterprise. Flimkien mal-Malta Enterprise nbeda l-proċess ta' konsultazzjoni mal-GP Group Practices privati eżistenti. | Ġew analizzati l-intervisti u d-diskussjonijiet li saru tal-Group Practices privati. Inħarġu numru ta' konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet li ġew diskussi internament. Wara dan il-proċess imiss l-ippjanar tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi ġodda wara l-konsultazzjoni li saret u wara li twaqqfet il-focal point fil-Malta Enterprise. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għaddej xogħol fuq iċ-Ċentru għall-Onkoloġija fejn fil-ġimgħat li ġejjin se jibdew jidħlu l-ewwel outpatients f'dan l-isptar. Ix-xogħol kollu mistenni jitlesta fix-xhur li ġejjin. Se jingħata l-isem ta' Ċentru għall-Onkoloġija Sir Anthony Mamo.** | Ministeru għall-Enerġija u Saħħa | Tlestiet l-ewwel fażi tal-migrazzjoni mill-Isptar Boffa għaċ-Ċentru tal-Onkoloġija. Kompla l-ippjanar u r-reklutaġġ u taħriġ tal-professjonisti. Tkomplew il-pjanijiet tal-migrazzjoni tal-apparat mediku mill-Isptar Boffa għaċ-Ċentru tal-Onkoloġija. Tkomplew ix-xogħlijiet tal-kummissjonar minn tim ta' speċjalisti minn Leeds flimkien mal-ispeċjalisti Maltin fuq il-magni tar-radjoterapija tal-aħħar teknoloġija. Tkompla x-xogħol fuq il-binja taċ-Ċentru l-gdid. Bdew jingħataw is-servizzi kollha tal-Outpatients miċ-Ċentru tal-Onkoloġija. | Tkomplew id-diskussjonijiet u l-aġġornar tal-pjanijiet għall-migrazzjoni kompleta mill-Isptar Boffa għaċ-Ċentru tal-Onkoloġija. Tkompliet ukoll il-ħidma sabiex iċ-Ċentru l-ġdid jitlesta kompletament. Tkompla l-proċess ta' reklutagg ta' aktar personnel għal dan iċ-Ċentru l-ġdid. Bdew jiġu ppreparati wkoll Standard Operating Procedures f'kull settur. Beda jingħalaq l-ikkummissjonar mill-professjonisti ta' Leeds. | Qed jingħalqu l-aħħar proċessi sabiex jinfetaħ kompletament iċ-Ċentru tal-Onkoloġija wara li ssir il-migrazzjoni kompluta mill-Isptar Boffa għaċ-Ċentru tal-Onkoloġija. | Jinfetah kompletament iċ-Ċentru tal-Onkoloġija wara li nfetħet l-ewwel fażi meta bdew jingħataw is-servizzi tal-Outpatients minn dan iċ-ċentru ġdid. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern se jinvesti wkoll fondi għal aktar tagħmir u servizzi kif iggwidat mill-esperti lokali f'oqsma diversi tal-mediċina.** | Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa | Inbdew il-proċessi għax-xiri ta' numru ta' tgħammir u apparat fosthom a. ultrasound tipped gastroscopes u bronchoscopes, b. software ġdid għall-MRI sabiex il-qalb tkun tista tigi eżaminata mingħajr operazzjonijiet u loppju, c. software għas-CT f'Għawdex, d. magna tal-kliewi, e. monitors tal-qalb għall-ambulanzi | Tkomplew il-proċessi għax-xiri ta' aktar tgħammir u apparat. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal Ultrasound Tipped Gastroscopes u Bronchoscopes. Tlesta x-xiri ta' software għall-MRI sabiex b'hekk ikun jista' jiġi installat fix-xhur li ġejjin. Inbdew diskussjonijiet mal-kuntrattur konċernat sabiex is-sistemi ta' tgħammir u software kardjoloġiku fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jiġu mantenut u mgeddin. Giet ippubblikata s-sejħa ghall-offerti għall-magna tal-kliewi. Inħarġet is-sejħa għall-offerti għall-monitors tal-qalb għall-ambulanzi. Inħarġet ukoll is-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-Contrast Ultrasound Machine for Imaging. | Tkompla l-process għax-xiri tat-tgħammir u apparat. | Tibqa' għaddejja l-ħidma sabiex jingħalqu dawn il-processi li għandhom iwasslu għal tgħammir u apparat ġdid u għaldaqstant servizzi ġodda jew servizzi mogħtija b'aktar effiċjenza. | L-implimentazz-joni ta' din il-mizura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nkomplu nipprovdu s-servizz tal-IVF fil-qasam tas-saħħa pubblika li issa għandu t-twelid tal-ewwel trabi.** | Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun | Saret l-ispezzjoni għal-liċenzjar mid-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa biex jiġi stabbilit jekk il-faċilità tal-IVF f'Mater Dei laħqetx l-istandards meħtiega. Inħarġet il-liċenzja lill-operatur għall-faċilità f'Mater Dei. Sar it-trasferiment tal-gameti minn faċilità privata tal-IVF għall-faċilità f'Mater Dei u tpoġġew f'cyrobank maħsub apposta. Bdew isiru l-ewwel IVF/ICSIs ġewwa Mater Dei u ppreservar ta' gameti ġodda fis-cyrobank. | Tkompla l-proċess tas-cycles tal-IVF. | Kompla jingħata s-servizz tal-IVF. | Mistenni jitkompla jingħata dan is-servizz ġdid. | Implimentata |
| **Se nibdew ukoll nevalwaw il-possibilità li nintroduċu assistenza lil dawk il-persuni transgender li jridu jagħmlu intervent kirurġiku.** | Dipartiment għall-Politika fis-Saħħa | Inbdew id-diskussjonijiet meħtieġa mal-persuni/entitajiet konċernati dwar kif tista' tiġi implimentata din il-miżura. | Saret laqgħa tal-grupp ta' ħidma maħluq apposta mill-istakeholders involuti. Bdew jiġu diskussi pjanijiet għal laqgħat futuri kif ukoll il-mod kif jistgħu jibdew isiru linji gwida. Inbdiet ħidma wkoll fuq it-tfassil tal-lista ta' farmaċewtiċi neċessarji kif ukoll linji gwida u protokolli kliniċi. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. Beda jitħejja rapport fuq il-punti importanti u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan is-servizz ġdid. Dan għandu jwassal għal diskussjoni interna. | Ikomplu jsiru l-istudji u l-evalwazzjoni meħtieġa . | L-implimentazz-joni ta din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Qed jiġu ppreparati tliet studji relattivament kbar - il-European Health Interview Survey (li għadu kemm beda), kif ukoll stħarriġ iddettaljat dwar l-ikel li jittiekel mill-poplu Malti. Qegħdin nappoġġjaw ukoll ir-riċerka dwar id-dijabete f'Malta. Hemm ukoll pjani għal aktar riċerka ma' ġenituri fil-qasam tas-Saħħa Sesswali.**<br><br>a. Stħarriġ dwar l-ikel li jittiekel mill-poplu Malti. | Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard | Inbdiet il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' software bl-ikel kollu li hawn f'Malta inkluż riċetti varji. Ġie żviluppat ktejjeb dwar porzjonijiet u miżuri tal-ikel. Saru diskussjonijiet dwar kif għandu jitwettaq l-istħarrig u ttieħdu numru ta' deċiżjonijiet loġistiċi. Il-manwal għall-intervistaturi ġie finalizzat ukoll. L-IARC taw taħriġ dwar l-aħħar parti tal-iżvilupp tal-GloboDiet. Iddaħħlu aktar minn 120 riċetta fil-programm. Saret l-ewwel sessjoni ta' taħriġ għal dawk li ser iħarrġu lill-intervistaturi. | Ingħata t-taħriġ lill-intervistaturi. Intbagħtu 200 ittra lill-parteċipanti biex ikunu jistgħu jieħdu sehem. Bdew isiru l-appuntamenti mal-parteċipanti. Saret il-ħidma kollha meħtieġa biex ikollna database aktar komprensiva tal-ikel li jista' jittiekel f'Malta. Inbdew l-intervisti. | Id-Dipartiment konċernat kompla jikkuntattja lin-nies magħzula b'mod każwali biex dawn jipparteċipaw f'dan l-istħarriġ. L-intervistaturi komplew jikkuntattjaw lill-parteċipanti u jagħmlu appuntament magħhom. Saru l-intervisti. Il-koordinaturi tal-istħarriġ wettqu wkoll sessjonijiet individwali ma' kull intervistatur fejn għamlu reviżjoni tal-intervisti li saru. B'hekk ġie implimentat il-proġett pilota. | Trid titkompla l-ħidma sabiex, fuq ir-riżultati tal-proġett pilota, jiġu aġġiornati is-software u l-kwestjonarji li ser jintużaw biex f'Ottubru jinbeda l-istudju proprju li għandu jtul sena bħala fieldwork. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| b. European Health Interview Survey | Dipartiment dwar l-Informazzjoni u Riċerka fis-Saħħa | Inbeda l-fieldwork. Inbeda l-inputting tad-data mill-kwestjonarji mimlija. Matul dan il-perijodu, u skont l-analiżi magħmula, deher li r-rispons ghal dan is-survey niżel xi ftit għal madwar 60%. Għaldaqstant bdew isiru appelli permezz tal-media u anke permezz ta' ittri lil dawk li ma rnexxilniex nistabbilixxu kuntatt magħhom ħalli nħeggu aktar parteċipazzjoni. | Ir-rispons għall-European Health Interview Survey ma laħaqx il-kwota stabbilita mill-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant ittieħdet id-deċiżjoni li, biex nilħqu l-kwota mitluba mill-Eurostat ta' 3,975 persuna, jittieħed kampjun ġdid. F'Mejju 2015, l-EHIS laħaq 3,000 persuna. Tkomplew l-isforzi sabiex jiġu koperti l-aħħar 1,000 persuna. Ingieb kampjun addizzjonali mill-NSO sabiex inkopru n-numru ta' kwestjonarji meħtieġa skont il-kwota stabbilita. B'hekk ikun jista' jinbeda l-fieldwork. | Wasal il-feedback kollu meħtieġ u għaldaqstant inġabru l-kwestjonarji kollha. B'hekk il-proċess hu magħluq u d-data ha tintbagħat lill-Eurostat f'Settembru. | Jiġu analizzati r-risposti tal-kwestjonarji. | Implimentata |
| c. Riċerka ma' ġenituri fil-qasam tas-Saħħa Sesswali | Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard | Tlestiet ir-riċerka u ġie finalizzat il-kwestjonarju li ser jintuża. Il-kwestjonarju ġie tradott għall-Malti wkoll. Iddaħħlet ukoll l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kumitat għall-Etika. | Instabu l-kuntatti tal-persuni li ġew identifikati. Inbeda t-tindif tal-informazzjoni miġbura. Il-kwestjonarju tal-proġett pilota ġie stampat. | Wara li tlesta l-proġett pilota, il-kwestjonarju ġie rranġat b'tali mod li jkun aktar faċli li wieħed jirrispondi u għaldaqstant jagħti riżultat aħjar. Ġie stampat dan il-kwestjonarju li ntbagħat lil aktar minn 2,000 korrispondent. | Jiġu analizzati r-risposti tal-kwestjonarji. | Fil-proċess li tigi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Qed jiġu diskussi pjani għall-iżvilupp ta' ċentru ddedikat għar-riċerka fil-qasam tat-trasfużjoni tad-demm u tessuti oħra.** | NBTS | Inħarġet is-sejħa għall-offerti għal Cost Benefit Analysis għal dan il-proġett. Inbdew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. Inbdiet ukoll il-ħidma għat-tfassil tad-disinji u pjanti tal-proġett. Inbeda wkoll il-proċess tat-trasferiment tal-art fejn ser jinbena dan il-proġett. | Ingħalqu l-preparamenti kollha meħtieġa qabel ma tinħareġ l-applikazzjoni għal progetti li jistgħu jigu kofinanzjati mill-ERDF. Id-diskussjonijiet meħtieġa tlestew u issa rridu nistennew sakemm tinħareġ din l-applikazzjoni. | | | Implimentata |
| **Il-Gvern waqqaf il-kumpanija Medical Plus li se tidħol f'arranġamenti ta' PPP ma' specjalisti fl-Isptar Mater Dei. Apparti li jiżdiedu n-numru ta' operazzjonijiet fi tmiem il-ġimgħa.** | Sptar Mater Dei | Twaqqfet l-organizzazzjoni Medical Plus li bdiet il-ħidma tagħha mill-ewwel. Fil-proċess, kien meħtieġ li jsiru xi modifiki għall-ħidma ta' din l-organizzazzjoni u għaldaqstant l-implimentazzjoni ta' din il-miżura kellha tieħu xejra oħra. Bdew isiru sforzi biex tiġi żviluppata strateġija ġdida kif ukoll diskussjonijiet ma' numru ta' stakeholders. Inbeda wkoll il-proċess sabiex tinħareg Sejħa għall-Espressjoni ta' Interess biex jinkrew it-teatri u servizzi anċillari mis-settur privat. | In-negozjati li seħħew wara s-sejħa għall-Espressjoni ta' Interess biex jinkrew it-teatri u servizzi anċillari mis-settur privat ġew konkluzi u ġie ffirmat ftehim ma' żewg sptarijiet privati. Fejn possibbli, ir-Resident Specialists u Konsulenti li wrew interess li jaħdmu sessjonijiet żejda ser jingħataw l-opportunità jagħmlu dan fi sptarijiet privati. | Bdew isiru interventi fuq livell intermedju fi sptar privat. Inħarġet sejħa għall-offerti sabiex jibdew isiru interventi fuq livell maġġuri fi sptarijiet privati wkoll. Din għandha twassal biex jibdew isiru aktar operazzjonijiet tal-irkopptejn u tal-ġenbejn matul Settembru. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern qed ifassal master plan għaż-żona tal-Isptar San Luqa.**<br><br>**Hemm il-ħsieb li jinbnew faċilitajiet ġodda li se jwasslu kura speċjalizzata fil-komunità, inkluża kura ta' rijabilitazzjoni - il barra mill-ambjent tal-isptar.**<br>**Dan il-proġett se jibda jiġi ppjanat is-sena d-dieħla.** | Ministeru għall-Enerġija u Saħħa | | | | | |
| **Qed naħdmu sabiex niżviluppaw lil Għawdex f'ċentru internazzjonali fir-reġjun tal-Mediterran u l-Ewropa ta' Isfel għal servizzi mediċi u ta' edukazzjoni u taħriġ mediku tal-ogħla kwalità. Il-Gozo Medical and Healthcare Hub se jfisser li Għawdex se jgawdi mill-benefiċċji tat-turiżmu mediku, mill-infiq ta' studenti, professuri, klijenti barranin u l-qraba taghhom. Jibbenefika wkoll mill-investiment dirett barrani li dan il-proġett jinvolvi. Permezz ta' dan il-proġett, se jiġi upgraded l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.** | Sptar Ġenerali ta' Għawdex | Inbdew id-diskussjonijiet meħtieġa mal-istakeholders sabiex tkun tista' titwettaq din il-miżura. Tħabbru l-pjanijiet tal-Gvern għall-Isptar San Luqa, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, l-Isptar tad-Dermatoloġija u l-Isptar ta' Rijabilitazzjoni. Inħarġet is-Sejħa għal Proposti. Din tibqa' miftuħa sad-19 ta' Mejju. | Is-sejħa baqgħet miftuħa sad-19 ta' Mejju 2015 u wara bdew in-negozjati mal-preferred bidder. | Għadhom għaddejjin in-negozjati mal-preferred bidder. | Jingħalqu n-negozjati mal-preferred bidder. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Benefiċċju soċjali għal dawk li jbgħatu bil-marda "neuro myetlitis optica"** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Din il-kundizzjoni medika żdiedet fis-sistema tal-IT u min ibati biha jista' jitħallas il-pensjoni tad-diżabilità.It-talbiet għal din il-pensjoni minn persuni li jbatu minn din il-kundizzjoni bdew jiġu aċċettati u pproċessati minn bord mediku. | | | | Implimentata |
| **Ser nużaw iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla għal proġett innovattiv ta' sħubija mal-privat. Se nidħlu f'diskussjonijiet mal-istakeholders kollha biex naqblu fuq proġett pilota li għandu jagħti servizz tas-saħħa tal-aqwa kwalità lin-nies tal-Kottonera. Is-servizz tas-saħħa jibqa' b'xejn.** | Ministeru għall-Enerġija u Saħħa | Inbdew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura ħadet bixra oħra wara d-diskussjonijiet li saru. Ingħatat id-direzzjoni li x-xogħol għandu jiffoka fuq inizjattiva mad-Dipartiment tal-Kura Primarja li permezz tagħha jkunu jistgħu jingħataw servizzi mit-tobba tal-familja privati b'kollaborazzjoni mal-gvern għal pazjenti b'mard kroniku. B'hekk tkun qed tiġi implimentata inizjattiva mas-settur privat fil-Kottonera fil-qasam tal-kura primarja. Intant l-inizjattiva tal-PPP ser issir f'Ħal Kirkop minflok f'Bormla. | Għaddejjin id-diskussjonijiet biex tinħareġ sejħa għall-Espressjoni ta' Interess. | Tkompli l-ħidma li għandha twassal sabiex jiġi introdott dan il-PPP f'Ħal Kirkop. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Mis-sena li ġejja 'l quddiem, il-Gvern se jagħti l-ammont kollu tal-COLA lill-pensjonanti sabiex b'hekk dawn jirċievu l-kumpens sħiħ għall-għoli tal-ħajja.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar ix-xogħol neċesarju sabiex ir-rati tal-pensjonijiet jiżdiedu bil-COLA u l-pensjonanti bdew jirċievu r-rata miżjuda tal-pensjoni bil-kumpens għall-għoli tal-ħajja. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| **Bonus Addizzjonali - Bonus Addizzjonali ta' darba ta' 35 ewro fis-sena. Dan il-Bonus Addizzjonali se jkun aktar milli qed jirdoppja l-kumpens għaż-żieda għall-għoli tal-ħajja u mhux se jkun taxxabbli. Il-Bonus Addizzjonali se jiħduh il-ħaddiema full-time kollha li mhux se jgawdu mit-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul li se nħabbar dalwaqt, il-pensjonanti kollha, dawk kollha fuq il-benefiċċji soċjali u se jingħata wkoll pro-rata għall-ħaddiema part-timers u għall-istudenti.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru diversi laqgħat u diskussjonijiet bejn id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u tax-Xogħol biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa dwar il- benefiċċjarji kollha ta' din il-miżura kif ukoll jitħejjew il-preparazzjonijiet biex isir il-ħlas tal-bonus fl-aħħar ta' dan il-kwart. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Min bħalissa qiegħed jieħu l-Għajnuna Soċjali għall-qgħad se jingħata 4 xhur ċans biex jew jidħol fil-Youth Guarantee (u jibqa' jieħu l-benefiċċju) inkella jibqa' jirreġistra imma jieqaf il-benefiċċju sa ma tgħaddi l-età li wieħed jikkwalifika għall-Youth Guarantee.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | L-ewwel grupp ta' persuni bdew jipparteċipaw fl-iskema Youth Guarantee mill-ewwel tas-sena. Saru l-preparamenti meħtieġa biex tkun tista' tiġi implimentata din il-miżura fit-totalità tagħha. F'dan il-kwart, l-ewwel grupp ta' persuni ġew imsejħa mill-ETC biex japplikaw għal din l-iskema. | Grupp ieħor ta' benefiċjarji ddaħħlu fl-iskema EET (Enhancing Employability through Training), liema skema qed tiġi ffinanzjata mil-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Din hija skema li qed titħaddem flimkien mal-Youth Guarantee. B'hekk il-miżura issa ġiet implimentata. | | | Implimentata |
| **Każijiet ta' Single Parents taħt it-23 sena li qegħdin jingħataw għajnuna soċjali għall-qgħad. L-Għajnuna Soċjali titħallas sakemm l-iżgħar wild ikollu sena. Malli t-tarbija tagħlaq sena, l-omm tiddaħħal fil-Youth Guarantee u tibqa' tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali kif ukoll miċ-childcare b'xejn. Jekk tirrifjuta li tidħol fil-Youth Guarantee, l-għajnuna soċjali tieqaf.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar il-proċess mill-MITA sabiex tinġabar id-data tas-single parents taħt it-23 sena u li għandhom tfal ta' sena. Il-benefiċjarji eliġibbli ngħataw sal-aħħar ta' April biex jirregolarizzaw ruħhom. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għal każijiet ġodda ta' single unmarried parents taħt it-tlieta u għoxrin sena jiġu aċċettati applikazzjonijiet għal Għajnuna Soċjali u din titħallas sakemm it-tifel/tifla jkollu sena. Malli it-tifel/tifla jagħlaq sena, l-omm tiddaħħal fil-Youth Guarantee u tibqa' titħallas l-Għajnuna Soċjali filwaqt li tgawdi miċ-childcare b'xejn. Jekk single parent tirrifjuta li tidħol għal taħriġ fil-Youth Guarantee, l-għajnuna soċjali tieqaf.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | L-applikazzjonijiet bdew jiġu aċċettati taħt il-kundizzjonijiet eżistenti u bdew jaslu l-listi ta' dawk li huma eliġibbli mill-MITA u mill-ETC. Il-benefiċjarji prospettivi ngħataw sal-aħħar ta' April biex jirregolarizzaw ruħhom. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |
| **Se nniedu programm fejn se nagħtu ċans sal-aħħar ta' Frar 2015 biex dawk li għandhom dubju dwar il-benefiċċju tagħhom, jew jafu li qed jirċievu benefiċċju li m'għandhomx titlu għalih, jiġu 'l quddiem u jirregolarizzaw ruħhom. Dawk li jiġu 'l quddiem sal-aħħar ta' Frar 2015 biex jivverifikaw il-benefiċċju dovut lilhom u jinstab li ma kinux konformi mal-liġi se jeħlu biss penali minima ta' darba sakemm ma jkunx każ ta' frodi sistematika. Il-penali tiżdied f'każ li l-benefiċjarju jdum aktar jew jinqabad jiffroda d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Intbagħtu l-ittri li bihom ġew avżati l-benefiċjarji li qegħdin jirċievu l-benefiċċji mhux kontributorji u lil min qiegħed jirċievi Pensjoni għall-Invalidità, sabiex jirregolarizzaw ruħhom fl-aħħar ta' Frar. Matul Marzu ttieħdet l-azzjoni meħtieġa biex min kien qed jirċievi benefiċċji mhux dovuti lilu jiġi regolarizzat u jħallas lura dak dovut skont il-kriterji stabbiliti. | F'dan il-kwart, sar ix-xogħol fuq il-każijiet li tressqu għar-regolarizzazzjoni u b'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Mill-1 ta' Jannar li ġej, single parent li tirċievi l-għajnuna soċjali u tiżżewweġ jew tidħol f'unjoni ċivili ma' persuna li tkun impjegata, ma tibqax titlef id-dritt b'mod immedjat li tirċievi l-għajnuna soċjali imma din tonqsilha b'mod gradwali fuq medda ta' tliet snin. Fl-ewwel sena, tirċievi 65 fil-mija tal-għajnuna soċjali mħallsa, fit-tieni sena 45 fil-mija u fit-tielet sena 25 fil-mija.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru diskussjonijiet mal-MITA biex tiġi mtejba s-sistema tal-IT u t-tapering jibda japplika għal dan il-grupp ta' nies. Intbagħtu l-ittri sa-biex dawk li huma intitolati jiġu infurmati biex jersqu għand id-DSS bl-informazz-joni neċessarja. Tlesta x-xogħol kollu amministrattiv neċessarju. | Ix-xogħol fuq is-siste-ma tal-IT tlesta kollu u bdiet il-ħidma fuq l-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi u b'hekk din il-miżura issa ġiet implimentata. | | | Implimentata |
| **Se ngħollu r-rata tal-benefiċċju tal-Leave tal-Maternità, biex mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem, ir-rata ta' dan il-benefiċċju tiżdied u titħallas b'rata ekwivalenti għall-Paga Minima Nazzjonali. Dan ikun ifisser li fl-2015 nisa li jaħdmu, inkluż nisa self-employed, u li jkollhom tarbija jgawdu minn żieda ta' aktar minn 6 ewro fil-ġimgħa f'Benefiċċju tal-Leave tal-Maternità għal 4 ġimgħat.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar it-tibdil neċessarju fis-sistema tal-IT sabiex persuni li japplikaw għall-benefiċċju tal-leave tal-maternità jibbenefikaw minn rata ogħla. Tlesta x-xogħol u b'hekk il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nwaqqfu fond speċjali biex minnu jitħallas il-benefiċċju tal-erbatax-il ġimgħa leave tal-maternità bil-ħlas biex b'hekk il-benefiċċju ma jibqax jiġi mħallas mill-kumpanija privata li magħha taħdem l-impjegata. Il-kumpaniji privati kollha se jikkontribwixxu għal dan il-fond billi jħallsu kontribuzzjoni żgħira għal kull impjegat li jħaddmu. Il-Gvern innifsu se jibqa' jopera bis-sistema preżenti, jiġifieri mhux se jkun qed juża dan il-fond u se jibqa' jħallas għal-leave tal-maternità tal-impjegati tiegħu hu; b'hekk l-ispiża totali għas-settur privat fuq dan il-ħlas se tibqa' l-istess li hija llum. Il-piż fuq il-kumpaniji ż-żgħar ħafna għandu jonqos. Is-sistema se titmexxa bil-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali/MSDC | L-emendi legali li kien hemm bżonn fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali tlestew. Ix-xogħol li baqa' jsir huwa min-naħa tal-MSDC għalkemm l-iskema l-ġdida issa tħabbret u se tibda titħaddem. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem, se ndaħħlu l-benefiċċju tal-maternità għan-nisa self-employed u li jitħallas b'rata ekwivalenti għall- Paga Minima Nazzjonali. Dan ikun ifisser żieda ta' aktar minn 73 ewro fil-ġimgħa f'benefiċċju tal-maternità għal 14-il ġimgħa għan-nisa self-employed.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar it-tibdil meħtieġ fis-sistema tal-IT sabiex issir distinzjoni bejn maternity benefit għal nisa self-employed u oħrajn u għalhekk jitħallas benefiċċju ogħla lil min hu self-employed. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| **Adozzjoni tat-tfal - Leave**<br><br>a. Se nassiguraw li l-benefiċċju tal-ġranet tal-leave li jingħata meta jkun hemm xi adozzjoni tat-tfal ikun estiż sabiex ikun tal-istess tul tal-leave li tieħu kull persuna oħra f'każ ta' maternità. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali/MSDC | Ingħataw struzzjonijiet lis-sezzjoni inkarigata mill-assessjar tal-benefiċċju msemmi biex dan ikun estiż ukoll għal ġenituri li jadottaw. | | | | Implimentata |
| b. Attwalment, jeżisti ftehim mal-Albanija u s-Slovakkja fuq każi ta' adozzjoni iżda qed nippruvaw nilħqu ftehim ma' diversi pajjiżi fosthom il-Polonja, il-Kambodja u l-Vjetnam. | Dipartiment għall-Istandards tal-Ħarsien Socjali | Saru il-kuntatti neċessarji mal-pajjiżi kkonċernati. Stennija ta' informazzjoni mingħand il-pajjiżi rispettivi lill-Awtorità Ċentrali. | Delegazzjoni Maltija mmexxija mill-Ministru marret il-Kambodja u l-Vjetnam biex isiru d-diskussjonijiet ma' dawn il-pajjiżi. Intlaħaq ftehim mal-Vjetnam u ġie ffirmat Memorandum of Understanding ma' dan il-pajjiż. | Stennija għal aktar informazzjoni mingħand il-Vjetnam u l-Kombodja. | L-Awtorità Ċentrali ser tkompli bil-ħidma tagħha mal Kambodja u Vjetnam fost pajjiżi oħra bil-għan li jibdew isiru l adozzjonijiet minn dawn il-pajjizi wara ż- żjarat illi saru. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Is-sena d-dieħla se nerġgħu nagħtu għotja ta' 300 ewro lil dawk l-anzjani li għandhom 75 sena jew aktar.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru l-kontrolli meħtieġa tad-data fis-sistema tal-IT u sar it-testing neċessarju biex ikunu jistgħu jitħallsu l-ewwel pagamenti f'dan il-kwart. Matul is-sena wkoll se jibqgħu jitħallsu regolarment u pro-rata dawk li jagħlqu 75 sena matul is-sena. | | | | Implimentata |
| **Se nikkoreġu anomaliji li nħolqu fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali u li laqtu eluf ta' ħaddiema, fosthom eksħaddiema tat-Tarzna. Mis-sena d-dieħla, it-tqabbil mas-salarji tal-Gvern mhux se jibqa' jsir aktar fil-punt li fih il-persuna tkun irtirat mill-impjieg imma fil-punt li fih il-kumpanija tkun għalqet jew il-post tax-xogħol ma jkunx baqa' jeżisti. It-tqabbil se jibda jkun ibbażat fuq l-aħħar ftehim kollettiv li kien hemm fis-seħħ, jekk dan ikun jeżisti, u se jibda jsir fuq salarju ogħla milli qed jiġri llum. Il-pensjonijiet kollha li llum qed jitħallsu b'dan il-mod, se jiġu riveduti. Din il-miżura se tolqot tajjeb madwar 5,000 pensjonant u hija stmata li tiswa miljun ewro.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru diskussjonijiet u xogħol preparatorju. | Beda l-proċess tar-reviżjoni ta' dawk il-pensjonanti li ser jibbenefikaw minn din il-miżura. | Tkompla x-xogħol fuq ir-reviżjonijiet. | Jitkompla x-xogħol fuq ir-reviżjonijiet. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pensjonanti tas-servizz se jkomplu jibbenefikaw minn titjib fil-pensjoni taż-żewġ terzi tagħhom, b'mod gradwali, b'żieda oħra ta' 200 ewro mas-somma li ma tiġix ikkunsidrata fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Din il-miżura mistennija tiswa 1.6 miljun ewro u minnha se jgawdu 'l fuq minn 5,000 pensjonant ieħor.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru t-tibdiliet fis-sistema tal-IT biex it-tnaqqis mill-pensjoni tas-servizz jiżdied għal €1,666 u beda x-xogħol biex jiġu riveduti l-pensjonijiet ta' dawk il-pensjonanti li għandhom ukoll pensjoni tas-servizz. Beda x-xogħol biex jinħadmu l-każijiet tas-servizzi ħalli jitnaqqsu €200 oħra. Il-pensjonanti li qed jirċievu pensjoni tal-irtirar u dawk tar-romol tħallsu f'Marzu, filwaqt li dawk li għandhom pensjoni tal-invalidità mistennija jitħallsu f'April. | Tlesta l-eżerċizzju meħtieġ u dawk il-pensjonanti li huma intitolati jibbenefikaw minnha issa tħallsu. B'hekk din il-miżura issa hija implimentata. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Mill-1 ta' Jannar li ġej, persuni li jkunu għadhom fl-impjieg se jingħataw l-opportunità li jkunu jistgħu jħallsu sa 5 snin kontribuzzjonijiet neqsin, li mhux neċessarjament ikunu l-aħħar 5 snin ta' qabel issir it-talba, biex itejbu l-pensjoni tagħhom.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Tlestew l-applikazzjonijiet u bdew deħlin l-ewwel talbiet min-nies biex iħallsu l-arretrati meħtieġa. B'riżultat ta' dawn it-talbiet, qiegħed ukoll iseħħ xogħol relatat ta' tentative assessments tal-pensjoni biex min japplika jkun jaf kemm ser jibbenefika minn rata ogħla ta' pensjoni jekk kemm-il darba jħallas l-arretrati meħtieġa. Ix-xogħol kollu tlesta u bdew deħlin it-talbiet biex jinħareġ kont u jitħallsu l-arretrati tal-kontribuzzjoni. Kull talba għal kont hemm marbut magħha wkoll tentative assessment biex min jagħmel it-talba jkun jaf kemm ser ikun hemm żieda fir-rata tal-pensjoni jekk iħallas l-arretrati. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Mis-sena d-dieħla, dawk il-persuni b'età ta' bejn 62 u 74 sena li rtiraw mix-xogħol u li m'għandhomx pensjoni se jirċievu bonus ta' mitejn ewro jekk ikunu ħallsu iktar minn ħames snin f'kontribuzzjonijiet u mitt ewro lil dawk li ħallsu kontribuzzjonijiet ta' aktar minn sena iżda anqas minn ħames snin.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru diversi laqgħat li fihom ġie miftiehem kif ser jiġi pproċessat dan il-benefiċċju/ bonus ġdid. Ġie stabbilit ukoll illi għandu jsir tibdil fis-sistema tal-IT biex il-ħlas iseħħ b'mod awtomatiku bbażat fuq id-data li diġà għandu d-DSS. Tlestiet ukoll l-applikazzjoni biex dawk li ma jinqabdux mill-proċess awtomatiku tal-ħlas ikunu jistgħu jagħmlu talba. Tlesta x-xogħol kollu meħtieġ u sar testing biex lejn l-aħħar ta' dan il-kwart jinħarġu l-ewwel pagamenti. | Saru l-ewwel pagamenti dovuti lil dawk eliġibbli u ser ikun qiegħed isir pagament kull xahar biex jitħallsu dawk il-persuni li jilħqu t-62 sena u għalhekk jiġu eliġibbli matul is-sena. Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |
| **Matul is-sena d-dieħla, se nħallsu suppliment għat-tfal ta' 400 ewro għal kull wild, (200 ewro mir-raba' wild 'il quddiem), lill-familji bi dħul baxx u li minnu se jgawdu mat-22,000 tifel u tifla f'9,000 familja. Huwa stmat li jiswa 8.5 miljun ewro.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru diskussjonijiet u ftehim dwar kif ser tinġabar l-informazzjoni meħtieġa mill-Ministeri konċernati u sorsi oħra biex jiġi stabbilit l-ammont dovut lill-familji eliġibbli u biex id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jingħata l-informazzjoni relatata mal-attendenza tal-istudenti fil-primarja u f'livell postsekondarju, kif ukoll terzjarju. Sar ix-xogħol amministrattiv kif ukoll dak fuq is-sistema tal-IT. | Saru l-preparamenti biex jidher l-avviż dwar l-iskema fil-Gazzetta tal-Gvern u saru aktar laqgħat mal-istakeholders konċernati. Tkompla l-iżvilupp tas-software fis-sistema tal-kompjuter tad-DSS biex ikun jista' jibda jitħallas dan il-benefiċċju kif skedat. | L-Iskema li permezz tagħha jiġi stabbilit uffiċċjaliment kif ser taħdem din l-iskema ġiet ippubblikata fil-Gazetta tal-Gvern. Saru t-testijiet neċessarji u bdew jitħallsu il-pagamenti. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nagħtu bidu għall-iżvilupp tal-ewwel għaxart idjar residenzjali fil-komunità għal persuni b'diżabilità.** | Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva | Iffirmat il-kuntratt biex tinxtara pro-prjetà fir-Rabat, Għawdex, magħżula wara sejħa pubblika permezz ta' espress-joni għall-interess; u tħejjiet l-iskeda tax-xogħlijiet li jridu jsiru biex il-binja tkun kompluta. | Komplew ix-xogħlijiet fid-djar ta' Għawdex u s-Siġġiewi; tlestew il-pjanti għad-djar ta' Ħaż-Żabbar u Pembroke u saru tħejjijiet għall-ħruġ ta' sejħa għall-appalti. | Ix-xogħlijiet fid-dar tas-Siġġiewi tlestew u sar ix-xiri ta' għamara. Tlesta wkoll il-proċess ta' matching tar-residenti futuri bi tħejjija għall-ftuħ tad-dar. Ix-xogħol fuq il-binja f'Għawdex jinsab fi stadju avvanzat, inkluż l-installar tal-lift. | Ix-xogħlijiet fid-dar t'Għawdex mistennija jkunu lesti f'dan il-kwart. Huwa maħsub li l-MEPA toħroġ il-permessi għad-djar ta' Pembroke u Ħaż-Żabbar bil-għan li jibdew ix-xogħlijiet infrastrutturali. Issir ukoll l-evalwazzjoni tal-offerti mixħuta wara sejħa għal tenders. | L-implimenta-zzjoni hija kontinwa. |
| **Se nniedu proġett ieħor li bis-saħħa tiegħu se jsir xogħol strutturali meħtieġ fid-djar biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'darhom bla xkiel.** | Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali / Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva | Tfasslu l-pjanijiet u ntgħażlu l-persuni biex imexxu dan il-proġett. Saru diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Finanzi dwar il-fondi meħtieġa biex jingħata bidu għall-proġett. | | | | L-implimenta-zzjoni hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nżidu s-servizz ta' respite f'ċentri residenzjali speċjalizzati, jew bis-saħħa ta' familji li jkunu lesti jagħtu dan is-servizz fuq bażi simili permezz tal-fostering sabiex inserrħu l-ġenituri ta' tfal b'diżabilità. Se nkabbru s-servizz li jingħata miċ-ċentri ta' matul il-jum.** | Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali / Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva | Saret ħidma mis-Segretarjat Parlamentari u l-FSWS biex jiġu identifikati entitajiet li jistgħu joffru aktar servizzi ta' respite. Sar ftehim ma' Dar il-Kaptan biex jiżdied is-servizz ta' respite.Dwar servizz ta' respite simili għal dak tal-fostering, is-Segretarjat Parlamentari ħejja programm biex jingħata bidu għal dan is-servizz. It-twettiq tal-proġett ġie ppjanat li jseħħ matul l-2016. Daħlu klijenti ġodda fiċ-ċentri ta' matul il-jum f'Malta; filwaqt li f'Għawdex bdiet ħidma biex jinfetaħ ċentru li jservi bħala learning hub. | Aktar klijenti ġodda bdew jagħmlu użu mis-servizzi taċ-ċentri ta' matul il-jum. F'Għawdex beda x-xogħol strutturali fuq iċ-ċentru li ser jilqa' fiħ il-learning hub. L-aġenzija Sapport bdiet tilqa' l-ewwel referrals għal dan il-Learning Hub. | Ġiet imfassla l-ewwel draft tal-kors għal ġenituri interessati biex jiffosterjaw persuni b'diżabilità. Kompla javvanza x-xogħol fuq iċ-ċentru ta' Għawdex. Intgħażlet social worker biex tmexxi l-proġett. | Mistennija ssir riċerka biex jitkejjel u jsir magħruf aħjar l-interess fil-komunità biex jingħata servizz ta' fostering. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Se jsir xogħol ta' tiswija u tisbiħ fis-seba' residenzi tal-Aġenzija Sapport biex inħarsu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità li jgħixu fihom.** | Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali / Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva | Saru bosta xogħolijiet ta' manutenzjoni fir-residenzi ta' Biżebbuġa, Bormla, il-Fgura, Ħal Kirkop, L-Imtarfa, Vajrita 1 u Vajrita 2. Saru wkoll xogħolijiet ta' tisbiħ f'Bormla, l-Fgura u f'Birżebbuġa. Saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fl-Imtarfa, Vajrita 2, Vajrita 1, il-Fgura u B'Birżebbuġa. | Tkomplew ix- xogħlijiet strutturali u tisbiħ f'bosta djar. Saru taħditiet mal-Awtorità tad-Djar u saru xogħlijiet fir-Residenza ta' Ħal-Kirkop. Tlestew ix-xogħlijiet fuq il-kmamar tal-banju fir-Residenza tal-Imtarfa. Inħareġ l-appalt li jkopri t-tibdil tal-kitchenettes kollha tal-Vajrita. Sar ukoll xogħol fuq appalt biex jinbiddlu il-kmamar tas sodda tal-Vajrita. | Tkomplew ix- xogħolijiet strutturali u tisbiħ f'bosta djar. | Ix-xogħol mistenni li jitlesta. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se neżentaw mit-taxxi relatati l-wirt li jitħalla lill-persuni b'diżabilità fi trusts** | MFSS/MFIN Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni u Dipartiment tal-Capital Transfer Duty. | Din il-miżura hija inkluża fl-abbozz ta' liġi dwar l-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015. Din daħlet fis-seħħ meta l-Att għadda mill Parlament, b'effett mill-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |
| **Se ssir reviżjoni tal-kompożizzjoni ta' diversi bordijiet ta' diversi entitajiet billi tiżdied persuna b'diżabilità.** | Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva / Ufficcju tal-Prim Ministru | L-abbozz ġie ppreżentat fil-Parlament fejn saru l-ewwel u t-tieni qari tal-abbozz. Saret laqgħa tal-Kumitat Parlamentari tal-Abbozzi, fejn fiha ġie diskuss l-abbozz. Wara li għaddiet mill-kumitat, sar it-tielet qari tal-liġi fil-Parlament u għaddiet biex b'hekk il-miżura ġiet implementata. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Jekk persuna b'diżabilità ssib xogħol, xorta tibqa' tieħu pensjoni sħiħa. Sal-lum, biex dan ikun il-każ, persuna b'diżabilità tista' tasal biss sa paga minima iżda aħna se nneħħu din ir-restrizzjoni.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Id-DSS ngħata l-listi ta' benefiċjarji eżistenti biex il-każ tagħhom jiġi rivedut u jitħallsu rata sħiħa. Tlesta x-xogħol neċessarju u l-persuni li jirċievu l-pensjoni għad-Diżabilità u li jaħdmu bdew jirċieviu l-pensjoni imsemmija b'mod sħiħ anke jekk il-paga teċċedi l-paga minima nazzjonali. | | | | Implimentata |
| **Se ninċentivaw lil min iħaddem biex jimpjega persuni b'diżabilità billi noffru krediti ta' taxxa ġenerużi. Kull min iħaddem persuna b'diżabilità se jkun eżenti mill-ħlas tal-bolla u se jkun possibbli li jagħmel deduzzjoni mit-taxxa fuq il-profitti ekwivalenti għall-paga tal-persuna diżabbli. Il-massimu tal-kreditu jlaħħaq mhux aktar minn €4,500 għal kull impjegat diżabbli.** | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali/MFIN/ MEDE | Saret laqgħa bejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-ETC li fiha ġie maqbul li din il-miżura tidħaddem bejn id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u l-ETC. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għamel biss l-emenda legali fl-att dwar is-Sigurtà Soċjali. Dan ix-xogħol tlesta u saru l-emendi neċessarji. | Ġew identifikati l-kumpaniji kollha, kemm dawk li qed jilħqu l-kwota ta' 2% kif ukoll dawk li m'humiex. | Intbgħatu l-ittri lil min iħaddem dwar l-istat tagħhom fir-rigward tal-kwota ta' 2%. Dan wassal biex numru ta' employers irregolarizzaw ruħhom. | F'Novembru l-ETC se titlob l-employers li m'humiex qed jilħqu l-kwota, biex jagħtu l-ħlas dovut. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dawk il-kumpaniji li mhux se jħaddmu l-minimu legali ta' persuni b'diżabilità se jintalbu jagħmlu kontribuzzjoni annwali ta' 2,400 ewro għal kull persuna diżabbli li suppost qegħdin iħaddmu. Il-kontribuzzjoni massima tkun dik ta' 10,000 ewro kull kumpanija. Għas-sena 2015, min iħaddem se jikkontribwixxi terz tal-ammont dovut, żewġ terzi tal-ammont fis-sena 2016 u bl-ammont sħiħ jibda japplika mis-sena 2017. Dawn il-kontribuzzjonijiet se jinġabru f'Fond Nazzjonali għall-Integrazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità li se jitmexxa mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ u se jintuża għal programmi ta' taħriġ u xogħol ta' persuni b'diżabilità. Korporazzjoni ETC** | Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC) | Ara l-miżura ta' qabilha. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għas-sena 2015, il-Gvern qed jivvota s-somma ta' 500,000 ewro biex persuni b'diżabilità jwettqu xogħol ta' documentation scanning fuq dokumenti pubbliċi. Din l-inizjattiva se toħloq 80 opportunità ta' xogħol għall-persuni b'diżabilità f'Għawdex.** | Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva | Saru laqgħat mal-ETC fejn ġew diskussi siti addattati għal dawn ix-xogħlijiet. Saret ukoll żjara ta' sit u ġiet identifikata parti minn sit minn fejn l-ETC tkun tista' twettaq parti minn dan il-proġett b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat. | Tlestew il-Bills of Quantities u saru t-tħejjijiet neċessarji biex jiġu allokati x-xogħlijiet. Bdew ix-xogħlijiet u l-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari kellu diskussjonijiet mal-ETC bil-għan li jkun finalizzat il-proċess. | It-taħriġ għal dan ix-xogħol sar fil-Learning Hub ta' Għajnsielem u x-xogħol fuq dan is-sit mexa b'ritmu tajjeb. | Il-post fejn ser isir it-taħriġ ser ikun tlesta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **L-Awtorità tad-Djar, bi sħubija mal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura, se tagħmel xogħol ta' tiswijiet fl-oqsma tad-djar, waqt li jkun qed isir ukoll xogħol ta' titjib u manutenzjoni fi proprjetà residenzjali mikrija mill-Gvern jew l-Awtorità.** | L-Awtorità tad-Djar | Saru diskussjonijiet biex jiġu allokati fondi għat-twettiq ta' din il-miżura. | L-Awtorità ġiet mgħarrfa mill-Ministeru ħtat-Trasport li qegħdin jaħdmu fuq il-miżura. Tkomplew id-diskussjonijiet bejn il-MTI u l-MFIN. | Tkomplew id-diskussjonijiet bejn l-MTI u l-MFIN. | Mistennija jitkomplew id-diskussjonijet bejn il-partijiet konċernati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Se jitkompla wkoll il-programm ta' installar ta' lifts fi blokok tal-Gvern.** | L-Awtorità tad-Djar | Ġew identifikati l-blokok tal-Gvern li għandhom bżonn lifts. | L-ewwel lifts ġew installati. | Qed ikompli jsir ix-xogħol fuq l-installar kif ukoll upgrading tal-lifts l-oħra. | Installazzjoni ta' aktar lifts. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Wara konsultazzjoni mar-residenti tat-tliet proġetti ġewwa San Pawl il-Baħar, Raħal Ġdid u l-Isla, inħadmu l-istimi tax-xogħlijiet ta' tisbiħ fi ħdax-il blokk. L-ammont totali jammonta għal madwar 600,000 ewro fejn minn dawn it-tliet proġetti se jkunu bbenefikaw 83 familja.** | L-Awtorità tad-Djar | Jibda l-proċess tal-ħruġ u l-evalwazzjoni tat-tenders. | Beda x-xogħol fil-proġett ta' San Pawl. L-appalt għax-xogħol fil-proġett f'Raħal Ġdid ġie aġġudikat. Ġie ppubblikat u eval-wat l-appalt għax-xogħol fil-proġett tal-Isla.<br><br>Mogħtija t-tender fil-proġett ta' Raħal Ġdid u l-Isla. | Baqa' għaddej ix-xogħol fil-proġetti ġewwa San Pawl il-Baħar u Raħal Ġdid. It-tender għall-proġett ġewwa l-Isla ġie mogħti wkoll u x-xogħol mistenni jibda fi ftit ġimgħat oħra. | Ser jitkomplew ix-xogħlijiet fit-tliet proġetti. | L-implimenta-zzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA
U GVERN LOKALI

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern qiegħed jirrevedi fost oħrajn ir-rati mħallsa mill-krejnijiet u apparat ieħor li jintuża fil-kostruzzjoni. Tower cranes sa 10 m2 se jibdew iħallsu r-rata ta' 10 ewro kuljum filwaqt li tower cranes ikbar minn 10 m2 se jibdew iħallsu 15-il ewro kuljum. L-implimentazzjoni se tkun diskussa mal-Kunsilli Lokali.** | Dipartiment tal-Gvern Lokali | L-Avviż Legali li permezz tiegħu ser issir ir-reviżjoni kien abbozzat u ġie approvat mill-Kabinett fi Frar u kien fil-proċess li jiġi ppubblikat. | L-Avviż Legali Nru 154 tal-2015 ġie ppubblikat fid-19 ta' Mejju. | | | Implimentata |
| **B'kollox tneħħew 36 liġi u 116-il liġi sussidjarja. L-intenzjoni hi li r-Repeals' Day tibda ssir kull sena.** | Justice Unit ġewwa l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (MJCL) | Saru laqgħat biex jiġi stabbilit kif ser titmexxa l-inizjattiva tar-Repeals Day din is-sena u insegwitu ħarġet ċirkulari MJCL/1/2015 dwar ir-Repeals Day li permezz tagħha kull ministeru ntalab jinnomina persuna għall-fini ta' din l-inizjattiva. | Saru training sessions għall-contact persons nominati. Bdew jiġu riċevuti proposti għall-konsolidazzjoni jew revoki ta' liġijiet mill-Ministeri. | Wara li ġew evalwati l-proposti kollha riċevuti ġiet kumpilata lista konsolidata, liema lista ser tibqa' tiġi aġġornata sar-Repeals Day min-naħa tal-Justice Unit. Ġie mħejji l-abbozz ta' liġi li permezz tagħha ser isiru l-konsolidazzjonijiet u r-revoki tal-liġijiet għall-fini tar-Repeals Day. | Ir-Repeals Day ser issir f'Ottubru. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fl-Imdina, se jsir xogħol ta' bdil ta' pavimentar ħdejn il-Katidral tal-Imdina, u se jitkompla l-immaniġġjar tal-Foss tal-Imdina. Qed jitfassal pjan biex ikun hemm iktar interpretazzjoni kulturali billi jsiru rotot kulturali, u mezzi oħra biex inaqqsu l-impatt li t-turiżmu jkollu fuq ir-residenti. Inbeda xogħol sabiex l-Imdina tiġi rikonoxxuta mill-UNESCO bħala Sit ta' Wirt Dinji**.<br><br>a. L-Imdina - pavimentar ħdejn il-Katidral. | Rehabilitation Projects Office | Ġiet segwita l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa lill-MEPA għall-bdil ta' pavimentar. | Ħareġ il-permess mill-MEPA. | Tħejja d-dokument tat-tender. | Mistenni li jinħareġ it-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| b. L-Imdina - immaniġġjar tal-Foss ta' l-Imdina. | Rehabilitation Projects Office | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| c. L-Imdina - applika-zzoni tal-UNESCO bħala Sit ta' Wirt Dinji. | Rehabilitation Projects Office flimkien ma' MJCL | Il-proċess għadu għaddej mis-sena ta' qabel. Dan huwa proċess li jieħu żmien twil sabiex jitlesta. | | | Il-proċess għadu għaddej . Dan huwa proċess li jieħu żmien twil sabiex jitlesta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| d. L-Imdina - tħejjija ta' rotot kulturali. | Rehabilitation Projects Office | Sar disinn preliminari ta' rotot kulturali. | Saru diskussjonijiet ma' entitajiet inter-essati dwar dawn ir-rotot kulturali. | Sar id-disinn ta' tabelli ta' interpretazzjoni. | Mistenni jinbeda x-xogħol preparatorju fuq id-dokumenti tat-tender għax-xiri ta' dawn it-tabelli. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Rigward il-qasam tal-ġustizzja, wara li se nkomplu nagħtu drittijiet ġodda kemm lill-persuni arrestati u kemm lill-vittmi fil-kamp penali, se nibdew indaħħlu r-riformi fil-qasam ċivili.** | Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Bdew jitħejjew l-abbozzi ta' liġi relattivi. | Permezz tal-Att IX tal-2015 dwar Vittmi tal-Kriminalità, li ġie pubblikat f'April, 2015 ingħataw drittijiet ġodda lill-vittmi. Dan wara li daħħalna fis-seħħ id-dritt tad-disclosure f'każ ta' arrest. Tkompla x-xogħol fuq abbozz li ser iwassal għal riformi fil-proċedura fil-qasam ċivili. | Wara l-implimentazzjoni tal-Att IX u d-dritt tad-disclosure, tfassal abbozz li se jitressaq għad-diskussjoni tal-Kabinett. | Mistenni jsiru l-preparamenti meħtieġa biex l-Abbozz jitla' għad-diskussjoni il-Kabinett. | Implimentata |
| **Is-sena d-dieħla l-Gvern se jitfa' fuq quddiem riforma fil-qasam tal-liġi tal-istampa (libell) biex niggarantixxu l-libertà tal-espressjoni waqt li nassiguraw li l-liġijiet ikunu jagħmlu sens fiż-żminijiet tal-lum.** | Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Inħatar grupp ta' ħidma u beda jaħdem fuq ir-riforma fil-qasam tal-liġi tal-istampa (libell). | Tħejja abbozz li tressaq għall-approvazzjoni tal-Kabinett u bdew id-diskussjonijiet. | Ġew analizzati l-punti li tqajmu mill-Kabinett. | Mistenni jsiru l-preparamenti meħtieġa biex l-Abbozz jitla' għad-diskussjoni fil-Kabinett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern huwa impenjat li jtejjeb is-servizz tal-Għajnuna Legali fil-Qrati għal min hu fil-bżonn. Ridna nassiguraw li tinbidel is-sistema li biha l-avukat li jiddefendi lill-akkużat jew imputat f'każ ta' għoti ta' Avukat tal-Għajnuna Legali jitħallas minn fondi tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li f'pajjiżna hu wkoll il-Prosekutur Pubbliku. Iktar kmieni din is-sena, waqqafna aġenzija ġdida li se tirregola dan is-settur.** | Strategy and Support Directorate | Wara li ġew konsultati dawk kollha involuti fis-sistema preżenti ġew identifikati l-emendi legali meħtieġa sabiex isiru rakkomandazzjoni-jiet dwar l-istruttura l-ġdida tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali. | Il-ħlas lill-Avukati tal-Għajnuna Legali beda jsir mill-Aġenzija u mhux aktar mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Gvern nieda proċess sħiħ ta' konsultazzjoni dwar riforma fil-liġi tad-drogi. Il-Gvern beħsiebu jkompli jħarrax il-ġlieda kontra t-traffikanti puri tad-droga bit-twaqqif ta' Asset Management Bureau li b'mod effettiv iwassal għall-konfiska tal-assi li jkunu ġejjin mill-flus maħmuġin tal-kriminalità. L-istruttura preżenti se tiġi trasformata f'waħda li tkun imħaddma bejn il-Gvern u l-privat u dan sabiex il-proċeduri eżistenti jkunu aktar effettivi u effiċjenti.** | Strategy and Support Directorate | Wara taħditiet mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet tal-Qrati dwar is-sistema preżenti ġie ppreżentat rapport. Bdew taħditiet mal-istakeholders kollha li evalwaw dan ir-rapport u saru rakkomandazzjonijet neċessarji. Ġie mħejji abbozz ta' liġi li jipprovdi għat-twaqqif tal-Asset Recovery Unit. | Ġie stabbilit illi l-Unit eżistenti li hemm fi ħdan id-Direttorat tal-Qrati Kriminali fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja ser tibqa' topera mill-istess Qrati. Ġie deċiż li toħroġ sejħa internazzjonali pubblika għall-interess fl-eżekuzzjoni tal-konfiska tal-assi. Tħejja rapport mill-Asset Management Unit li jagħti indikazzjoni dwar l-assi li hemm iffriżati fuq ordni tal-Qorti, liema rapport ġie sottomess lil Projects Malta li min-naħa tagħha tkun tista' tħejji s-sejħa għall-interess għal PPP fuq livell internazzjonali abbażi tal-istess rapport. | Komplew il-laqgħat ma' diversi partijiet, inkluż mal-Gvern Irlandiż li bħala pajjiż jinsab fuq quddiem nett fit-twaqqif u tmexxija ta' tali bureau. Abbażi ta' din l-esperjenza ġew iffinalizzati r-regolamenti biex jinħarġu taħt l-Artiklu 700 tal-Kodiċi Kriminali. | Ir-regolamenti ġew abbozzati u mistennija jitressqu quddiem il-Kabinett għad-diskussjoni u l-eventwali approvazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se naħdmu sabiex nagħmlu minn Malta ċentru ta' arbitraġġ internazzjonali.** | MJCL | Saret laqgħa importanti biex jiġi stabbilit il-proċess li permezz tiegħu jintgħażel l-espert li ser jiggwidana f'dan il-proċess. Infatti qed jiġi studjat l-aħjar mod kif dan ser jiġi magħżul u mqabbad. Kien hemm qbil li tinħareġ sejħa internazzjonali. | Inżammu laqgħat matul ix-xahar ta' Ġunju mal-Privatisation Unit, l-Avukat Ġenerali u ċ-Chairman tal-Malta Arbitration Centre. Flimkien mal-partijiet kollha involuti sar l-ivvettjar tad-draft RFP tal-International Arbitration Centre. Saret diskussjoni fuq livell ta' Kabinett. | Is-sejħa internazzjonali għal dan l-RFP ġiet imħabbra f'Settembru. | Matul dan il-perjodu ħa jkunu qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet mingħand min għandu interess f'dan iċ-ċentru ta' arbitraġġ. | Implimentata |
| **Vot16 - il-proċess ta' bidla f'dan il-pajjiż fejn żgħażagħ ta' 16-il sena għall-ewwel darba issa għandhom id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li se jsiru s-sena d-dieħla.** | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Tfassal il-programm ta' attivitajiet marbuta mal-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li ser isiru f'April. | L-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali saru u għall-ewwel darba ż-żgħażagħ ta' 16-il sena setgħu jivvotaw. | | | Implimentata |
| **Bħala Gvern, qegħdin naħdmu sabiex insibu metodi ġodda ta' kif nistgħu nsaħħu l-għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali li qegħdin jorganizzaw attivitajiet lokali kif ukoll servizzi komunitarji sabiex insibu mezz kif dawn ir-responsabilitajiet jinqasmu bejn il-Kunsilli, ir-Reġjuni u l-Gvern Ċentrali.** | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Saru diskussjonijiet interni dwar kif jistgħu jissaħħu finanzjarjament il-Kunsilli mingħajr ma nimponu piżijiet ġodda. | Ħarġet skema offruta lill-Kunsilli Lokali dwar restawr ta' siti storiċi. Għal dan il-għan twaqqaf Bord tal-Għażla sabiex jevalwa l-proposti sottomessi. | F'Lulju ngħalqet l-iskema ta' restawr ta' siti storiċi proposti mill-Kunsilli Lokali. Il-feedback kien wieħed pożittiv immens u l-Bord tal-Għażla se jagħżel minimu ta' 4 siti biex isiru din is-sena. Dan hu metodu konkret ta' għajnuna lill-Kunsilli. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nkomplu nirriformaw is-sistema tal-Gvern Reġjonali u l-gwardjani lokali bil-għan li ndaħħlu element ċiviku u edukattiv fix-xogħol importanti li tista' ġġib din is-sistema fosthom titjib fis-servizzi provduti, dixxiplina kif ukoll programmi ta' taħriġ għall-gwardjani. Waqt li din is-sistema nnifisha se tkun kredibbli u sostenibbli, ħa tagħti wkoll importanza lill-element ċiviku u edukattiv u lill-ambjent**. | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Saru laqgħat ma' l-istakeholders konċernati fejn ġie diskuss il-proċess tar-riforma tal-gwardjani lokali. | Ġie abbozzat ir-Regolament relattiv li se joħloq Aġenzija ġdida li ħa sservi ta' regolatur fl-infurzar legali. Permezz ta' Avviż Legali 153 tal-2015 twaqqfet l-Aġenzija li se tieħu ħsieb l-immaniġġjar tas-sistema tal-infurzar lokali. | | | Implimentata |
| **Se jitwaqqaf fond ġdid bl-għan speċifiku li jgħin lill-Kunsilli Lokali jwettqu proġetti kapitali fil-lokalità tagħhom. F'dan il-fond, se jiġu allokati r-riżorsi finanzjarji li kienu se jintefqu fir-rawnd tal-elezzjonijiet lokali li kienu se jsiru fl-2017.** | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, MJCL | Twaqqaf il-Bord tal-Għażla responsabbli għall-immaniġġjar ta' dan il-Fond. Wara li ħarġet ċirkulari u nżammew laqgħat mal-Kunsilli Lokali biex tingħata informazzjoni dwar dan il-fond, il-Bord irċieva numru ta' proposti għal proġetti. Il-Bord tal-Għażla fetaħ u evalwa s-sottomissjonijiet li rċieva. Saret Press Conference mill-Ministru fejn tħabbru l-proġetti li se jibbenefikaw minn dan il-fond. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Matul is-sena li ġejja, se jiġi varat fond ġdid, imtejjeb u li jagħmel sens fid-dinja kulturali tal-lum, għall-iffinanzjar ta' proġetti kulturali organizzati mill-Kunsilli Lokali.** | Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien ma' Valletta 2018 | Il-fond ġie varat fi Frar. | | | | Implimentata |
| **Il-Gvern jinsab f'taħditiet mas-Sovereign Military Order of Malta sabiex dan l-450 anniversarju tal-Assedju l-Kbir jitfakkar b'mod xieraq.** | Heritage Malta | Saru laqgħat anke barra l-pajjiż u ġie maħtur kumitat li qed ifassal programm dettaljat. Il-Kumitat Nazzjonali qed jikkoordina mas-Sovereign Military Order of Malta. | Ġie mħabbar il-programm sħiħ taċ-ċelebrazzjonijiet tal-450 anniversarju tal-Assedju l-Kbir. | | | Implimentata |
| **Il-Gvern se jkompli jżid l-investimenti fl-oqsma kulturali u kreattivi li jwassluna eqreb lejn il-miri u l-viżjoni għal Valletta 2018.** | Fondazzjoni Valletta 2018 | Iż-żieda fl-investiment saret. | | | | Implimentata |
| **Se jiġi fis-seħħ il-programm ta' ristrutturar fil-Kunsill Malti għall-Arti.** | Kunsill Malti għall-Arti | Beda l-proċess biex tgħaddi l-liġi li twaqqaf il-Kunsill Malti għall-Arti. | Għaddiet il-liġi dwar il-Kunsill Malti għall-Arti f'Mejju - Att XV tal-2015. | | | Implimentata |
| **Se nżidu wkoll l-allokazzjonijiet finanzjarji lill-entitajiet kulturali pubbliċi biex ikomplu fil-ħidma tagħhom fi proġetti kulturali ġodda.** | Kunsill Malti għall-Arti | Ingħatat din iż-żieda lill-entitajiet kulturali pubbliċi. | | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Qed ninkoraġġixxu wkoll aktar sinerġiji bejn dawn l-entitajiet bil-għan li nsaħħu l-kollaborazzjoni li trendi għall-ġid tas-settur u fid-dawl ta' dan, se nwaqqfu fond ta' koproduzzjoni bejn dawn l-entitajiet u l-Fondazzjoni Valletta 2018 bl-ewwel investiment ta' €208,000**. | Fondazzjoni Valletta 2018 | Wara diversi laqgħat bejn l-entitajiet, MJCL u MFIN ġie mfassal pjan ta' implimentazzjoni. | Il-proposti finali ġew milqugħa u b'hekk is-sinerġija bejn dawn l-entitajiet ġiet attwata. | | | Implimentata |
| **Il-Gvern jemmen fil-potenzjal tax-xogħol kreattiv tal-artisti Maltin u jagħraf li xogħol ta' eċċellenza għandu jitressaq ukoll fuq livell internazzjonali. Għalhekk, b'investiment ġdid mill-Gvern u b'allokazzjoni addizzjonali mill-Kunsill Malti għall-Arti se jitwaqqaf programm ta' finanzjament ta' €200,000 għal għajnuna fl-esportazzjoni ta' xogħol kreattiv u għall-mobilità artistika.** | Kunsill Malti għall-Arti | Tlestew id-diskuss-jonijiet dwar dan il-programm ġdid ta' finanzjament li jiffoka fuq l-esportazzjoni ta' xogħol kreattiv. Sadanittant komplew l-allokazzjonijiet għall-mobilità tal-artisti permezz tal-Mobility Support Grant li hu parti mill-Malta Arts Fund. | F'April ġie mniedi l-programm. Il-fond pubbliku ser ikun maqsum fi tlieta - għotjiet għall-ivvjaġġar, touring u traduzzjonijiet. Bdiet skema wkoll ta' għajnuna lill-entitajiet pubbliċi biex jistiednu programmers internazzjonali biex jiġu hawn Malta u jaraw xogħol artistiku lo-kali u għajnuna ta' EUR 20,000 fi programm għall-entitajiet pubbliċi li se jindirizzaw speċifikament touring u esportazzjoni tax-xogħol artistiku marbuta maċ-CHOGM. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jsir investiment ta' kofinanzjament ta' €86,000 biex ngħinu aktar imsieħba kulturali jiksbu suċċess fil-Programm Ewropa Kreattiva tal-Unjoni Ewropea.** | Direttorat għall-Kultura | L-investiment sar u b'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| **Il-ħidma tagħna tkompli wkoll fuq proġetti infrastrutturali, u b'xogħol estensiv marbut**<br><br>a. mal-Mużew tal-Arti, MUŻA;<br><br>b. mal-creative clusters, l-ewwel wieħed marbut mad-disinn;<br><br>c. mar-restawr ta' siti kulturali. | Heritage Malta | a. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-MEPA u beda l-proċess biex tiġi ppubblikata t-tender għar-restawr tal-faċ ċata.<br>b. Tlesta x-xogħol fuq it-tender tas-CBA għall-proġett u s-sottomissjonijiet ta' tenders għalaq f'Marzu. Beda x-xogħol ta' riċerka fuq scoping u mapping tas-settur tad-disinn.<br>c. Ix-xogħol miexi sew fuq il-proġetti kollha skedati għal din is-sena. | a. It-tender tar-restawr tal-faċċata ġiet ippubblikata.<br>b. Ġie mogħti l-kuntratt tas-CBA u għaddej xogħol mid-Direttorat tar-Restawr fuq informazzjoni mitluba mill-MEPA<br>c. Il-proġetti kollha qed isiru skont iż-żminijiet skedati. Kien hemm żieda fil-lista tal-proġetti matul il-perkors ta' din is-sena. | a. Rapport tad-deċizjoni tal-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni ġie sottomess lid-Dipartiment tal-Kuntratti.<br>b. Fil-proċess li tiġi stabbilità l-istruttura li se tkun qed tiġġestixxi l-Cluster. | a. Jibda x-xogħol tar-restawr tal-faċċata tal-Berġa tal-Italja u jiġi ppubblikat it-tender tax-xogħlijiet maġġuri (li jinkludi restawr, servizzi infrastrutturali u interpretazzjoni). Jissokta x-xogħol fuq il-branding tal-MUŻA, liema xogħol hu maħsub li jagħlaq sal-aħħar tas-sena.<br>b. Hu maħsub li f'dan il-kwart titwaqqaf l-istruttura li ser tkun qed tmexxi d-Design Cluster kif ukoll li jinbeda x-xogħol fuq is-sit. | Fil-proċess li tiġi implimentata.<br><br>L-implimen-tazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa.<br><br>Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fi stat avvanzat hemm ukoll l-istudji għall-iżvilupp**<br><br>a. tal-Malta International Contemporary Arts Space (MiCAS)<br><br>b. tal-Villaġġ tal-Karnival | Coordinating Board for Culture Projects | a. Saru diversi laqgħat fejn ġew diskussi siti alternattivi li jkunu jistgħu jintużaw għall-MICAS.<br>b. Saru laqgħat mad-delettanti kollha tal-Karnival. Wara li ġie kkunsidrat dak kollu li hemm bżonn għall-ispazju għall-Villaġġ tlesta l-istudju kollu. | a. Saret analiżi tas-sit Ospizio u beda t-tindif tas-sit. | | | Implimentata |
| **Qed noħolqu fond ta' 80,000 ewro li bih se niffinanzjaw l-istadju inizjali tal-proġett għal Villaġġ tal-Karnival.** | Directorate for Technical Events of National Celebrations Foundations | Il-fond għal dan il-proġett inħoloq. | | | | Implimentata |
| **Se jinħoloq programm ġdid ta' finanzjament biex stazzjonijiet televiżivi fil-mezzi tax-xandir isaħħu l-programmi kulturali tagħhom.** | Kunsill Malti għall-Arti | Tfasslu linji gwida u l-kriterji li se jkunu qed jiggvernaw l-għoti tal-fondi. | It-tnedija tal-programm saret f'April. | | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jitwaqqaf Fond Artistiku biex jinvesti f'artisti Maltin.** | Kunsill Malti għall-Arti | Bdew id-diskussjonijiet dwar din il-miżura li se tkun qed titmexxa mill-Kunsill Malti għall-Arti flimkien mal-MEPA. | Komplew il-laqgħat u tressqu numru ta' proposti għall-evalwazzjoni. | Dan il-Fond ġie mwaqqaf u mħabbar f'Settembru. | | Implimentata |
| **Il-Gvern se jkun qed jaħdem sabiex jippromovi u jappoġġa t-talent lokali fil-qasam tal-arti tal-moda permezz ta' mużew fuq l-iżvilupp storiku tal-ilbies Malti mill-epoka tal-Kavallieri sal-lum, u li joffri wkoll spazji minn fejn jipproduċu u jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom id-disinjaturi li joperaw f'Malta.** | Direttorat għall-Kultura | Wara diversi laqgħat ma' dawk kollha kkonċernati ġie identifikat is-sit u tħejjew il-pjanti. Bdiet riċerka fuq il-kollezzjoni nazzjonali ta' lbies antik u ta' kif din il-kollezzjoni tista' tiżdied permezz ta' kollezzjonisti privati. Beda x-xogħol biex jinħarġu t-tenders meħtieġa. | Ħarġet it-tender biex isir is-CBA. Intbagħtet l-informazzjoni mitluba mill-MIMCOL sabiex jibdew jikkumpilaw il-business plan. Saru wkoll diversi laqgħat tekniċi ma' xi uffiċjali minn Heritage Malta dwar l-involviment tagħhom f'dan il-proġett. | Ix-xogħlijiet fuq is-CBA mixjin, kif ukoll dawk fuq il-business plan. L-applikazzjoni għall-fondi tal-ERDF ukoll miexja tajjeb. | | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fix-xhur li ġejjin, se niffokaw fuq l-iżvilupp tar-rotot u t-tiġdid tal-flotta: żewġ oqsma kruċjali li se jgħinu lill-Air Malta tikber, issostni d-dħul tagħha u taqta' ħafna spejjeż.** | Air Malta | Il-miżuri tal-Air Malta jibdew f'April. | Bejn April u Ottubru żdiedu numru ta' titjiriet fuq diversi rotot:<br><br>Amsterdam żdiedu żewġ titjiriet fil-ġimgħa. B'hekk ikun hemm titjira kuljum.<br><br>Brussell żdiedu żewġ titjiriet kmieni filgħodu fil-ġimgħa (ħlief Lulju u Awwissu). B'hekk ikun hemm disa' titjiriet fil-ġimgħa u possibbiltà li Maltin iżuru din il-belt għal ġurnata waħda mingħajr il-ħtieġa li jqattgħu lejl hemm.<br><br>Katanja żdiedu tliet titjiriet fil-ġimgħa. B'hekk ikun hemm tlettax-il titjira fil-ġimgħa.<br><br>Venezja bdew b'żewġ titjiriet fil-ġimgħa u tliett titjiriet matul Lulju, Awwissu u Settembru.<br><br>Milan (Ajruport ta' Linate) minn Ġunju żdiedu ħames titjiriet fil-ġimgħa. B'hekk ikun hemm titjira kuljum. | Alġerija żdiedet titjira fil-ġimgħa bejn nofs Lulju u nofs Settembru u għalhekk f'dan il-perjodu bdew joperaw tliett titjiriet fil-ġimgħa lejn il-belt kapitali tal-Alġerija.<br><br>Oran (Alġerija) hija rotta ġdida li ġiet ikkunsidrata għal programm qasir darbtejn fil-ġimgħa minn nofs Lulju sal-aħħar ta' Awwissu (wara r-Ramadan).<br><br>Liżbona hija rotta oħra ġdida li ġiet operata fuq bażi charter darba fil-ġimgħa matul Lulju u Awwissu. | Amsterdam; minn Novembru hemm il-ħsieb li din ir-rotta tkun operata erba' darbiet fil-ġimgħa u tinqata' minn ma' Brussell fix-xitwa. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jsiru wkoll xogħlijiet addizzjonali fuq aspetti bħal mixjiet fil-kampanja, xogħol ma' NGOs ambjentali, maniġġjar ta' siti finanzjati minn fondi tal-ERDF kif ukoll upgrades f'żoni turistiċi.**<br><br>a. Mixjiet fil-kampanja. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Filwaqt li tkompla l- proċess ta' manutenzjoni tal-mixjiet eżistenti bdiet analiżi ta' bzonn għal mixjiet ġodda. F'Marzu, ġiet identifikata mixja ġdida li dwarha qed issir evalwazzjoni ta' vijabbiltà. | Tlestiet l-analiżi u beda l-ippjanar tal-mixja li ġiet identifikata. | Bdiet l-implimentazzjoni. Kollezzjoni ta' informazzjoni, disinn ta' prodott u preparazzjoni ta' tenders. | Titkompla l-ħidma fuq il-mixja inkluż l-identifikazzjoni tax-xogħlijiet li hemm bżonn f'din iż-żona u finalizzazzjoni. | Implimentata |
| b. Xogħol ma' NGO's. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Inħolqu kollaborazzjonijiet ma' NGO's biex isiru proġetti speċifiċi ta' restawr fuq siti storiċi jew naturali. | Diskussjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni. | Diskussjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni. | Jitlesta x-xogħol tar-restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl. Ċertifikazzjoni u ħlasijiet. | Implimentata |
| c. Immaniġġjar ta' siti finanzjati mill-ERDF. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Tkomplija ta' mmaniġġjar ta' siti: Ġnien Pembroke u Pembroke Heritage Park. Tkomplija ta' diversi xogħlijiet fuq restawr: Torri Wignacourt u WWII gunpost f'San Pawl il-Baħar. | Tkomplija ta' mmaniġġar ta' siti. Tlesta x-xogħol fuq it-Torri Wignacourt ġewwa San Pawl il-Baħar. | Tkomplija ta' maniġġjar ta' siti. | Tkomplija ta' maniġġjar ta' siti. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| d. Tisbiħ ta' żoni turistiċi | MOT flimkien mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Twaqqfet Fondazzjoni għal Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi u bdew isiru pjanijiet amministrattivi u bidu ta' moniteraġġ.<br><br>Kollaborazzjoni ma' kunsilli lokali biex jitwettqu interventi ta' upgrading fiż-żoni. Assistenza lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar għal tisbiħ ta' żona fil-Qawra, kif ukoll tisbiħ u estensjoni tal-promenade f'San Pawl il-Baħar. | Identifikazzjoni ta' objettivi u inizjattivi speċifiċi mal-membri oħra tal-fondazzjoni u tkomplija tal-monitoraġġ taż-żoni.<br><br>Implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. Xogħol ta' tisbiħ tal-promenades tax-Xemxija, Buġibba u Qawra; ftuħ ta' TIO ġdid f'Buġibba. | Implimentazzjoni ta' inizjattivi skondt disponibbiltà tal-aġenziji u dipartimenti oħra tal-Gvern.<br><br>Implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. Jitkompla x-xogħol fuq inizjattivi msemmija u laqgħat ta' koordinazzjoni ma' entitajiet sabiex isiru xi interventi fil-Belt Valletta. | Implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. | Implimentata |
| **Din is-sena tajna bidu għal riorganizzazzjoni tal-bajjiet f'Kemmuna, partikolarment dik ta' Blue Lagoon, u se nkomplu nagħmlu dan is-sena d-dieħla.** | Awtorità Maltija għat-Turiżmu, MOT, Lands, MGOZ, Transport Malta u MEPA | Diskussjonijiet bejn l-aġenziji biex tiġi mfassla viżjoni fuq terminu twil għall-gżira ta' Kemmuna u deċiżjoni għal interventi żgħar oħra fit-terminu qasir għas-sajf 2015. | Ġie konkluż l-arranġament bejn MTA-GPD-MGOZ, kif ukoll evalwazzjoni tat-tender għall-kiri ta' deckchairs fuq il-Blue Lagoon u Santa Marija. Permessi meħtieġa għall-operaturi fuq dawn is-siti ħarġu u l-operat beda. | Tkomplija tal-implimentazzjoni u monitoraġġ fuq l-operaturi li joffru servizz bil-bajjiet ta' Kemmuna. | Implimentazzjoni u monitoraġġ fuq l-operaturi li joffru servizzi fil-bajjiet ta' Kemmuna. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | Implimentazzjoni tal-progetti maghzula." | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fil-qasam tat-turiżmu li ġej minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea, bosta pajjiżi għandhom sistemi diversi ta' kif wieħed jingħata rifużjoni tal-VAT qabel ma jħalli l-pajjiż. Matul is-sena li ġejja, se nkunu qed nintroduċu sistemi simili f'Malta għax hemm indikazzjonijiet li f'dawk il-pajjiżi li jħaddnu sistemi bħal dawn, jiġi ġġenerat aktar bejgħ lil din il-faxxa ta' turis**ti. | MOT / MFIN | Saru laqgħat bejn il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Ministeru għall-Finanzi biex din is-sistema tkun implimentata minn uffiċini oħra awtorizzati mid-Dipartiment tal-VAT u wkoll biex il-perjodu li wieħed jiġi ikkumpensat ikun f'inqas żmien. | Wara numru ta' laqgħat u konsult-azzjoni bejn MFIN u MOT, ġiet emendata u ppubblikata l-liġi fuq s-sistema l-ġdida biex tkun tista' tiġi implimentata f'uffiċini oħra awtorizzati mid-Dipartiment tal-VAT. L-espressjoni ta' interess biex jintgħażel l-operatur li ser jikkordina din is-sistema għalqet f'Mejju u ser jibda il-proċess tal-għażla tal-operatur li ser jikkordina din is-sistema. Il-legal notice dwar din il-miżura ħarġet. | Inbeda l-proċess ta' evalwazzjoni biex jintgħażel l-operatur u jinbeda l-proġett. | Wara l-għażla tal-operatur l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ser tkun qed tgħin fil-promozzjoni ta' dan is-servizz barra minn xtutna. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se titwaqqaf fondazzjoni li tippromovi, toħloq u tinkoraġġixxi konvenzjonijiet u kungressi biex jinżammu f'pajjiżna, il-Conventions Malta.** | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | F'dawn it-tliett xhur twettaq ippjanar intern fuq l-istrutturi li fuqhom ser tkun qiegħda tiġi ffurmata Conventions Malta, kif ukoll saru laqgħat ma' stakeholders fl-industrija tal-konferenzi u l-kungressi bħal MHRA u l-FATTA. Beda wkoll ix-xogħol fuq il-branding ta' Conventions Malta, li huwa pjanat li jiġi varat għall-ewwel darba waqt il-Fiera ta' IMEX fi Frankfurt il-Ġermanja. | Tkompla x-xogħol fuq it-tnedija ta' Conventions Malta. Conventions Malta, ġiet imnedija fl-14 ta' Mejju, 2015, bi preżentazzjoni li saret f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Titkompla l-ħidma biex sa Mejju 2016, Conventions Malta tibda l-promozzjoni tagħha fuq skala internazzjonali għal konferenzi organizzati minn assoċjazzjonijiet internazzjonali. | Conventions Malta kompliet il-proċess biex issaħħaħ l-istrutturi tagħha b'persuni b'esperjenza fis-settur. Ġew ikkunsidrati diversi parteċipazzjonijiet f'fieri internazzjonali, biex issir promozzjoni għall-industrija. | Jitkompla x-xogħol biex għal April 2016, Conventions Malta tniedi kampanja ta' promozzjoni b'dehra kompletament ġdida, waqt il-Fiera tal-IMEX fi Frankfurt, il-Ġermanja. Titkompla l-ħidma fuq il-pjan biex jiġu riveduti skemi li jinċentivaw assoċjazzjonijiet biex jorganizzaw konferenzi f'pajjiżna, kif ukoll ħidma għal sit elettroniku u database system ġodda. | Implimentata |
| **Is-sena d-dieħla, il-Kummissjoni tal-Films se tinvesti aktar f'kampanja internazzjonali sabiex nattiraw aktar films lejn pajjiżna.** | Il-Kummissjoni Maltija għall-Films | Tfassil ta' kampanja ta' marketing u reklamar. | Bookings fuq magazines u siti internazzjonali, speċjalizzati fil-films, għas-sena kollha. | Ħidma intensiva fuq kampanja ta' reklami online bi tħejjija għall-festival ta' Toronto u festivals oħra fix-xhur li ġejjin. F'Settembru l-Film Commission iffukat fuq il-festival ta' Toronto. | F'Ottubru, il-Film Commission mistennija tiffoka fuq il-festival ta' Londra, f'Novembru fuq is-suq tal-films Amerikan u f'Diċembru fuq esebizzjoni internazzjonali ta' locations tal-films f'Londra. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se nkomplu ninvestu fir-riżorsi umani, permezz ta' taħriġ għal persuni li diġà jaħdmu jew jixtiequ jibdew jaħdmu fl-industrija tal-films bl-introduzzjoni ta' inċentivi ġodda u korsijiet speċjalizzati għal film makers lokali.** | Il-Kummissjoni Maltija għall-Films | Tnieda proġett flimkien ma' Film London biex jingħata taħriġ speċjalizzat lill-Film Makers lokali, fuq livell kreattiv. Il-proġett jiswa Euro 430,000 u qed isir minn fondi tal-Fond Soċjali Ewropew (ESF). | Tkompla u qiegħed fi stadju avvanzat il-proġett flimkien ma' Film London. Intgħażel proġett fuq kriterji stabbiliti u nbeda l-proċess biex isiru l-preparamenti u jibda l-filming ta' dan il-proġett. | Kompla l-proġett flimkien ma' Film London biex artisti Maltin jitgħallmu u jieħdu esperjenza kif jagħmlu film mill-bidu sal-aħħar. Bdew ukoll l-aħħar korsijiet għal dawk li huma interessati jaħdmu fl-industrija billi jagħtu servizz lill-produzzjonijiet barranin. | Jintemmu korsijiet specjalizzat għal dawk kollha li riedu jitħarrġu fl-industrija tal-films. L-investiment totali fuq perjodu ta' sentejn kien ta' madwar miljun ewro, mill-Fond Soċjali Ewropew (ESF). Sar ukoll kors speċjalizzat għal artisti lokali li riedu jipproduċu film. Dan wassal biex fl-aħħar sar ukoll feature film, b'talent kollu Malti, li ntuża bħala taħriġ prattiku għal dawk kollha li ħadu sehem fil-korsijiet. | Implimentata |
| **Se ninċentivaw ukoll l-investiment fl-infrastruttura tal-films, b'mod partikolari sound stages, li hawn nuqqas tagħhom hawn Malta.** | Il-Kummissjoni Maltija għall-Films | Il-ħidma fuq din l-inizjattiva għaddejja flimkien mal-Malta Enterprise, li qed tkun involuta wkoll fit-tfassil tal-politika nazzjonali dwar il-films li tħabbret f'Marzu. | Saret ħidma biex isir studju dettaljat dwar il-potenzjal tal-Film Studios ma' diversi entitajiet fosthom Mimcol u Lands Department. Il-Film Commission flimkien mal-MIMCOL lestew rapport dettaljat dwar il-potenzjal tal-Film Studios tal-Kalkara u l-invistiment li jinħtieġ fl-industrija tal-films, inkluż il-possibilità li jkun hemm investiment kbir f'dan il-post u jsiru wkoll sound stages. Dan ir-rapport ġie preżentat lill-awtoritajiet konċernati sabiex tittieħed deċiżjoni finali. | Bdiet ħidma biex toħroġ sejħa pubblika għal kumpaniji li jridu jinvestu fi studios għall-films. | Toħroġ sejħa għal imsieħba strateġiċi biex fl-istudios tal-kalkara isir l-investiment meħtieġ. Ġie ingaġġat Project Management Consultant biex tiġi fis-seħħ il-PPP. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se ssir sejħa għall-imsieħba strateġiċi internazzjonali interessati li jipproponu mudelli ta' tmexxija tal-Faċilità tar-Rinella, flimkien ma' investiment fir-riżorsi eżistenti, kif ukoll il-bżonn ta' oħrajn ġodda bħal sound stages. Mhux eskluż li dan l-investiment jieħu l-forma ta' PPP. Se ssir sejħa għall-imsieħba strateġiċi internazzjonali interessati li jipproponu mudelli ta' tmexxija tal-Faċilità tar-Rinella, flimkien ma' investiment fir-riżorsi eżistenti, kif ukoll il-bżonn ta' oħrajn ġodda bħal sound stages. Mhux eskluż li dan l-investiment jieħu l-forma ta' PPP.** | Il-Kummissjoni Maltija għall-Films | Preparazzjoni ta' rapport mill-Film Commission. | Tlesta rapport dettaljat mill-Film Commission flimkien mal-MIMCOL dwar l-investiment li jeħtieġ fl-Film Studios tal-Kalkara bil-possibilità li jkun hemm investiment kbir f'dan il-post u jsiru wkoll sound stages. Ġie ppreżentat lill- awtoritajiet konċernati biex tittieħed deċiżjoni finali dwar il-futur ta' dawn il-faċilitajiet. | Toħroġ s-sejħa għal kumpaniji li jridu jinvestu fi studios għall-films. Ġie ingaġġat Project Management Consultant biex tiġi fis-seħħ il-PPP. Wieħed mill-punti prinċipali ta' din il-proposta se jkun sound stages. | L-RFP għall-ingaġġar tal-Istrategic Partner għall-PPP għandu jsir f'nofs Ottubru. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ħidma għal level playing field fin-negozju – Il-unit il-ġdid se jkun parti mill-Forzi Armati u se jinkorpora fih dak li sal-lum kien ir-Revenue Security Corps. Se ssir konsultazzjoni mal-istakeholders dwar il-ħidma ta' dan il-unit.** | Forzi Armati ta' Malta | Saru numru ta' laqgħat bejn il-Forzi Armati u l-Ministeru tal-Finanzi sabiex tiġi stabbilita l-ħidma meħtieġa u r-responsabbiltà ta' din l-iskwadra. Saru wkoll diskussjonijiet Interni mill-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali fuq l-organizzazzjoni ta' din l-iskwadra. | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet interni sabiex jiġu stabbiliti r-responsabbiltajiet ta' din l-iskwadra. Saru arranġamenti sabiex issir żjara fl-Italja u jibdew diskussjonijiet mal-Guardia di Finanza sabiex jiġu osservati l-funzjonijiet li jwettqu. | Din il-miżura ġiet diskussa mal-Ministeru tal-Finanzi, biex jiġu esplorati l-kunċetti fundamentali ta' dan il-unit i.e. skrutinju u investigazzjonijiet t'abbużi. | Wara li jiġu stabbiliti l-fatturi kollha biex jiġi ffurmat il-korp, mistenni jinbeda l-proċess li jinvolvi r-riżorsi umani u t-teknika relatata mal-amministrazzjoni tax-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Se nagħtu d-dritt lill-ħaddiema kollha tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li jkunu jistgħu jgawdu mill-pensjoni tal-irtirar wara 25 sena servizz bħal fil-każ tal-pulizija u s-suldati.** | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Saru numru ta' laqgħat interni bejn id-Dipartiment u l-Ministeru fejn ġew diskussi emendi meħtieġa fil-liġi rigward l-għarfien tad-Direttur, Deputati Diretturi u Managers. L-emenda ġiet ippreżentata lill-Kabinett  Saret ukoll konsultazzjoni pubblika dwar l-imsemmi Att (411) li għenet sabiex tittieħed deċiżjoni aktar infurmata. | Dan il-proċess għadda mit-tieni qari bi qbil unanimu fil-Parlament. | Din il-miżura tinsab fl-aħħar stadju fil-Parlament. | Il-proċess mistenni jkun komplut. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Kumpens lill-membri tal-forzi dixxiplinati li jsofru diżabilità waqt il-qadi ta' dmirijiethom.** | Forzi Armati ta' Malta / Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili / Faċilità Korrettiva ta' Kordin / Il-Korp tal-Pu lizija | Ġew imħejjija emendi għal-leġiżlazzjoni varja li tirregola l-Pulizija, il-Forzi Armati, il-Protezzjoni Ċivili u l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. L-Abbozzi li jemendaw l-Att dwar il-Pulizija u l-Att dwar il-Ħabs ġew konklużi. Ġew imħejjija wkoll emendi għal-leġiżlazzjoni sussidjarja li tirregola l-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Faċilità Korrettiva u tal-Forzi Armati ta' Malta. Ġiet imħejjija leġiżlazzjoni sussidjarja sabiex tiġi stabbilita s-sistema tal-pensjoni tal-uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili. | Tressqu emendi fl-Att dwar il-Pulizija u l-Att dwar il-Ħabs fil-Parlament. Leġiżlazzjoni sussidjarja kellha titressaq quddiem il-Kabinet. | Dan il-proċess għaddej mill-fażi finali tal-Parlament. | F'dan il-kwart mistennija tidħol fis-seħħ din il-leġiżlazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Immigranti minuri kemm jekk akkumpanjati u anke jekk ikunu jivjaġġaw waħedhom, kif ukoll persuni vulnerabbli ma jitpoġġewx iżjed f'ċentri ta' detenzjoni.** | Direttorat għall-Politika u l-Impli-mentazzjoni tal-Programmi (PDPID) | Ġie ppreparat ċentru f'Ħal Far illi ma jaqax taħt id-detenzjoni, iżda taħt l-AWAS bħala ċentru miftuħ, illi ser jibda jilqa' fih immigranti minuri wara li jiġu rilaxxati mill-awtoritajiet tas-saħħa. | | | | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-proġetti tal-microwave link u tal-bini tal-kwartieri marittimi l-ġodda tal-Forzi Armati Maltin għandhom jitlestew.** | Forzi Armati ta' Malta | Rigward il-Kwartieri Marittimi nbeda x-xogħol strutturali meħtieġ. Ix-xogħol strutturali mexa skont kif ippjanat. Inbeda x-xogħol intern fuq is-servizzi bħal fire system, dawl u ilma. Dwar il-Microwave Link saret l-aġġudikazzjoni tat-tender u saret laqgħa inizjali mal-entità li rebħet it-tender. Inbeda x-xogħol fuq l-infrastruttura u tkompliet l-evalwazzjoni fuq ir-raba' tender minħabba li bħala proġett kien imqassam f'numru ta' xogħlijiet. | Tkompla x-xogħol tal-infrastruttura rigward il-Kwartieri Marittimi. Rigward il-Microwave Link, tkompla x-xogħol ta' twaħħil tal-antenni, il-wiring meħtieġ u infrastruttura oħra skont il-bżonn. Tkompla wkoll ix-xogħol amministrattiv relatat ma' tendering sabiex jinxtara l-apparat meħtieġ. | Rigward il-Kwartieri Marittimi, il-programm ta' xogħol miexi kif ippjanat u wasal fil-fażi finali ta' installazzjonijiet. Ix-xogħol strutturali u tekniku relatat mal-miżura tal-Microwave link wasal fil-fażi finali. | Ix-xogħlijiet mistennija li jkunu lesti. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Se jinxtara t-tielet ħelikopter għall-Armata.** | Forzi Armati ta' Malta | Ġiet sottomessa lista kompluta ta' proġetti biex jiġu approvati u ffinanzjati mill-UE taħt il-programmi EBF 07-13 u ISF 14-20. Ser jintużaw ukoll fondi nazzjonali. Fost dawn il-proġetti hemm dak tax-xiri tat-tielet ħelikopter. | Il-FAM kienet qed tistenna l-approvazzjoni finali tal-proġett mill-UE. Id-desk officers responsabbli mill-proġetti tal-Internal Security Fund (ISF) għal Malta għamlu żjara f'pajjiżna biex jiġu spjegati lilhom il-proġetti proposti. Il-FAM kompliet taħdem mad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq l-addendum għall-kuntratt ġdid. | F'Ġunju, id-Dipartiment tal-Kuntratti f'isem il-FAM iffirma l-kuntratt għax-xiri tat-tielet ħelicopter AW139 mingħand il-kumpanija Taljana AgustaWestland għall-prezz ta €14-il miljun. Saret laqgħa bejn il-FAM u l-Agusta Westland biex jitfassal il-pjan tal-kostruzzjoni tal-ħelikopter. | Mistennija jkomplu l-kuntatti bejn il-FAM u l-kumpanija li qed tibni l-ħelicopter biex isegwu l-progress li qed isir. | Implimentata |
| **Fire Station Santa Venera**<br><br>a. Se jinbeda x-xogħol fuq il-fire station ta' Santa Venera. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Komplew għaddejjin laqgħat rigward il-preparazzjoni ta' dan l-istazzjon tat-tifi tan-nar ġewwa Santa Venera. Saru s-surveys meħtieġa u saru laqgħat sabiex jiġu assigurati l-fondi allokati għat-tlestija tal-proġett. Qed issir ħidma biex jinġiebu l-permessi meħtieġa għal dan il-proġett fosthom mill-MEPA. | Tkomplew id-diskussjonijiet fuq l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Tkomplew is-surveys fuq l-art u ġie ċċekkjat minn fejn qed jgħaddu s-servizzi minn taħt l-art. Ġiet ukoll sottomessa l-applikazzjoni quddiem il-MEPA għall-bini ta' dan il-proġett. Kien qed jiġi mfassal tender relatat mal-imsemmi bini. Saru laqgħat mal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. | Tkompla x-xogħol amministrattiv li hemm bżonn sabiex iseħħ il-proġett. Ser ikun hemm aktar diskussjonijiet ma' dawk kollha involuti sabiex il-proġett jitwettaq. | Mistenni li jitkomplew id-diskussjonijiet meħtieġa, jitfasslu l-pjanijiet u jinbeda x-xogħol meħtieġ wara li jinħarġu l-permessi relattivi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| b. Se jitħejjew il-pjanti biex isiru kwartieri ġodda tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Komplew għaddejjin laqgħat rigward din il-miżura. | Saru diskussjonijiet mill-aspett tekniku relatati mal-ippjanar strutturali. | Tkomplew id-diskussjonijiet meħtieġa. | Huwa mistenni li jitkomplew id-diskussjonijiet meħtieġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| c. Se jitħejjew il-pjanti biex issir Akkademja għad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Komplew għaddejjin laqgħat rigward din il-miżura. | Hemm il-ħsieb li l-Akkademja mmexxija mill-pulizija tkun taqdi l-bżonnijiet tal-Korpi Dixxiplinarji kollha. Għaddejjin diskussjonijiet ma' entitajiet edukattivi dwar dan. | Tkomplew id-diskussjonijiet meħtieġa speċjalment dwar it-taħriġ tekniku u l-aspetti legali. | Jibdew jiġu mfassla l-pjanijiet sabiex tiġi ffurmata l-istruttura tal-korsijiet tekniċi li hemm il-ħsieb li jibdew isiru fl-akkademja ġewwa Ħal Far. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Se jinxtraw aktar vetturi għad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.** | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Saru laqgħat mal-Ministeru tal-Finanzi biex jiġu allokati fondi għax-xiri ta' vetturi li jintużaw fit-tifi tan-nar. Saret ħidma interna biex jiġu identifikati dawk il-vetturi li jistgħu jaqdu aħjar il-ħtiġijiet ta' pajjiżna. Ġiet approvata t-talba biex jinxtraw tnax-il vettura ġdida oħra u biex dan iseħħ, inbeda l-proċess tat-tendering. Bdiet l-aġġudikazzjoni ta' tender fejn inxtraw seba' vetturi oħra, liema proċess inbeda fl-2014. | Tkomplew il-proċeduri relatati mal-proċess tat-tendering fejn kien hemm bżonn ta' dokumentazzjoni sabiex jinġiebu parti mill-vetturi u jitkompla l-proċess sabiex jinġiebu l-bqija tal-vetturi. | Qed issir ħidma amministrattiva sabiex numru ta' vetturi jinġiebu f'Awwissu (tliet All-Terrain Fire Engines) u numru ta' vetturi oħra jilħqu jaslu sa Diċembru. | Dawn għandhom jikkumplimentaw il-flotta ta' vetturi tal-Protezzjoni Ċivili sa Diċembru 2015. (It-3 All-Terrain Fire Engines ghandhom jaslu sal-aħħar ta' Awwissu filwaqt li l-bqija tal-flotta mistennija li jaslu sa Diċembru.) | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Reception Centre**<br><br>a. Jinħareġ tender sabiex sit indentifikat għal Reception Centre ġdid għall-immigranti jiġi żgumbrat. | L-Aġenzija tal-Welfare tal-Persuni li jfittxu Ażil (AWAS) | F'dan il-kwart saret ħidma biex jiġu allokati fondi u b'hekk is-sit identifikat jitnaddaf mill-asbestos. Il-project team ra ukoll sit alternattiv. | Beda t-tfassil tat-tender għat-tneħħija tal-asbestos mill-Ministeru u ġie ppubblikat. Sar xogħol amministrattiv relatat mat-tindif ta' dan is-sit, it-trasferiment tal-art, xogħol relatat ma' ppjanar, xogħol ieħor relatat mal-infrastruttura u proċessi oħra ta' tendering relatati ma' dokumentazzjoni meħtieġa sabiex jinġiebu l-fondi. | Tkompla x-xogħol amministrattiv relatat mal-fondi meħtieġa. Ingħata t-tender għat-tneħħija tal-asbestos u diġà nbeda x-xogħol ta' ppakkjar u tneħħija. Il-ħidma amministrattiva hija waħda intensa minħabba l-ħinijiet u ż-żmien li jridu jiġu rispettati. | Ladarba jitneħħa l-asbestos tibda l-ħidma teknika u amministrattiva relatata mal-bini taċ-ċentru ġdid. | Implimentata |
| b. Jinħareġ tender ieħor għall-kostruzzjoni tal-istess sit. Jinħareg l-Order to Start Works. | L-Aġenzija tal-Welfare tal-Persuni li jfittxu Ażil (AWAS) | | Kien qed jiġi maħsub biex tiġi żgumbrata l-art mill-asbestos qabel jibdew id-diskussjonijiet dwar din il-miżura. | Saru avvanzi fit-tneħħija tal-asbestos u għaldaqstant beda l-proċess biex tibda titwettaq din il-miżura. | Huwa mistenni li jibdew ix-xogħlijiet relatati ma' ppjanar u permessi għal din il-miżura. | Implimentata |
| **Is-sena d-dieħla għandu jinbeda x-xogħol fuq it-tkabbir tal-faċilità korrettiva għaż-żgħażagħ fl-Imtaħleb.** | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Inbeda l-proċess mal-MEPA biex jinkisbu l-permessi meħtieġa. Sar studju dwar ir-reviżjonijiet fin-nefqa. Kien hemm numru estensiv ta' laqgħat interni kif ukoll ma' dawk li ser ikunu qed jaħdmu fuq il-proġett kif ukoll mal-Awtoritajiet Norveġiżi (liema fondi qed jingħataw mil-Fond Norveġiż). Apparti l-aspett tekniku ġew diskussi wkoll aspetti ta' taħriġ relatat mal-faċilità. | Tkomplew sensiela ta' laqgħat mal-awtoritajiet Norveġiżi u saru numru ta' laqgħat internament flimkien mal-Perit u l-Inġinier li qed jieħdu ħsieb il-proġett rigward l-infrastruttura. Saru xi rapporti sabiex ikunu jistgħu jinħarġu l-permessi meħtieġa. Tkomplew il-kuntatti mal-MEPA biex ikompli l-proċess tal-permessi. Sar xogħol amministrattiv relatat ma' tendering. | F'Awwissu ġie ppjanat li tinħareġ is-sejħa relatata ma' dan il-proġett. Delegazzjoni ta' erba' membri mid-Dipartiment marret ġewwa n-Norveġja sabiex tara s-sistema Norveġiża għall-priġunieri żgħażagħ fil-prattika. L-ewwel sett ta' sessjonijiet ta' taħriġ ingħata lill-uffiċjali. | Huwa mistenni li jinħarġu t-tenders neċessarji u tibda l-ħidma fuq il-proġett, filwaqt li jitkomplew id-diskussjonijiet tekniċi. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Is-Central Visa Unit (CVU) se tiġi trasferita għall-binja tal-Evans biex b'hekk jissaħħaħ aktar il-kunċett tal-one stop shop, bil-Passaporti, Reġistru Pubbliku, Ċittadinanza u s-CVU, li kollha jagħmlu parti mill-Aġenzija Identity Malta, taħt saqaf wieħed.** | Identity Malta | L-ewwel fażi tal-proċess biex jiġi trasferit l-uffiċċju tal-passaporti nbeda, fejn il-Malta Security Service riedu japprovaw il-pjanti l-ġodda biex flimkien mal-esperti jkun jista' jiġi mfassal it-tender. | Tkomplew id-diskussjonijiet rigward din il-miżura li wasslu għall-identifikar ta' sit ieħor fejn jista' jitkompla l-operat. | Din il-miżura ser tkun qed isseħħ ladarba jiġi identifikat post ieħor fejn l-uffiċini ser ikunu rilokati. | Mistennija tkompli l-ħidma biex jiġi identifikat post adekwat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| **Tisħiħ tal-Korp**<br><br>a. Matul is-sena d-dieħla, il-Korp tal-Pulizija se jkompli jissaħħaħ permezz ta' riorganizzazzjoni interna tal-Korp. | Il-Korp tal-Pulizija | Tfasslet organogramma ġdida biex isir it-tibdil meħtieġ fl-istruttura tal-korp. Ġew maħtura 29 Spettur ġdid li qed jgħinu fir-riorganizzazzjoni. Inħarġet sejħa għar-reklutaġġ ta' aktar Kuntistabbli. Twaqqfet ukoll il-Victims Support Unit fi ħdan it-taqsima tal-Vice Squad. | Ġew ingaġġati mal-150 rekluta ġdid. Beda jiġi preparat unit ġdid ta' Pulizija li ser ikunu qed jieħdu ħsieb is-Sigurtà tal-Parlament. Tkomplew diskussjonijiet varji dwar ir-riorganizzazzjoni. | Bdew jinħatru Supretendenti ġodda biex ikompli jissaħħaħ il-management tal-Korp tal-Pulizija. Il-Ministeru ħejja pjan strateġiku għall-Korp tal-Pulizija fejn jinkorpora t-tisħiħ tal-istruttura fil-Korp. Ġie mqassam ukoll kwestjonarju mal-membri kollha tal-Korp sabiex issir analiżi mit-tweġibiet li jagħtu bil-vantaġġ li jkun hemm esperjenzi li ġraw fuq il-lant tax-xogħol u allura tittieħed azzjoni aktar effettiva fit-tfassil tal-programm ta' riorganizzazzjoni. | Mistenni li titkompla l-evalwazzjoni tal-informazzjoni miġbura biex titkompla r-riorganizzazzjoni tal-Korp tal-pulizija, liema ħidma ser tkun qed ittejjeb il-post tax-xogħol għall-uffiċjali u jingħata servizz aħjar lill-persuni li jiġu bżonn is-servizz tal-Pulizija. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| b. Se jinħatar Kap Eżekuttiv għall-Korp li jkun jirrapporta lill-Ministru. | Il-Korp tal-Pulizija | Saru numru ta' laqgħat interni fejn ġie kjarifikat ir-rwol tal-Kap Eżekuttiv. | Ġie mħejji l-kuntratt t'impjieg għall-Kap Eżekuttiv. Tkomplew id-diskussjonijiet finali fuq din il-pożizzjoni. Ġew anki kkonsultati awtoritajiet governattivi oħra. | Tkomplew id-diskussjonijiet finali rigward din il-ħatra. | Huwa mistenni li s-CEO il-ġdid jibda l-ħidma tiegħu/tagħha u jikkontribwixxi b'mod dirett fir-riorganizzazzjoni tal-Korp tal-Pulizija. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| c. Qed isir studju dwar il-possibilità li titwaqqaf Prosecutions Unit fi ħdan jew barra mill-Korp. | Il-Korp tal-Pulizija | Saret evalwazzjoni interna biex jiġi esplorat il-mod kif ikun iffurmat dan il-unit. | Saru sforzi sabiex tinstab soluzzjoni fuq il-problema tar-riżorsi umani. Ġiet anki kkonsidrata kollaborazzjoni ma' Ministeri oħra. Ser tkompli l-ħidma biex tissaħħaħ din l-istruttura. | Tkomplew id-diskussjonijiet biex tkun irfinuta l-ħidma li għandha ssir minn dan il-unit. Tkompla l-proċess biex tinstab soluzzjoni għall-problema tar-riżorsi umani meħtieġa sabiex titwettaq il-ħidma speċifika ta' din il-unit. | Huwa mistenni li tinstab is-soluzzjoni meħtieġa u titkompla l-ħidma sabiex dan il-unit jibqa' dejjem jissaħħaħ u jkun ta' servizz. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| d. Il-bini tal-Akkademja tal-Pulizija issa tlesta. Il-ħsieb tal-Gvern huwa li l-Akkademja tiegħu l-forma ta' Kulleġġ b'ċertifikati akkreditati. | Il-Korp tal-Pulizija | Tlestiet dokumentazzjoni dwar l-istruttura amministrattiva u saru laqgħat bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Ministeru. Għandhom jiġu esplorati entitajiet oħra li kienu ta' suċċess f'dan il-qasam. | Saret ħidma biex jiġi maħtur Direttur tal-Istudji u b'hekk tkun tista' tiġi msawra struttura edukattiva fejn din l-istess struttura sservi sabiex jittieħdu deċiżjonijiet għal pjanijiet usa'. Għaddejjin diskussjonijiet dwar tibdil fl-istruttura tal-Akkademja. Emendi għal-liġi (Malta Police Act) biex jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kabinett u sussegwentement tal-Parlament. | Saru diskussjonijiet varji relatati mal-proġett fejn fost l-oħrajn ġie diskuss l-operat, il-kurrikulu, ir-riżorsi umani u attivitajiet li jistgħu jitwettqu. Ser jinbeda l-proċess li jinħatar Direttur tal-Istudji. | Huwa mistenni li jinħatar Direttur u tkompli l-ħidma. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2014 LI TWETTQU FL-2015

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Se jinbeda l-Household Budgetary Survey sabiex jiġi aġġornat l-indiċi tal-prezzijiet. | MFIN | Din il-miżura twettqet fl-ewwel kwart tas-sena 2015. | Implimentata |
| 70 | Il-Gvern se jinkoraġġixxi lis-single parents sabiex itejbu l-prospetti għall-impjieg tagħhom. Dawk is-single parents li qegħdin fuq l-assistenza soċjali se jingħataw kreditu ta' bejn 200 u 1000 ewro meta jidħlu għal taħriġ vokazzjonali intensiv jew inkella jekk jidħlu fis-sistema edukattiva full-time sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom. | MEDE | Din il-miżura twettqet fl-ewwel kwart tas-sena 2015. | Implimentata |
| | Mosta Housing Estate - Blata l-Għolja. | MTI | Ix-xogħlijiet marbuta ma' dan il-proġett tlestew. Għaldaqstant, din il-miżura ġiet implimentata. | Implimentata |
| 97 | Qegħdin nivvotaw ukoll is-somma ta' 2.6 miljun ewro fuq tliet snin sabiex nibdew nonoraw impenn, li kien daħal għalih il-Gvern preċedenti mingħajr ma ħaseb għall-flus, li jgħin lir-raħħala li investew fit-tined tal-baqar. | Agricultural Directorate MSDEC | Din il-miżura ġiet implimentata fit-tieni kwart tas-sena. | Implimentata |
| 114 | Dan il-pjan diġà beda jissaħħaħ permezz tal-ftehim mal-Libja dwar ix-xiri taż-żjut u gass bi prezzijiet vantaġġjużi, kif ukoll permezz tal-investiment dirett fl-Enemalta miċ-China Power Investments u Shanghai Power. | MEH (E) | Il-kuntratti max-Shanghai Electric Power ġew iffirmati f'Diċembru 2014 u l-ftehim ġie milħuq. | Implimentata |
| 115.4 | Ftuħ ta' aktar fergħat (ARMS). | MEH (E) | Infetħet fergħa fil-Belt Valletta fit-tielet kwart tas-sena 2014. | Implimentata |
| 115.5 | Rati "residenzjali" għal individwi barranin joqogħdu Malta. | MEH (E) | Il-miżura bdiet tiġi implimentata fil-bidu tas-sena 2015. | Implimentata |
| 117 | Reviżjoni jew tfassil mill-ġdid ta' leġiżlazzjoni relatata mal-blata kontinentali, mat-tiftix għaż-żejt u mas-saħħa, siġurtà u ambjent minn attività għat-tiftix għaż-żejt. | MTI | L-emendi fuq l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum ġew ippubblikati.<br>Ir-regolamenti dwar id-direttiva fuq Siġurtà Offshore nħarġu.<br>Ir-regolamenti ġodda taħt l-Att dwar il-Blata Kontinentali tressqu lill-Ministru responsabbli. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 131 | F'dan il-baġit se nibdew l-għoti u l-użu tat-tablets fis-sistema edukattiva. Qed immorru l-ewwel għal proġett pilota fuq parir tal-għalliema u esperti biex it-tranżizzjoni tkun bl-inqas problemi possibbli għal uliedna. Nemmnu li b'dan il-proġett se nagħtu spinta kbira lill-modernizzazzjoni tas-sistema edukattiva u l-metodi ta' tagħlim. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2015. | Implimentata |
| 142 | "Proġett li bil-ħila ta' kowċis u futbolers professjonali nressqu lit-tfal aktar lejn il-qari. Il-kowċis u l-futbolers magħżula huma r-role models għal dawn it-tfal u bl-għajnuna professjonali tagħhom se jkunu qed ikabbru l-interess fit-tfal biex jaqraw aktar. | MEDE | Din il-miżura ġiet amalgamata mal-inizjattivà 'Aqra Miegħi'. | Implimentata |
| 144 | Se ninvestu aktar fl-Orkestra Nazzjonali, anke billi jiġi identifikat u stabbilit sit għaliha. | MJCL | Din il-miżura twettqet fit-tielet kwart tas-sena 2015. | Implimentata |
| 155 | Se ngħinu liċ-ċinema lokali tadotta t-teknoloġija diġitali fil-wiri tal-films. Għal dan il-għan se ninvestu nofs miljun ewro fuq sentejn. | MJCL | Din il-miżura twettqet fit-tieni kwart tas-sena 2015. | Implimentata |
| 156 | Se nsaħħu s-sehem tagħna fl-Unjoni Ewropea: Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-operation review li saret lill-EU Secretariat. | MEAIM | Din il-parti ta' din il-miżura ġiet implimentata fit-tielet kwart ta' din is-sena. Għaldaqstant, din il-miżura hija kompluta. | Implimentata |
| 166 | Se ninvestu wkoll, fost oħrajn, f'microwave link ġdid għaċ-ċentru tal-operazzjonijiet fil-bażi marittima. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2015. | Implimentata |
| 169 | Matul is-sena li ġejja mistenni li tibda tinħareġ il-karta tal-identità l-ġdida. Ma' dan il-proċess se naħdmu biex ngħaqqdu dak biex in-nies jirreġistraw għall-e-ID. | MHAS | It-tiġdid tal-karta tal-identità saret fil-lokalitajiet kollha. Rigward l-e-ID accounts, din hija miżura tas-Simplifikazzjoni u għandha tkun lesta sa Diċembru 2017. | Implimentata |
| 171 | Il-Gvern se jgħin lill-Kunsilli Lokali sabiex ixandru l-laqgħat tagħhom fuq l-internet. | MJCL | Din il-miżura twettqet fit-tieni kwart tas-sena 2015. | Implimentata |
| 178 | Ser tissaħħaħ l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. | MSDC | Din il-miżura twettqet fl-ewwel kwart tas-sena 2015 - ġew maħtura tliet Diretturi Ġenerali, Aġent Direttur Ġenerali, Direttur (Infurzar) u Awditur Intern. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 191 | Qegħdin naħsbu sabiex sal-2015 jinbnew żewġ swali akuti ġodda li jesgħu 68 pazjent. | Sptar Mater Dei, MEH (H). | Din il-miżura twettqet fl-ewwel kwart tal-2015. | Implimentata |
| 219 | Tħejja pjan li se jwassal għal titjib fil-kura kemm fl-Isptar Monte Carmeli, id-diversi ċentri oħra u fuq kollox il-Young People's Unit (YPU). Se nżidu s-servizzi għall-kura mentali fil-komunità. | Servizzi għas-Saħħa Mentali (inkluż Sptar Monte Carmeli u Servizzi fil-Komunità għas-Saħħa Mentali), MEH (H). | Din il-miżura twettqet fit-tielet kwart ta' 2015. | Implimentata |
| 241 | Se jsir xogħol ta' tisbiħ f'St Francis wards 3 u 4 fir-residenza San Vinċenz de Paule. Qegħdin nallokaw is-somma ta' 1,373,654 ewro għal dan il-għan. | MFSS | Ħarġu sejħiet relatati max-xogħlijiet finali. Tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni u tas-servizzi, u nfetħu ż-żewġ swali. | Implimentata |